



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1328 tad-29 ta' Lulju 2016 li jimponi dazju antidumping definitiv u li jiġbor b'mod definitiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1329 tad-29 ta' Lulju 2016 li jimponi d-dazju antidumping definitiv fuq importazzjonijiet reġistrati ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa** 27
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1330 tat-2 ta' Awwissu 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi ⁽¹⁾** 43
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1331 tat-3 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 97

DEĊIŻJONIJET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1332 tat-28 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-għamara (notifikata bid-dokument C(2016) 4778) ⁽¹⁾** 100

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1328

tad-29 ta' Lulju 2016

li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

1. PROCĊEDURA

1.1. Miżuri Proviżorji

- (1) Fit-12 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet dazju antidumping fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti prodotti rrumblati ċatt tal-ħadid jew ta' azzar mhux-liga, jew azzar ta' liga ieħor iżda mhux azzar inossidabbli, ta' kull wiśa', rrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksiġin jew mġhottijin u mhux maħdumin iktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana) ("prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ") u mill-Federazzjoni Russa ("ir-Russja") (flimkien imsejħin "il-pajjiżi konċernati") permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/181 ⁽²⁾ ("ir-Regolament proviżorju").
- (2) L-investigazzjoni nbdiēt fl-14 ta' Mejju 2015 ⁽³⁾, wara lment ippreżentat fl-1 ta' April 2015 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar, ("l-Eurofer" jew "l-ilmentatur") fišem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ.
- (3) Kif jintqal fil-premessa 19 tar-Regolament proviżorju, l-investigazzjoni ta' dumping u dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2014 sal-31 ta' Marzu 2015 ("il-perjodu tal-investigazzjoni" jew il-"PI"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

1.2. Reġistrazzjoni

- (4) Il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw u jintbagħtu mir-RPĊ u r-Russja soġġetti għar-reġistrazzjoni permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2325 ⁽⁴⁾. Ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet waqfet mal-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji fit-12 ta' Frar 2016.

⁽¹⁾ ĠUL 176, 30.6.2016, p. 21.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/181 tal-10 ta' Frar 2016 li jimponi dazju antidumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa (ĠUL 37, 12.2.2016, p. 1).

⁽³⁾ ĠU C 161, 14.5.2015, p. 9.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2325 tal-11 ta' Diċembru 2015 li jissottometti l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa għal reġistrazzjoni (ĠUL 328, 12.12.2015, p. 104).

- (5) Il-kwistjoni tar-reġistrazzjoni u l-applikazzjoni retroattiva possibbli tad-dazju antidumping inkwistjoni u l-kummenti li ġew irċevuti b'rabta ma' dak huma ddettaljati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1329 ⁽¹⁾. Dan ir-regolament jindirizza biss il-kummenti rċevuti skont is-sejbiet proviżorji ta' dumping, ħsara, u rabta ta' kawżalità u l-interess tal-Unjoni, u l-pożizzjoni definittiva tal-Kummissjoni fuq dawn il-kwistjonijiet.

1.3. Proċedura sussegwenti

- (6) Wara l-iżvelar tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali, li abbażi tagħhom ġie impost dazju antidumping proviżorju ("l-iżvelar proviżorju"), għadd ta' partijiet interessati ressqu preżentazzjonijiet bil-miktub biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-konklużjonijiet proviżorji. Il-partijiet li talbu li jinstemgħu ngħataw din l-opportunità.
- (7) Ċentru tas-servizz u kummerċjant tal-azzar relatat talab l-intervent mill-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali ("l-Uffiċjal tas-Seduta") dwar il-kwistjoni tar-rifużjoni. L-Uffiċjal tas-Seduta eżamina t-talba u wiegħeb bil-kitba. Barra minn hekk, fit-3 ta' Mejju 2016 saret seduta ta' smiġħ mal-Uffiċjal tas-Seduta b'talba tal-Eurofer.
- (8) Il-Kummissjoni kompliet tfttex u tivverifika l-informazzjoni kollha li dehrilha li kienet meħtieġa għall-konklużjonijiet definittivi tagħha. Sabiex ikollha għad-dispożizzjon tagħha informazzjoni iktar komprensiva dwar il-profitabbiltà, il-produtturi tal-Unjoni kampjunati ġew mitluba jipprovdu dejta dwar il-profitabbiltà għall-perjodu 2005–2010 għall-bejgħ fl-Unjoni tal-prodott investigat. Il-produtturi tal-Unjoni kampjunati kollha pprovdeu l-informazzjoni mitluba.
- (9) Sabiex jiġu vverifikati r-risposti tal-kwestjonarji msemmija fil-premessa 8 hawn fuq, saru żjarat ta' verifika fil-post biex jivverifikaw id-dejta pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni li ġejjin:
- ThyssenKrupp Germany, Duisburg, il-Ġermanja
 - ArcelorMittal Belgium NV, Ghent, il-Belġju
 - ArcelorMittal Sagunto SL, Puerto de Sagunto, Spanja
- (10) Il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet kollha bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien beħsiebha timponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-RPĊ u mir-Russja u tiġbor b'mod definittiv l-ammonti garantiti permezz ta' dazju proviżorju (l-iżvelar definittiv). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkomentaw dwar l-iżvelar finali.
- (11) Fejn xieraq il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati u tqiesu.

1.4. Allegazzjonijiet dwar it-talba għal informazzjoni addizzjonali, il-verifika, u l-użu

- (12) Wara l-iżvelar definittiv, ċerti produtturi esportaturi taw kummenti dwar l-iskadenza li ngħatat lill-produtturi tal-Unjoni biex jiprovdu l-informazzjoni mitluba, u esprimew dubji dwar l-akkuratezza ta' din id-dejta, kif ukoll il-proċess ta' verifika tagħha. Dawn il-partijiet allegaw li jista' jkun li l-industrija tal-Unjoni ma rrappurtatx iċ-ċifri korretti u li bbenefikat minn trattament favorevoli, bi ksur tad-drittijiet ta' partijiet oħrajn li jkun hemm investigazzjoni oġġettiva, imparzjali u nondiskriminatorja. Dan l-allegat trattament favorevoli b'risq l-industrija tal-Unjoni jiġi mixhud ukoll mill-klemenza tal-Kummissjoni lejhom meta jkunu naqsu milli jipprovdu xi informazzjoni importanti (il-partijiet irreferew għal fatturi neqsin).
- (13) F'dak li jirrigwarda l-allegazzjoni ta' trattament favorevoli, din l-allegazzjoni tiġi miċħuda. Il-kwistjoni involuta tirrigwarda l-għażla tal-kliem fil-premessa 59 tar-Regolament proviżorju. F'din il-premessa hemm spjegat li għal trasferimenti interni, ma jinħarġux fatturi, li hija konformi mal-proċeduri kontabilistiċi aċċettabbli. Mhijiex kwistjoni li l-industrija tal-Unjoni qiegħda tiġi mħollija ma ttiprovdux informazzjoni mitluba.
- (14) L-istess produtturi esportaturi qalu li billi għabt u vverifikat dejta addizzjonali mill-produtturi tal-Unjoni hi kienet iddiskriminat kontra l-produtturi esportaturi Russi li kienu talbu t-tieni verifika.

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1329 tad-29 ta' Lulju 2016 li jimponi d-dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet reġistrati ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa (ara l-paġna 27 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- (15) L-ewwel, għandu jiġi nnutat li huwa ċar li l-Kummissjoni, bħala awtorità investigattiva, għandha d-dritt li titlob dejta addizzjonali fejn din titqies meħtieġa u xierqa għall-analiżi tagħha, sew fl-istadju proviżorju, sew fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni. F'dan il-każ, kif spjegat fil-premessa 154, il-Kummissjoni kellha raġunijiet tajbin biex titlob iktar dejta u li tivverifikaha wara. Il-verifiki kienu jikkonċernaw biss id-dejta addizzjonali provduta li ma kinitx intalbet qabel, u żgurat li d-dejta li fuqha l-Kummissjoni eventwalment ibbażat is-sejbiet tagħha kienet affidabbli. It-tieni, it-talbiet tal-produtturi esportaturi Russi għat-tieni verifika kienu marbutin mal-istess dejta li kienet soġġetta għall-verifika oriġinali, filwaqt li t-tieni verifika fl-istabilimenti ta' ċerti produtturi tal-Unjoni kienet meħtieġa biex tiġi verifikata d-dejta addizzjonali msemmija fil-premessa 8 u biex jiġi determinat jekk id-dazji antidumping ikollhomx jiġu imposti retroattivament. Għaldaqstant, id-dikjarazzjonijiet ta' hawn fuq ġew rifjutati.

1.5. Il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili

- (16) Il-premessi 21 u 22 tar-Regolament proviżorju pprovde id-definizzjoni proviżorja tal-prodott ikkonċernat. Ma kien hemm l-ebda preżentazzjoni mill-partijiet dwar id-definizzjoni li tinsab hemm.
- (17) Il-prodott ikkonċernat huwa definit definittivament bħala prodotti rrumblati ċatt tal-ħadid jew tal-azzar mhux liga, jew ta' azzar ta' liga ieħor iżda mhux stainless steel, ta' kull wisa', rrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksiġin, indurati jew mgħottijin u mhux maħdumin iktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM ex 7209 15 00, 7209 16 90, 7209 17 90, 7209 18 91, ex 7209 18 99, ex 7209 25 00, 7209 26 90, 7209 27 90, 7209 28 90, 7211 23 30, ex 7211 23 80, ex 7211 29 00, 7225 50 80, 7226 92 00 u li joriġinaw mir-RPĊ u r-Russja.

It-tipi ta' prodotti li ġejjin huma esklużi mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat:

- prodotti rrumblati ċatt tal-ħadid jew azzar mhux-liga, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksiġin, indurati jew mgħottijin, mhux maħduma aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ, f'koljaturi jew le, ta' kull ħxuna, elettriċi,
 - prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew azzar mhux illigat, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana), mhux miksiġin, b'liga jew mgħottijin, f'koljaturi, ta' ħxuna ta' inqas minn 0,35 mm, ittemprati (magħrufa bħala "pjanċi suwed"),
 - prodotti rrumblati ċatt ta' azzar liga ieħor, ta' kull wisa', tal-azzar silikon-elettriku, u
 - prodotti rrumblati ċatt ta' azzar illigat, mhux maħduma aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana), tal-azzar b'veloċità għolja,
- (18) Fin-nuqqas ta' xi kummenti dwar il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili, il-konklużjonijiet li waslu għalihom fil-premessi minn 22 sa 24 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

2. ID-DUMPING

2.1. Ir-RPĊ

2.1.1. *Trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES")*

- (19) Kif spjegat fil-premessa 34 tar-Regolament proviżorju, l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi kkonċernati minn din l-investigazzjoni ma talab TES.

2.1.2. *Pajjiż analogu*

- (20) Fir-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni għażlet lill-Kanada bħala l-pajjiż analogu skont l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku.
- (21) Parti interessata waħda qalet li d-differenza bejn il-marġnijiet tal-ħsara u tad-dumping qajmet dubji dwar l-akkuratezza tal-kalkoli tal-Kummissjoni. L-istess parti interessata qalet ukoll li, jekk fattwalment korretta, tali differenza għandha tinvalida l-għażla tal-Kanada bħala l-pajjiż analogu minħabba l-livell tal-prezzijiet tal-prodott ikkonċernat f'dan il-pajjiż.

- (22) Il-Kummissjoni tikkonferma l-kalkoli tagħha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar li l-għażla tal-pajjiż analogu ssir minn fost pajjiżi li fihom il-prezz għall-prodott simili jkun magħmul f'ċirkostanzi li huma kemm jista' jkun qrib ta' dawk tal-pajjiż tal-esportazzjoni. Il-livell tal-prezzijiet fih innifsu mhuwiex kriterju f'din l-għażla.
- (23) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, id-dikjarazzjoni li l-Kanada mhuwiex pajjiż analogu adatt hija rrifjutata. Il-Kummissjoni tikkonferma l-irraġunar deskritt fil-premessi minn 27 sa 34 tar-Regolament proviżorju u l-għażla tal-Kanada bħala l-pajjiż analogu skont it-tifsira tal-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku.

2.1.3. Valur normali

- (24) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar id-determinazzjoni tal-valur normali, il-premessi minn 35 sa 45 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

2.1.4. Prezz tal-esportazzjoni

- (25) Fil-kummenti tiegħu dwar ir-Regolament proviżorju, grupp ta' kumpaniji partikolari nnota inkonsistenza bejn il-kalkoli tal-ħsara u d-dumping, li huwa qal li kienet dovuta għal żball klerikali min-naħa tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Kummissjoni stabbiliet li l-inkonsistenza nħolqot minn żball klerikali żgħir min-naħa ta' dan il-grupp ta' kumpaniji li affettwa l-prezz ta' esportazzjoni. Dan l-iżball klerikali ġie kkoreġut mill-Kummissjoni.

2.1.5. Paragun

- (26) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra fir-rigward tat-tqabbil tal-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, il-premessi 49 u 50 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

2.1.6. Marġnijiet tad-dumping

- (27) Minħabba l-bidla fil-prezz tal-esportazzjoni msemija fil-premessa 25 iktar 'il fuq, il-marġni tad-dumping ta' grupp ta' kumpaniji partikolari ġie kkalkulat mill-ġdid u dan wassal għal żieda żgħira. Din iż-żieda tiddel ukoll il-marġni ta' dumping tal-kumpaniji Ċiniżi l-oħrajn kollha minħabba li dan il-marġni huwa bbażat fuq dan il-grupp ta' kumpaniji.
- (28) Il-marġnijiet definittivi tad-dumping mogħtija bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Tabella 1

Marġnijiet tad-dumping, ir-RPĊ

Kumpanija	Marġni ta' dumping definittiv (%)
Angang Group	59,2
Shougang Group	52,7
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	56,9
Il-kumpaniji l-oħra kollha	59,2

2.2. Ir-Russja

2.2.1. Introduzzjoni

- (29) Wara l-iżvelar proviżorju, produttur esportatur Russu kkontesta l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Dan ippreżenta dejta ġdida biex jikkontesta s-sejbiet deskritti fil-premessa 60 tar-Regolament proviżorju, li fiha l-Kummissjoni wriet li l-produttur esportatur irrapporta kwantità ogħla ta' bejgħ minn dak li kienet tagħmel fiżikament possibbli l-produzzjoni.
- (30) Il-Kummissjoni organizzat żewġ seduti, u offriet lill-produttur esportatur ikkonċernat l-opportunità li jikkummenta u jispjega dak li kien qiegħed jgħid.
- (31) Waqt is-seduti, il-Kummissjoni għamlet aċċenn li kull preżentazzjoni/spjegazzjoni li ssir wara l-verifika tkun tista' tiġi aċċettata biss jekk id-dejta li fuqha tkun ibbażata tkun diġà ġiet ippreżentata, jew li inkella tkun tista' tiġi konnessa mad-dejta ppreżentata mar-risposta għall-kwestjonarju jew, l-iktar tard, waqt iż-żjara ta' verifika. Il-produttur esportatur ma kienx kapaċi jstorni l-argumenti tiegħu, la b'informazzjoni li diġà kienet tinsab fir-risposti tiegħu għall-kwestjonarju, u la b'informazzjoni feżibiti miġbura mill-post. Is-sejbiet fl-istadju proviżorju li wasslu biex il-Kummissjoni tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u li huma ppreżentati fil-premessi 60 u 61 tar-Regolament proviżorju huma għaldaqstant ikkonfermati. B'hekk, b'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stabbiliet b'mod definittiv il-marġni tad-dumping għall-kumpanija inkwistjoni fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.
- (32) Wara l-iżvelar finali, produttur esportatur partikolari allega li kien soġġett għal trattament diskriminatorju fil-kuntest tal-investigazzjoni tal-antidumping preżenti li affettwalu d-drittijiet proċedurali tiegħu, fosthom id-drittijiet għal difiża. Dan il-produttur esportatur allega li l-Kummissjoni ma aċċettax it-tieni verifika fl-istabbiliment tas-sussidjarja tiegħu fil-Belġju, filwaqt li saret it-tieni verifika fl-istabbilimenti tal-produtturi u importaturi tal-industrija tal-Unjoni. Għar-raġunijiet elenkati fil-premessa 15, din l-allegazzjoni ma tistax tiġi aċċettata.
- (33) Dan il-produttur esportatur qal ukoll li l-Kummissjoni setgħet użat il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-operatur tas-suq/importatur relatat tagħha u d-dejta dwar il-kost tal-manifattura tal-uniku produttur esportatur li kkoopera bis-sħiħ mal-Kummissjoni. Skont dan il-Kummissjoni allegatament setgħet tevita l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku minħabba li vverifikat lil dan l-operatur tas-suq/importatur separatament u ma qajmet l-ebda kwistjoni dwar il-kooperazzjoni tiegħu. Kif spjegat hawn fuq, il-fatt li l-volum tal-bejgħ kumplessiv (wara t-tnaqqis tal-użu ristrett u aġġustat skont il-varjazzjoni fil-ħażna) rapportat mill-produttur esportatur eċċeda l-kwantitajiet prodotti ma ppermettix lill-Kummissjoni tikkonkludi li l-bejgħ ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni kien irrappostat kollu kemm hu. Għaldaqstant il-Kummissjoni rrifjutat il-proposta tal-kumpanija li tuża sett ta' tranżazzjonijiet li jista' biss jirrappreżenta parti mill-bejgħ totali lejn l-Unjoni. B'konsegwenza l-Kummissjoni ma użat l-ebda tagħrif dwar il-kost tal-produzzjoni, minħabba li ma kienx hemm bejgħ ta' esportazzjoni disponibbli biex jintuża għall-paragun.
- (34) Żewġ produtturi esportaturi ppreżentaw kummenti dwar it-twettiq taż-żjarat ta' verifika u talbu lill-Kummissjoni tissospendi l-investigazzjoni sakemm jiġu investigati l-allegazzjonijiet tagħhom. F'dak il-kuntest, il-produtturi esportaturi jikkontestaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku tal-Federazzjoni Russa talab li tiġi sospiża l-applikazzjoni tal-miżuri antidumping definittivi li għandhom jiġu imposti sa ma l-ilment formali taż-żewġ produtturi esportaturi jkun ingħata l-konsiderazzjoni dovuta mill-istituzzjonijiet kompetenti tal-Unjoni.
- (35) Il-Kummissjoni tinnota li l-verifika hija biss pass wieħed mill-proċess ta' investigazzjoni li twettaq il-Kummissjoni bħala l-awtorità investigatriċi. Il-Kummissjoni spjegat b'mod estensiv ir-raġunijiet sostantivi li abbażi tagħhom iddeċidiet li tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. L-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku hija bbażata fuq l-evidenza ppreżentata bil-miktub mill-kumpaniji lill-Kummissjoni u fuq il-kredibilità u l-konsistenza ta' tali evidenza. Il-produtturi esportaturi ngħataw għadd ta' opportunitajiet biex jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom bis-sħiħ waqt il-proċediment permezz tal-preżentazzjoni ta' informazzjoni, kummenti, seduti ta' smiġh u laqgħat, inklużi żewġ laqgħat dedikati speċifikament għall-kwistjonijiet imqajma.
- (36) Sa fejn hi kkonċernata t-talba għas-sospensjoni, il-Kummissjoni tinnota li l-unika bażi għas-sospensjoni ta' kwalunkwe miżura imposta skont ir-Regolament bażiku hija l-Artikolu 14(4). Il-Kummissjoni tkompli billi tinnota li l-kundizzjonijiet għas-sospensjoni kif stipulati fl-imsemmi artikolu ma ġewx issodisfati. Dan l-artikolu jipprevedi li l-miżuri jistgħu jiġu sospiżi biss fl-interess tal-Unjoni meta l-kundizzjonijiet tas-suq ikunu nbidlu b'mod temporanju sa tali punt li ma jkunx probabbli li l-ħsara tkompli b'riżultat tas-sospensjoni. Ma hemm l-ebda indikazzjoni li tali kundizzjonijiet jiġu ssodisfati fil-każ preżenti u l-Kummissjoni tinnota li ma kien hemm

l-ebda aċċenn għal tali kundizzjonijiet. Infatti, l-investigazzjoni wriet li l-kundizzjonijiet għall-impożizzjoni tal-miżuri definittivi, kif stipulati fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, ġew issodisfati. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tiċħad din it-talba.

2.2.2. Valur normali

- (37) Wara l-iżvelar proviżorju, produttur esportatur partikolari kkontesta l-aġġustament li l-Kummissjoni għamlet għall-kostijiet ta' produzzjoni tiegħu ta' prodotti tal-azzar irrumbati ċatti fil-kiesaħ kif miktub fil-premessa 76 u ġġustifikat fil-premessa 80 tar-Regolament proviżorju. Madankollu, il-produttur esportatur ikkonċernat ma ppreżenta l-ebda argument li kien jippermetti lill-Kummissjoni tibdel fehmitha li l-proporzjonijiet ta' konsum materjali rrappurtati mill-kumpanija fir-risposta tagħha għall-kwestjonarju ma kinux adegwati biex il-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni akkurata tal-kost tal-materjali użati għall-produzzjoni ta' prodotti tal-azzar irrumbati ċatti fil-kiesaħ. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba.
- (38) L-istess produttur esportatur allega wkoll li t-telf marbut mal-likwidazzjoni taż-żewġ sussidjarji barranin tiegħu għandu jiġi eskluż mid-determinazzjoni tal-ispejjeż ta' bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("spejjeż BĠA"). Barra minn hekk, dan allega li l-ispejjeż tal-imballaġġ ġew mgħadda darbtejn fil-kost tal-produzzjoni u fl-ispejjeż BĠA. Il-Kummissjoni rrivediet is-sejbiet tagħha skont dan minħabba li l-ispejjeż għall-imballaġġ mogħtija mill-kumpanija wara l-iżvelar proviżorju kienu sostnuti minn informazzjoni li għet ippreżentata kif dovut flimkien mar-risposta tagħha għall-kwestjonarju inkella waqt jew qabel iż-żjara ta' verifika.
- (39) Wara li kkunsidrat l-ispejjeż BĠA mill-ġdid, il-Kummissjoni sabet li xi bejgħ domestiku kien ta' profitt. Dan ippermetta lill-kummissjoni tikkalkula l-marġni ta' dumping abbażi tal-ispejjeż u l-profitt BĠA tal-kumpanija stess. Fl-istadju proviżorju, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda bejgħ domestiku bi profitt u għaldaqstant ikkalkulat il-marġni ta' dumping billi użat l-ispejjeż u l-profitt BĠA minn sorsi esterni.
- (40) Kien hemm żewġ produtturi esportaturi li ma qablux ma' kif il-Kummissjoni kienet ikkalkulat l-ispejjeż BĠA tagħhom kif deskritt fil-premessa 75 tar-Regolament proviżorju. Dawn spjegaw li l-Kummissjoni ma jmisshix tqis it-telf mir-rivalwazzjoni tas-self f'muniti barranin bħala parti mill-ispejjeż BĠA, minħabba li l-kumpaniji fil-fatt ma ġarrbu l-ebda spiża u kulma għamlu kien li vvalutaw il-bilanċ mill-ġdid billi użaw ir-rata tal-kambju fl-aħħar ġurnata tal-perjodu ta' rapportar finanzjarju tagħhom. Il-Kummissjoni, b'referenza għall-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju u l-GAAP Russu ma taqbilx ma' dan l-argument. Dan it-telf ġie mniżżel kif dovut fil-kontijiet tal-produtturi, u ġew imġarrba waqt il-perjodu tal-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba.
- (41) Wara l-iżvelar finali l-produtturi esportaturi tennew l-allegazzjonijiet tagħhom mingħajr ma ppreżentaw fatti ġodda li jikkonċernaw it-telf disputat. Il-produtturi esportaturi rreferew għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2852/2000⁽¹⁾ (fibri klassifikati poliesteru li joriġinaw fl-Indja u r-Repubblika tal-Korea), li fih il-Kummissjoni kienet irrifjutat il-qligħ nett mill-kambju inkluż fl-ispejjeż BĠA.
- (42) Il-Kummissjoni tinnota li s-sitwazzjoni fattwali tal-każ li qegħdin jagħmlu referenza għalih il-produtturi esportaturi hija differenti. Kif spjegat fil-premessa 34 tal-imsemmi Regolament 2852/2000, instab li l-qligħ mill-kambju ma kienx prinċiparjament relatat mal-produzzjoni u l-bejgħ.
- (43) Il-produtturi esportaturi ma qegħdux f'dubju r-rilevanza tas-self tagħhom għall-kostijiet tal-produzzjoni tal-prodott simili. Il-Kummissjoni għaldaqstant ikkonkludiet li t-telf kien relatat ma' dak is-self, li ntuża għall-finanzjament tal-assi fissi meħtieġa biex jiġi manifatturat il-prodott simili. B'riżultat, tali telf jeħtieġ jitqies meta jkunu qegħdin jiġu determinati l-ispejjeż BĠA tal-kumpanija. Għalhekk il-Kummissjoni rrifjutat din l-allegazzjoni.
- (44) Il-produttur esportatur Russu tenna għal darb'oħra l-allegazzjoni tiegħu wara l-iżvelar addizzjonali finali. Madankollu, l-allegazzjoni tmur lil hinn mill-aspetti speċifiċi tal-iżvelar addizzjonali. Il-Kummissjoni żżomm il-pożizzjoni espressa fil-paragrafi preċedenti.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2852/2000 tat-22 ta' Diċembru 2000 illi jimponi d-dazju definittiv u illi jipprovd i l-ġbir definittiv tad-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-fibri klassifikati poliesteru illi jorigingaw fl-Indja u Repubblika tal-Korea. (ĠU L 332, 28.12.2000, p. 17).

- (45) Produttur esportatur partikolari kkuntesta l-metodoloġija li l-Kummissjoni użat biex tikkalkula l-ispejjeż totali BĠA ta' operaturi tas-suq domestiċi relatati, fejn il-Kummissjoni użat l-ispejjeż BĠA kif irrapportati għall-bejgħ lil konsumaturi mhux relatati fis-suq domestiku. Il-Kummissjoni aċċettat din il-kontestazzjoni u kkoreġiet il-kalkolu definittiv. Minħabba li dawn l-ispejjeż BĠA ma kinux materjalment differenti minn dawk użati oriġinarjament u minħabba li affettwaw biss għadd limitat ta' bejgħ, din il-korrezzjoni ma kellha l-ebda impatt fuq il-marġni ta' dumping li rriżulta.
- (46) Produttur esportatur partikolari allega li l-Kummissjoni għaddet darbtejn il-kostijiet tal-imballaġġ għall-finijiet tal-istabbiliment tal-kosti totali tal-produzzjoni fit-test tal-profitabilità. Il-Kummissjoni ma laqgħetx din l-affermazzjoni. Kif hemm dettaljat bis-sħiħ fl-iżvelar proviżorju, il-Kummissjoni neħħiet il-kostijiet tal-imballaġġ mill-ispejjeż BĠA qabel ma kkalkulat il-kostijiet totali tal-produzzjoni.
- (47) Wara l-iżvelar finali, il-produtturi esportaturi ma qablux mal-metodoloġija użata biex jiġi kostrutt il-valur normali. Dawn qalu li l-Kummissjoni użat perċentwal ħażin tal-ispejjeż BĠA u billi użat l-ispejjeż BĠA fuq il-bejgħ bi profit biss, il-Kummissjoni għamlet sovravalutazzjoni tal-valur normali.
- (48) Il-Kummissjoni twettaq l-investigazzjonijiet b'mod oġġettiv. Il-metodoloġija użata biex jiġi kostrutt il-valur normali tintuża b'mod konsistenti fil-każijiet kollha li fihom jintlaħqu l-kriterji rilevanti. Il-Kummissjoni tapplika l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku, li jirrikjedi li l-ammonti għall-profitti u l-ispejjeż BĠA jkunu bbażati fuq il-bejgħ waqt l-andament ordinarju tal-kummerċ. Li qegħdin jgħidu l-produtturi esportaturi biex jintuża l-ammont fiss tal-ispejjeż BĠA irrispettivament minn jekk tali spejjeż humiex marbutin mal-bejgħ fl-andament ordinarju tan-negozju jmur kontra din id-dispożizzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba.
- (49) Wara l-iżvelar finali produttur esportatur partikolari qajjem il-kwistjoni tal-entrati negattivi fil-lista ta' tranżazzjonijiet domestiċi fir-rigward tal-kalkolu tal-valur normali. Il-produttur esportatur spjega li dawk l-entrati kienu marbutin ma' korrezzjonijiet ta' fatturi u kienu dovuti għall-konfigurazzjoni tas-sistema kontabilistika tiegħu, li kull korrezzjoni għall-fattura jkollha ssir billi l-entrata inizjali tiġi bilanċjata kollha kemm hi b'entrata negattiva korrispondenti. Dan argumenta li l-kalkolu tal-valur normali mill-Kummissjoni ma qiesx il-konfigurazzjoni speċifika tas-sistema kontabilistika tiegħu u għaldaqstant ma kienx preċiż.
- (50) Il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li, bi ksur tal-istruzzjonijiet fil-kwestjonarju tal-Kummissjoni, il-produttur esportatur niżżel dawk il-korrezzjonijiet bħala tranżazzjonijiet fil-lista minflok ma rrapporta l-entrati korrettivi fil-kolonna apposta fil-kwestjonarju tal-Kummissjoni. It-tieni, wara l-iżvelar finali, il-produttur esportatur ipprova marġni ta' dumping rivedut, iżda mingħajr ma ppreżenta lista ta' tranżazzjonijiet domestiċi riveduta jew kalkolu ta' dumping rivedut. It-tielet, il-Kummissjoni tinnota li din l-allegazzjoni fil-verità tikkonċerna l-kwalità tad-dejta li l-produttur esportatur innifsu ppreżenta lill-Kummissjoni waqt li l-investigazzjoni kienet għaddejja. Ir-raba', il-kalkolu tal-valur normali, inkluża l-lista ta; tranżazzjonijiet domestiċi kif ippreżentata mill-produttur esportatur, kien żvelat kif dovut fl-istadju proviżorju tal-investigazzjoni. Madankollu, il-produttur esportatur ma għamel l-ebda kummet dwar dan il-kalkolu fil-kummenti tiegħu dwar l-iżvelar proviżorju. L-istess lista ta' tranżazzjonijiet domestiċi ntużat fil-kalkoli tad-dumping li ġew żvelati finalment. Il-produttur esportatur ma jispjegax għala ma setax iqajjem din il-kwistjoni fi stadju iktar bikri tal-investigazzjoni.
- (51) Minkejja dawn in-nuqqasijiet kollha fl-imġiba tal-produttur esportatur rigward din il-kwistjoni, il-Kummissjoni, bħala awtorità investigatriċi oġġettiva u imparzjali, analizzat din l-allegazzjoni, u kkonkludiet li l-kalkolu tal-valur normali kellu tassew jiġi kkoreġut biex jiġi evitat kwalunkwe għadd doppju possibbli. Wara l-iżvelar finali, l-esportatur ipprova muftieħ ta' identifikazzjoni skont liema l-lista ta' tranżazzjonijiet tiegħu setgħet tiġi mgarbbla biex teskludi l-korrezzjonijiet kollha u jibqgħu biss l-entrati finali. Il-Kummissjoni applikat il-metodu tal-korrezzjoni tal-lista ssuġġerit mill-produttur esportatur wara l-iżvelar finali għad-dejta li kienet ġiet verifikata, u għaldaqstant aċċettat l-allegazzjoni kollha kemm hi.
- (52) Il-Kummissjoni bagħtet żvelar addizzjonali finali lill-partijiet interessati kollha fejn infurmathom dwar l-aċċettazzjoni tal-allegazzjoni u stiednet lill-partijiet kollha jikkumentaw.
- (53) Wara dan l-iżvelar addizzjonali, parti waħda qalet li l-iżvelar addizzjonali kompli jissottolinja n-nuqqasijiet fil-kooperazzjoni min-naħa tal-produtturi esportaturi Russi. Dik il-parti kompliet tgħid li l-iżvelar addizzjonali fil-fatt jissuġġerixxi li settijiet tad-dejta addizzjonali setgħu ġew injorati u ma kellhomx jiġu aċċettati. Il-Kummissjoni fil-fatt qajmet il-kwistjoni tal-kwalità tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni ppreżentati, iżda f'din l-istanza speċifika ddeċidiet li l-allegazzjoni setgħet tiġi aċċettata oġġettivament.

- (54) Wara l-iżvelar addizzjonali, il-produttur esportatur Russu qabel mal-prinċipju u d-daqs tal-korrezzjoni li l-Kummissjoni applikat għall-marġni tad-dumping tiegħu.
- (55) Il-produttur esportatur qal li hu kien ipprova l-lista ta' tranżazzjonijiet domestiċi mat-tweġiba għall-kwestjonarju. Dan il-fatt mhuwiex jiġi disputat. Hija l-kwalità ta' dik is-sottomissjoni li qiegħda tiġi kontestata. Il-produttur esportatur kompli billi jgħid li hu ma kien ta l-ebda kumment dwar l-lista ta' tranżazzjonijiet imsemmija wara l-iżvelar proviżorju għax dak is-sett ta' dejta ma kellu l-ebda influwenza fuq il-kalkolu tal-marġni ta' dumping. Il-Kummissjoni tinnotta li l-produttur esportatur kemm-il darba tenna allegazzjonijiet relatati mal-metodoloġija u aspetti tal-kalkolu li — kieku l-Kummissjoni kellha taċċettahom (*quad non*) — kienu jwasslu lill-Kummissjoni biex tuża s-sett ta' dejta. Għaldaqstant kien essenzjali għall-parti kkonċernata li tiżgura li s-sett ta' dejta żvelat fl-istadju proviżorju jkun korrett u li seta' jintuża sabiex jiġi kkalkolat il-marġni ta' dumping. Filwaqt li l-kumpanija qajmet il-kwistjoni tat-tħassir u l-entrati multipli li rriżultaw waqt iż-żjara ta' verifika, kien biss meta waslet l-iżvelar finali li l-iskala sħiħa tal-problema kienet ċara, li kien muri wkoll mill-impatt fuq il-kalkolu tal-marġni ta' dumping. Filwaqt li l-kumpanija tgħid li l-entrati mhumiex noti ta' kreditu, il-muftieħ ta' identifikazzjoni li wassal għall-identifikazzjoni ta' dawk l-entrati, ipprovdut mill-kumpanija nfisha, huwa msejjaħ "numru tan-nota" ta' kreditu". Madankollu, il-Kummissjoni aċċettat l-allegazzjoni kollha kemm hi u l-kumpanija ma kkuntestatx il-kalkolu l-ġdid tal-marġni ta' dumping.
- (56) Produttur esportatur partikolari qal li l-Kummissjoni, fil-kalkolu tal-ispejjeż BĠA, ma inkludietx id-dħul mir-rilaxx tar-riżervi, li saru qabel il-perjodu ta' investigazzjoni. Fil-fehma ta' dak il-produttur esportatur, il-Kummissjoni ma tużax l-istess kejl u tuża valutazzjoni asimetrika meta mqabbla mat-telf fuq ir-rivalwazzjoni tal-muniti barranin li l-Kummissjoni inkludiet.
- (57) Il-Kummissjoni tinnotta li l-approċċ tagħha huwa konsistenti. L-ispejjeż BĠA ma jinkludux dħul jew spejjeż li jkollhom impatt fuq il-profit tas-sena partikolari, li l-Kummissjoni sabet li hu relatat mal-operazzjonijiet barranin tal-produttur esportatur. Dan il-fatt ġie żvelat fl-iżvelar finali u ma kienx disputat mill-produttur esportatur. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba.

2.2.3. Prezz tal-esportazzjoni

- (58) Il-Kummissjoni investigat iktar il-bejgħ ta' wieħed mill-produtturi esportaturi li sar lil operatur tas-suq mhux relatat ibbażat fl-iżvizzera kif deskritt fil-premessa 84 tar-Regolament proviżorju. Il-Kummissjoni indirizzat kemm lill-produttur esportatur kif ukoll lill-operatur tas-suq mhux relatat u għamlet ir-riċerka hi stess dwar il-kwistjoni biex tikseb iktar informazzjoni dwar ir-relazzjoni tagħhom.
- (59) Fis-sottomissjoni tagħha wara l-iżvelar proviżorju, l-Eurofer talbet lill-Kummissjoni teżamina bir-reqqa r-relazzjoni bejn il-produttur esportatur u l-operatur tas-suq Żvizzeru u biex tadatta l-kalkolu kif xieraq abbażi tar-riżultat ta' dan l-eżami.
- (60) Wara li evalwat ir-riżultati ta' dan l-eżami, il-Kummissjoni ddeċidiet li tqis li dan l-operatur tas-suq Żvizzeru mhuwiex relatat ma' dan il-produttur esportatur Russu. Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda element li jsostni l-allegazzjoni li dawn il-partijiet kienu relatati waqt il-perjodu ta' investigazzjoni, u għaldaqstant irrifjutat din l-allegazzjoni.
- (61) Il-produttur esportatur ippreżenta wkoll informazzjoni addizzjonali li ppremettiet lill-Kummissjoni tikkoreġi l-bejgħ lil partijiet indipendenti fl-Unjoni. Il-produttur esportatur preċedentement kien irrapporta dak il-bejgħ abbażi ta' fatturi interni frubli Russi. Dawn il-fatturi rrifletew il-valur oriġinali tal-bejgħ fil-muniti barranin, maqlubin permezz tar-rata ta' kuljum tal-kumpanija. Il-Kummissjoni kienet kapaċi tikkollega din is-sottomissjoni għida mal-informazzjoni verifikata fil-post. Din il-korrezzjoni wasslet għal tnaqqis żgħir fil-marġni ta' dumping meta mqabbel mal-kalkolu proviżorju.
- (62) Wara l-iżvelar proviżorja, il-produtturi esportaturi kkuntestaw l-applikabbiltà tal-aġġustamenti li saru għall-ispejjeż BĠA u l-profit skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku għal bejgħ permezz tal-operaturi tas-suq/impertaturi Żvizzeri relatati.
- (63) Fil-fehma tagħhom, l-aġġustamenti huma biss xierqa fuq bażi speċifika għat-tranżazzjoni fi tranżazzjonijiet fejn it-termini tal-bejgħ jeħtieġu li prodott jiġi konsenjat wara l-iżdoganar tal-merkanzija, jiġifieri fi tranżazzjonijiet li fihom il-parti relatata tkun l-importatur, bħal ftermini DDP. Fl-istess waqt dawn qalu li l-operaturi tas-suq/impertaturi relatati tagħhom ibbażati fl-iżvizzera għandhom ikunu kkunsidrati parti min-netwerk ta' esportazzjoni tal-produttur.

- (64) Bi tweġiba għal dan il-Kummissjoni tikkonferma li aġġustament għall-ispejjeż BĠA u marġni ta' profitt raġonevoli skont it-tieni u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku għandu jkun applikat għal kull tip ta' tranżazzjoni ta' bejgħ permezz tal-operaturi tas-suq/importaturi relatati Żvizzeri.
- (65) Minkejja li l-kunsinna tal-prodotti għat-termini tat-tranżazzjonijiet irrapportati mill-produtturi esportaturi ssir qabel ir-rilaxx f'ċirkulazzjoni ħielsa tal-prodotti u anke jekk ir-responsabbiltà għall-iżdoganar tal-merkanzija tkun fuq ix-xerrej (meta mqabbel mat-tranżazzjonijiet skont it-termini DDP), dan ma jbiddux il-fatt li l-bejgħ isir mill-operatur tas-suq/importatur relatat li jgħarrab l-ispejjeż BĠA u li normalment ifittex li jagħmel profitt għas-servizzi tiegħu.
- (66) Fid-dawl tal-fatt li l-operatur tas-suq/importatur huwa relatat mal-produttur esportatur, l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku jimplika li d-dejta ta' operatur tas-suq/importatur bħal dan hija skont id-definizzjoni mhux affidabbli u li l-l-profitti għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità tal-investigazzjoni fuq bażi raġonevoli. Minbarra dan, l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku ma jipprekludix aġġustamenti li jsiru għal kostijiet imġarrba qabel l-importazzjoni, peress li daww il-kostijiet normalment jiġġarrbu mill-operatur tas-suq/importatur. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba.
- (67) Il-produtturi esportaturi tennew din it-talba wara l-iżvelar finali, mingħajr ma pprovdew xi informazzjoni ġdida dwar il-funzjonijiet tal-operaturi tas-suq/importaturi Żvizzeri. Il-Kummissjoni tinnotta li l-pożizzjoni tagħha hija konformi mal-każistika tal-qrati tal-Unjoni. F'kull każ, il-fatt li l-kumpaniji relatati jwettqu biss ċerti funzjonijiet ma jżommx lill-Kummissjoni milli tagħmel aġġustamenti skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku iżda jista' jkun rifless f'ammont aktar baxx ta' BĠA li għandu jitnaqqas mill-prezz li bih il-prodott ikkonċernat jinbiegħ mill-ġdid l-ewwel lil xerrej indipendenti. Hija l-parti interessata li tixtieq tikkontesta l-ammont ta' aġġustamenti magħmul fuq il-bażi tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku li għandha l-oneru tal-prova. B'hekk, jekk dawn il-partijiet iqisu li l-aġġustamenti kienu eċċessivi jridu jagħtu evidenza u kalkoli speċifiċi li jiġġustifikaw daww id-dikjarazzjonijiet. Madankollu, il-produtturi esportaturi ma taw l-ebda evidenza li jqajmu dubji dwar l-ispejjeż BĠA jew il-perċentwal ta' profitt użat. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba.

2.2.4. Paragun

- (68) Fil-kummenti li taw il-produtturi esportaturi ma qablux mal-użu tad-data tal-kuntratt ta' bejgħ/ordni ta' xiri biex il-bejgħ b'esportazzjoni f'muniti barranin jiġu maqluba għar-rubli Russi. Madankollu l-produtturi esportaturi qablu li dan jista' jstabbilixxi b'mod iktar xieraq it-termini materjali tal-bejgħ mid-data tal-fatturi, minkejja li argumentaw li sa issa l-Kummissjoni qatt ma kienet użat din l-għażla. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba.
- (69) Il-produtturi esportaturi tennew dan wara l-iżvelar finali, u enfasizzaw li l-Kummissjoni tat dikjarazzjoni tar-raġunijiet li ma kinitx suffiċjenti biex tuża d-data tal-kuntratt/ordni ta' xiri. Barra minn hekk, huma allegaw li l-Kummissjoni missha użat ir-rata tal-kambju li kienet valida sa massimu ta' 60 jum qabel id-data tal-fattura, b'referenza għall-moviment sostenut fir-rati tal-kambju skont l-Artikolu 2(10)(j) tar-Regolament bażiku.
- (70) Il-Kummissjoni ma tatx l-aġġustament ta' moviment sostnut f'dan il-każ, minħabba li r-rata ta' kambju EUR/RUB turi volatilità għolja iktar milli l-moviment sostenut lejn tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, li kieku l-Kummissjoni applikat l-aġġustament għall-moviment sostenut fil-kuntest tad-deprezzament tal-munita tal-produttur esportatur dan inaqqs il-prezz tal-esportazzjoni u b'hekk jirriżulta f'marġni ta' dumping oġġla. Barra minn hekk, l-aġġustament tal-moviment sostenut jinħtieġ li jintuża biex jirrefletti l-moviment relatat fir-rata tal-kambju u mhux biex jimponi t-terminu preskrittiv massimu ta' 60 jum mid-data tal-fattura kif qegħdin jissuġġerixxu l-produtturi esportaturi. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba.
- (71) Billi użat l-approċċ tad-data tal-kuntratt/ordni ta' xiri, il-Kummissjoni mminimizzat ħafna l-impatt tal-fluttwazzjonijiet fir-rata tal-kambju sinifikanti u imprevedibbli lejn tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-allegazzjoni tal-produtturi esportaturi li dan ikkostitwixxa bidla iġustifikata fil-metodoloġija. Il-Kummissjoni użat ir-rata tal-kambju tad-data tal-bejgħ, f'konformità sħiħa mal-Artikolu 2(10)(j) tar-Regolament bażiku u spjegat suffiċjentement ir-raġunijiet li għalihom f'dan il-każ id-data tal-kuntratt/ordni tax-xiri tistabbilixxi kif xieraq it-termini materjali tal-bejgħ. Għalhekk, il-Kummissjoni ma laqgħetx din it-talba.

2.2.5. *Marġnijiet tad-dumping*

- (72) Filwaqt li jitqiesu l-bidliet fl-istabbiliment tal-valur normali stabbilit fil-premessi minn 37 sa 51 aktar 'il fuq u filwaqt li jiġu kkonfermata s-sejbiet l-oħra fil-premessi minn 65 sa 93 tar-Regolament proviżorju, il-marġnijiet ta' dumping definittivi, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Tabella 2

Marġnijiet tad-dumping, ir-Russja

Kumpanija	Marġni ta' dumping definittiv (%)
Magnitogorsk Iron & Steel Works OJSC	18,7
PAO Severstal	35,9
PJSC Novolipetsk Steel ⁽¹⁾	38,9
Il-kumpaniji l-oħra kollha	38,9

3. DANNU

3.1. **Id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

- (73) Parti interessata partikolari talbet tkun taf x'kienet il-pożizzjoni tal-ilmentaturi li ssuġġerew li r-riromblaturi ma ġewx inklużi fil-kalkoli. F'dan ir-rispett, huwa nnutat li l-kalkolu tal-produzzjoni totali fil-fatt inkluda l-volum ta' produzzjoni ta' riromblaturi. Il-kumment għalhekk ma ntlax.
- (74) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tad-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u l-produzzjoni tal-Unjoni, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn 94 sa 98 tar-Regolament proviżorju huma ikkonfermati.

3.2. **Il-konsum tal-Unjoni**

- (75) Bosta partijiet ippreżentaw li, fost l-oħrajn, il-konsum kellu jiġi analizzat kumplessivament billi jiġi kkombinat il-konsum tas-suq magħluq u l-konsum tas-suq ħieles.
- (76) F'dan ir-rigward, fit-tabella 5 u t-tabella 6 tar-regolament proviżorju, l-iżvilupp tal-konsum fis-suq magħluq u fis-suq miftuħ kien irrapportat u spjegat. Billi dawn iż-żewġ tabelli ġew magħquda, il-konsum kumplessiv (li allura jinkludi s-suq magħluq u dak miftuħ) evolva kif ġej tul il-perjodu taħt konsiderazzjoni:

Tabella 3

Konsum kumplessiv (suq magħluq u miftuħ) (tunnellati)

	2011	2012	2013	2014	PI
Konsum kumplessiv	36 961 744	34 375 474	36 277 064	37 461 260	37 306 302
Indiċi (2011 = 100)	100	93	98	101	101

Sors: Tweġiba verifikata għall-kwestjonarju tal-Eurofer, u l-Eurostat.

⁽¹⁾ Il-kumpanija nnotifikat lill-Kummissjoni li skont bidliet fil-liġi Russa, hi bidliet il-forma ġuridika tagħha minn Open Joint Stock Company (OJSC) għal Public Joint Stock Company (PJSC). Din il-bidla ilha effettiva mill-1 ta' Jannar 2016.

- (77) It-tabella ta' hawn fuq turi li wara tnaqqis qawwi fil-konsum fl-2012, il-konsum kumplessiv żdied sa livell li kien f'it ogħla fil-perjodu ta' investigazzjoni milli fil-bidu tal-perjodu taħt konsiderazzjoni. Din ix-xejra hija spjegata miż-żieda fil-konsum ristrett li, f'termini assoluti, kien iktar b'saħħtu mit-tnaqqis fil-konsum tas-suq ħieles.
- (78) Parti interessata partikolari indikat li d-dikjarazzjoni li l-użu ristrett mhuwiex f'kompetizzjoni mal-importazzjonijiet ma għandhiex spjegazzjoni raġunata. Din il-parti temmen li jekk l-importazzjonijiet ikunu disponibbli bi prezz kompetittiv, il-produtturi tal-Unjoni jużawhom. L-użu ristrett, għalhekk, għandu jitqies.
- (79) F'dan ir-rispett, huwa nnutat li ekonomikament ma jagħmilx sens li produtturi integrati jixtru prodotti minn kompetituri li huma destinati għall-produzzjoni iktar 'l isfel fil-katina ta' attivitajiet meta jkun hemm il-kapaċità disponibbli biex jiġu manifatturati tali prodotti. Infatti, f'settur intensiv fil-kapital bħall-azzar, ir-rati ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità jinħtieġ li jinżammu fl-ogħla livell sabiex il-kostijiet fissi jiġu dilwiti u l-kostijiet tal-produzzjoni jinżammu fl-iktar livelli baxxi. Fuq din il-bażi, l-argument fil-premessa 78 għandu jiġi rrifjutat.
- (80) Ċerti partijiet interessati rritornaw għall-kwistjoni tal-konsum fil-kummenti tagħhom li segwew l-iżvelar definittiv. Xi partijiet qalu li s-swieq magħluqa u miftuħa ma kinux ġew analizzati jew spjegati kif xieraq. Madankollu, kif spjegat fil-premessa minn 103 sa 106 tar-Regolament proviżorju huwa ċar li l-konsum ta' kull suq kien differenti u rrefletta l-prestazzjoni tal-industriji iktar 'l isfel fil-katina ta' attivitajiet involuti. Is-suq magħluq żdied minħabba l-iżvilupp ta' setturi bħal dak tal-karozzi. F'kuntrast, is-setturi prinċiparjament ġenerali li jiġu forniti permezz tas-suq ħieles żviluppaw inqas. L-allegazzjoni li s-swieq ħielsa u magħluqa ma ġewx analizzati kif suppost ġiet rifużata.
- (81) Fin-nuqqas ta' kummenti ulterjuri fir-rigward tal-konsum tal-Unjoni, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessa minn 99 sa 106 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.3. Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

3.3.1. Valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

- (82) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn fir-rigward tal-valutazzjoni kumulattiva tal-effetti ta' importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessa minn 107 sa 111 tar-Regolament proviżorju huma ikkonfermati.

3.3.2. Il-volum, is-sehem mis-suq u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

- (83) Kif imsemmi fuq, ċerti partijiet qalu li s-sitwazzjoni kumplessiva li tinkludi kemm is-suq magħluq kif ukoll dak ħieles kellha tiġi analizzata b'rispett tal-indikaturi varji. F'dak li għandu x'jaqsam mas-sehem mis-suq, huwa nnutat li, fid-dawl tan-nuqqas ta' kompetizzjoni bejn il-konsum ristrett (bejgħ) u l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, u fid-dawl tal-ispeċifità tas-suq downstream magħluq, ma hija mniżżla l-ebda analiżi tas-sehem mis-suq espress bħala perċentwal tal-konsum kumplessiv hawn. Dan huwa wkoll konformi mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qrati tal-Unjoni ⁽¹⁾.
- (84) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kumment ieħor fir-rigward tal-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessa minn 112 sa 114 tar-Regolament proviżorju huma ikkonfermati.

3.3.3. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u t-twaqqiġ tal-prezz

- (85) Huwa nnutat l-ewwel li wara żball klerikali, il-kwantitajiet mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni kellhom jiġu kkorreġuti. Minħabba li dan l-iżball ma kellu l-ebda impatt materjali fuq il-prezzijiet medji, kellu impatt negliġibbli fuq il-marġnijiet kalkulati.
- (86) Parti partikolari qalet li l-perċentwal li żdied mal-valur CIF biex ikopri l-kostijiet ta' wara l-importazzjoni għandu jiġi rikalkulat abbażi ta' ammont kull tunnellata. Din id-dikjarazzjoni ġiet milqugħa u l-kalkoli ġew aġġustati skont dan, b'impatt marġinali fuq il-marġnijiet.

⁽¹⁾ Il-Kawża C-315/90, Gimelec u Oħrajn v il-Kummissjoni, sentenza 27 Nov. 1991, EU:C:1991:447, para. 23.

- (87) Il-marġnijiet ta' twaqqigħ fil-prezz definittivi għaldaqstant ġew riveduti u jammontaw, rispettivament, għal 8,1 % u 15,1 % għar-RPĊ u r-Russja.
- (88) Fin-nuqqas ta' kummenti oħrajn fir-rigward tal-volum, is-sehem mis-suq, u l-prezz tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, u bl-eċċezzjoni tal-marġni ta' twaqqigħ fil-prezz kif spjegat fil-premessa 87 fuq, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn 115 sa 119 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.4. Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni

3.4.1. Metodoloġija

- (89) Bosta partijiet ippreżentaw kummenti fir-rigward tal-metodoloġija użata biex tiġi analizzata s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-partijiet indikaw li minkejja d-daqs kbir tas-suq magħluq, l-analiżi ekonomika fil-biċċa l-kbira tagħha eskudiet dan is-suq u li l-konklużjonijiet kienu bbażati biss fuq is-sejbiet li saru dwar is-suq ħieles. B'mod partikolari, dawn il-partijiet qalu li l-prezz tal-bejgħ u l-profittabbiltà fuq is-suq magħluq kellhom jiġu analizzati separatament. Qalu wkoll li kellha tiġi analizzata s-sitwazzjoni kumplessiva li tinkludi kemm is-suq magħluq kif ukoll dak ħieles u li tali analiżi kellha twassal għall-konklużjoni li ma hemmx ħsara għall-industrija tal-Unjoni.
- (90) F'dan ir-rispett u kif spjegat fil-premessa 123 tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni analizzat is-suq magħluq u dak ħieles u l-prestazzjoni kumplessiva tal-industrija tal-Unjoni separatament, fejn applikabbli. Sa fejn għandu x'jaqsam mas-suq magħluq, il-biċċa l-kbira minnu hija reltata mat-trasferimenti ristretti fi ħdan entità ġuridika fejn ma tinħariġx fattura u għaldaqstant ma jeżisti l-ebda prezz tal-bejgħ. Fil-każ ta' bejgħ ristrett bejn entitajiet relatati kien evidenti li fid-dawl tal-politiki tal-prezz tat-trasferiment differenti applikabbli fost il-produtturi varji kampjunati, ma setgħet titwettaq l-ebda analiżi sinifikattiva tal-indikaturi tal-prezz u l-profittabbiltà. Min-naħa l-oħra, kien possibbli li tiġi analizzata l-evoluzzjoni tal-volum tal-konsum ristrett, u ttwettqet analiżi. Għas-suq ħieles ġew analizzati l-kost tal-unità tal-produzzjoni, il-prezz tal-bejgħ, il-volum tal-bejgħ u l-profittabbiltà. Fejn hija konċernata l-attività kumplessiva li tkopri s-swieq magħluqa u ħielsa, li huma wkoll konnessi bejniethom, ġew analizzati bosta indikaturi bħall-volum ta' produzzjoni, il-kapaċità, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, l-impjegi, il-produttività, il-ħażna, il-kost tax-xogħol, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investment.
- (91) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, l-allegazzjoni li l-analiżi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni hija bbażata biss fuq is-suq ħieles u li kellha tinkludi analiżi tal-attività ristretta u kumplessiva għandha tiġi rrifjutata. L-aspetti sinifikattivi kollha li jkopru l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika ftali swieq meta meqjusin waħedhom jew aggregati ġew analizzati.
- (92) Parti partikolari qalet li l-analiżi tas-suq ħieles kellha tinkludi l-analiżi ta' indikaturi oħrajn bħall-produzzjoni, il-ħażna, u l-fluss tal-flus għas-suq ħieles biss. Hija kkonkludiet li l-analiżi ma tagħtix is-sitwazzjoni attwali reali tal-ħsara allegata.
- (93) F'dan ir-rispett, huwa nnutat li l-analiżi ta' indikaturi tal-ħsara oħrajn għas-suq ħieles biss ma kinitx Prattika minħabba r-relazzjoni mill-qrib bejn l-attivitajiet tas-suq magħluq u dak ħieles. Barra minn hekk, tali analiżi ma kinitx se twassal għal xi konklużjonijiet sinifikattivi. Bħala konsegwenza, din l-allegazzjoni kellha tiġi rrifjutata.
- (94) Wara l-iżvelar definittiv, ċerti produtturi esportaturi marru lura għal din il-kwistjoni fil-kummenti tagħhom. Dawn qalu li l-metodoloġija adottata biex jiġu analizzati s-swieq magħluqa u ħielsa wrew ksur tal-prinċipju ta' eżami ġust u oġġettiv. Madankollu, is-swieq magħluqa u miftuħa ġew eżaminati kull fejn possibbli u kull fejn kien hemm dejta sinifikattiva, u saret ukoll valutazzjoni kumulattiva kull fejn xieraq. Għaldaqstant ġie muri ċarament li l-konklużjoni dwar il-ħsara saret permezz ta' valutazzjoni bi tliet viji (is-swieq miftuħa u magħluqa u analiżi kumulattiva) bl-użu tad-dejta relevanti kollha. Meta ma kinitx possibbli valutazzjoni, ġew imsemmija wkoll ir-raġunijiet sottostanti.
- (95) Barra minn hekk, minħabba din il-metodoloġija komprensiva l-punti mqajma mill-produtturi esportaturi huma marbutin ma' kwistjonijiet ta' preżentazzjoni iktar milli ta' sustanza, minħabba li d-dejta relevanti kollha ġiet ippreżentata. Id-dejta preżentati turi li l-volumi ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-swieq miftuħa u magħluqa

żdied bi ftit inqas minn 1 %, iżda din il-bidla hija inqas mit-tkabbir fil-konsum f'dawk is-swieq. F'dak li għandu x'jaqsam mal-prezzijiet u l-profittabbiltà fis-suq tal-Unjoni, dawn huma relevanti biss jekk il-prezzijiet huma tal-bejgħ bejn partijiet mhux relatati. Ma hemmx prezzijiet tal-bejgħ għal trasferimenti ristretti u l-ebda prezzijiet tal-bejgħ kredibbli għall-bejgħ ristrett, għar-raġunijiet diġà msemmija fil-premessa 142 tar-regolament proviżorju. Għaldaqstant l-ebda analiżi sinifikattiva ma setgħet issir dwar il-profittabbiltà tas-suq magħluq. F'dak li għandu x'jaqsam mal-kost tal-produzzjoni, ta' min ifakkar li l-evoluzzjoni ta' dan l-indikatur fuq is-suq ħieles kienet analizzata, minkejja li r-Regolament bażiku ma kienx jeħtieġha speċifikament. L-evoluzzjoni tal-kost ta' produzzjoni fis-suq magħluq ma kinitx analizzata għar-raġunijiet imsemmija fl-istess premessa.

- (96) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, ġie muri ċarament li l-konklużjoni dwar il-ħsara saret permezz ta' valutazzjoni bi tliet viji (is-swieq miftuħa u magħluqa u analiżi kumulattiva) bl-użu tad-dejta relevanti kollha. L-allegazzjoni li sar ksur tal-prinċipju ta' eżami ġust u oġġettiv hija rrifjutata.
- (97) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' kummenti ulterjuri dwar din il-kwistjoni, il-metodoloġija biex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kif deskritt fil-premessi minn 120 sa 123 tar-Regolament proviżorju hija b'dan ikkonfermata.

3.4.2. Indikaturi makroekonomiċi

3.4.2.1. Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità

- (98) Parti interessata partikolari indikat li kien hemm ċaqliq tal-fokus mill-industrija tal-Unjoni mis-suq ħieles għal dak magħluq u li l-industrija tal-Unjoni saret iktar interessata li tbigħ fis-suq magħluq, li fih jinbiegħu prodotti b'valur miżjud ogħla.
- (99) F'dan ir-rigward, huwa nnutat li l-industrija tal-Unjoni ma tiddeċidix b'mod indipendenti tiffukax fuq is-suq magħluq jew dak miftuħ. Għall-kuntrarju, is-suq ta' prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ qiegħed jiġi misjuq mid-domanda u mhux mill-provvista, kif muri mill-kapaċità disponibbli tal-produtturi tal-Unjoni. L-industrija tal-Unjoni ma ddeċidietx li tiffoka fuq is-suq magħluq iżda tilfet is-sehem mis-suq u l-volumi tal-bejgħ fis-suq ħieles minħabba d-disponibbiltà kbira u miżjuda ħafna ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati. Ma kien hemm l-ebda kwistjoni bħal din fis-suq magħluq. L-argument għandu għalhekk jiġi rrifjutat.
- (100) L-istess parti interessata qalet li t-titjib tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità mhuwiex marbut ma' tnaqqis fil-kapaċità iżda ma' żieda fil-volum ta' produzzjoni.
- (101) F'dan ir-rispett huwa nnutat li, minkejja ż-żieda fl-utilizzazzjoni tal-kapaċità mhijiex marbuta biss mat-tnaqqis fil-kapaċità minħabba li l-volum tal-produzzjoni żdied ukoll, it-tnaqqis fil-kapaċità huwa bil-kif l-ikbar kawża taż-żieda fl-utilizzazzjoni tal-kapaċità. Meta wieħed iħares lejn iċ-ċifri assoluti, il-volum ta' produzzjoni żdied biss bi 337 348 tonnellata, filwaqt li l-kapaċità naqset b'1 873 141 tonnellata. Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, l-allegazzjoni kellha tiġi rrifjutata.
- (102) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn 124 sa 126 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.4.2.2. Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

- (103) Il-produtturi esportaturi Russi qalu li t-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ ma jistax jitqies bħala evidenza ta' ħsara minħabba li dan kien, b'mod wiesa', fuq il-linji tat-tnaqqis fil-konsum fil-perjodu kkunsidrat. Dawn argumentaw li t-tnaqqis kien marbut mal-waqa' fil-prezzijiet tal-komoditajiet globali li wasslu għal prezzijiet iktar baxxi tal-prodott ikkonċernat, il-volum li qiegħed jiżdied minn pajjiżi terzi mill-2012 'il hawn u l-importazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat.
- (104) F'dan ir-rispett huwa nnutat li d-differenza bejn it-tnaqqis fil-prezzijiet (- 14 %) u l-konsum (- 9 %) ma tistax titqies bħala insinifikanti. Barra minn dan, it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi globali ma jstgħux jitqiesu bħala raġuni valida għat-tnaqqis fil-volum tal-bejgħ minħabba li dawn l-elementi, jiġifieri l-prezz tal-prodott bażiku u l-volumi tal-bejgħ mhumiex marbutin direttament flimkien. Barra minn hekk, kull tnaqqis fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi jkun japplika kemm għall-industrija tal-Unjoni u għall-importazzjonijiet. F'dak li għandu x'jaqsam mal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, ix-xejra għandha tiġi analizzata tul il-perjodu kkunsidrat, u mhux minn nofsu. F'dan il-kuntest, huwa nnutat li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi naqsu kemm f'termini

assoluti (- 206 571 tunnellata) u relattivi (minn 10,9 % għal 9,1 % tas-sehem mis-suq). Barra minn hekk, f'dak li għandu x'jaqsam mal-importazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni mill-pajjiżi kkonċernati, huwa nnutat li tali xiri kien stabbli fil-perjodu kkunsidrat u rrappreżenta inqas minn 1 % tal-fatturat totali tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Fuq il-bażi ta' dak imsemmi hawn fuq, din it-talba ġiet irrifjutata.

- (105) F'dak li jirrigwarda s-sehem mis-suq, l-istess partijiet saqsew kif il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet b'mod proviżorju li t-tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni (minn 74,8 % għal 70,8 %) kien jindika l-ħsara filwaqt s-sehem mis-suq ta' 5,4 % li kellhom l-importazzjonijiet mill-Indja, l-Iran u l-Ukrajna ma kienx kapaċi jikser ir-rabta kawżali bejn l-allegata ħsara u l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati.
- (106) F'dan ir-rigward ta' min jinnota li s-sehem mis-suq tal-pajjiżi msemmija hawn fuq jinħtieġ li jkun analizzat tul il-perjodu kkunsidrat u mhux billi jkun hemm iffukar fuq perjodu speċifiku ta' sena. Għalhekk isegwi li s-sehem mis-suq li kellhom l-importazzjonijiet mill-Indja, l-Iran u l-Ukrajna żdied minn 4 % għal biss 5,4 % tul il-perjodu kkunsidrat, jiġifieri b'1,4 % punt perċentwali filwaqt kif isemma fil-premessa 105 hawn fuq, l-importazzjonijiet totali minn pajjiżi terzi naqsu minn 10,9 % għal 9,1 % għall-benefiċċju tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati. Isegwi minn dan ta' hawn fuq li t-tnaqqis fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni ma jistax jitqabbel *sensu stricto* mas-sehem mis-suq miżmum mill-pajjiżi msemmija hawn fuq u li dan it-tnaqqis jista' jiġi meqjus li jindika ħsara. Fuq il-bażi ta' dak imsemmi hawn fuq, din it-talba ġiet irrifjutata.
- (107) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn 127 sa 132 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.4.2.3. L-impjiegi, il-kost tal-manodopera, u l-produttività

- (108) Parti interessata partikolari indikat li t-tnaqqis fl-impjiegi ma għandux jiġi kollegat mal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati, iżda mal-immodernizzar tat-tagħmir li wassal għall-impjeg ta' persunal iktar imħarreġ u li rriżulta għal kost tal-manodopera oġhla.
- (109) F'dan ir-rispett, huwa nnutat li l-allegazzjonijiet li saru fir-rigward tal-immodernizzar tat-tagħmir u r-reklutaġġ ta' persunal iktar imħarreġ mhumiex sostnuti mill-evidenza u għaldaqstant jinħtieġ li jiġu rifjutati.
- (110) Parti interessata oħra esprimiet dubji dwar ix-xejra opposta li kellhom l-impjiegi (- 10 %) u l-kost tal-manodopera (+ 11 %) tul il-perjodu kkunsidrat. Din il-parti saqsiet ukoll jekk l-evoluzzjoni kinitx tapplika għas-suq magħluq kif ukoll għal dak miftuħ.
- (111) F'dan ir-rispett, issir referenza għall-premessa 144 tar-Regolament proviżorju, li tippredvi li ż-żieda fil-kost tal-manodopera kienet fil-fatt kollegata ma' tnaqqis aħrax fl-impjiegi li wassal biex ikun hemm ħlasijiet ta' terminazzjoni, li b'konsegwenza wasslu għal inflazzjoni tal-kost tal-manodopera għal kull FTE. Huwa nnutat ukoll li t-tnaqqis fl-impjiegi ma kienx marbut esklussivament mal-persunal fis-suq ħieles jew dak magħluq, iżda li affettwa l-impjiegi b'mod ġenerali, minħabba li l-prodotti destinati għas-suq magħluq jew miftuħ huma magħmulin mill-istess ħaddiema bl-istess tagħmir. Fuq il-bażi ta' dak imsemmi hawn fuq, din it-talba ġiet irrifjutata.
- (112) Fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn 133 u (134) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.4.2.4. L-inventarji, il-kobor tal-marġni tad-dumping, it-tkabbir, il-prezzijiet, il-profitabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti

- (113) Fin-nuqqas ta' kummenti dwar l-inventarji, il-kobor tal-marġni tad-dumping, it-tkabbir, il-prezzijiet, il-profitabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti, il-konklużjonijiet miktuba fil-premessi minn 135 sa 151 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

3.4.3. Konklużjoni dwar il-ħsara

- (114) Bosta partijiet interessati indikaw li l-analiżi tal-ħsara kienet ibbażata biss fuq l-iżvilupp negattiv tal-indikaturi fis-suq ħieles u li l-konklużjonijiet ta' tali analiżi ma kinux biżżejjed biex jiġġustifikaw li l-Unjoni, kumplessivament, sofriet ħsara materjali.
- (115) F'dan ir-rigward, kif indikat fil-premessa 96, ta' min ifakkar li l-Kummissjoni ma llimitatx l-analiżi tagħha għas-suq ħieles b'mod partikolari iżda, fejn applikabbli, analizzat u kkonkludiet dwar l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni meħuda kumplessivament, u dwar is-suq magħluq b'mod partikolari.
- (116) Barra minn hekk, ta' min jinnotta li l-konklużjoni li l-industrija sofriet ħsara materjali mhijiex ibbażata biss fuq l-iżvilupp negattiv tal-indikaturi mikro u makro fis-suq ħieles. Filwaqt li huwa veru li ċerti indikaturi mikro u makro juru żvilupp negattiv fis-suq ħieles, indikaturi oħrajn marbutin mal-prestazzjoni ġenerali tal-industrija tal-Unjoni bħall-impjegji, il-kost tal-manodopera għal kull FTE, l-investimenti u r-redditu fuq l-investment, ukoll juru deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Meta jiġi kkunsidrat id-daqs rispettiv tas-suq ħieles u dak magħluq, huwa nnutat li l-iżvilupp pożittiv tal-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fis-suq magħluq (fir-rigward ta' ċerti indikaturi) ma kienx biżżejjed biex jisboq il-prestazzjoni negattiva fis-suq ħieles, kif huwa muri mill-iżvilupp negattiv tal-indikaturi msemmija hawn fuq marbutin mal-attività kumplessiva. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, din l-allegazzjoni għandha tiġi rifjutata.
- (117) Abbażi tal-analiżi tal-kummenti, kif imqassra fil-premessi minn 73 sa 115 iktar 'il fuq, il-konklużjonijiet imniżżla fil-premessi minn 152 sa 155 tar-Regolament proviżorju huma b'dan ikkonfermati.

4. KAWŻALITÀ

- (118) Bosta partijiet interessati allegaw li l-ħsara ma tistax tiġi attribwita għall-importazzjonijiet oġġetti ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u li kien hemm fatturi oħrajn li qegħdin jiksru r-rabta ta' kawżalità. Xi wħud mill-allegazzjonijiet kienu sempliċement repetizzjoni tal-allegazzjonijiet li ġew ippreżentati fl-istadju proviżorju, mingħajr elementi ġodda. Il-kumment l-ġodda huma analizzati hawn taħt.

4.1. L-irkupru tal-ekonomija Ewropea

- (119) Parti interessata partikolari kkontestat l-eżistenza ta' proċess ta' rkupru bil-mod wara l-kriżi tal-2012 u qalet li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati ma kinux żammew lill-industrija tal-Unjoni milli tibbenefika minn tali rkupru. Fis-sustanza, huma allegaw li n-nuqqas ta' rkupru mill-kriżi tal-2012 kien ikkawżat mill-allegata domanda baxxa kontinwa għal prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ.
- (120) L-ewwel, għandu jiġi nnutat li l-konsum bejn l-2012 u l-perjodu ta' investigazzjoni żdied b'4,4 % li, minkejja li ma laħaqx il-livell tal-2011, jista' jitqies bħala sinjal ta' rkupru bil-mod. F'dak li għandu x'jaqşam mal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, ta' min jinnotta li f'kuntest ta' rkupru bil-mod, sehemhom mis-suq żdied minn 13,5 % fl-2012 għal 18,7 % fl-2013, u saħansitra sa 20,1 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, l-allegazzjoni għandha tiġi rifjutata.

4.2. Investimenti, il-kapaċità u ż-żieda fil-produzzjoni

- (121) L-istess parti interessata allegat li l-industrija tal-Unjoni kienet għamlet deċiżjonijiet kummerċjali ħżiena bla ma kienet taf billi għamlet investimenti għoljin fl-2011 u l-2012 u billi żiedet il-kapaċità fl-2011.
- (122) Rigward dan il-punt, ta' min ifakkar li l-investigazzjoni ffukat l-analiżi tagħha fuq l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni fil-perjodu 2011-perjodu ta' investigazzjoni. Għaldaqstant, iż-żieda fil-kapaċità li seħħet bejn l-2010 u l-2011 ma tistax titqies li hija parti mill-ambitu tal-analiżi. Barra minn hekk, huwa nnutat li l-allegazzjoni li l-industrija tal-unjoni għamlet investimenti li kienu allegatament għoljin fl-2011 u l-2012 mhi sostnuta mill-ebda evidenza fattwali. Eventwalment, huwa nnutat li l-investimenti li saru mill-industrija tal-Unjoni li għiet kampjunata waqt il-perjodu kkunsidrat irrappreżentaw inqas minn 2,5 % tal-assijiet netti tagħhom u kienu prinċiparjament investimenti ta' sostituzzjoni u razzjonalizzazzjoni. Fid-dawl tal-livell tal-investimenti u n-natura tagħhom, tali investimenti ma jistgħux jitqiesu li huma sinifikanti biżżejjed biex ikollhom effett fuq il-prestazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-pretensjoni jkollha tiġi riġettata.

- (123) Wara l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji u wkoll wara l-iżvelar finali, xi partijiet interessati argumentaw li ma kinux l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati li wasslu għall-ħsara, iżda li l-kaġun tal-ħsara kien il-volum ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni fi żmien fejn il-konsum kien qiegħed nieżel.
- (124) F'dan ir-rigward u kif indikat fil-premessa 152 tar-Regolament proviżorju ta' min ifakkar li l-industrija tal-Unjoni żiedet il-volum tal-produzzjoni tagħha sabiex tissodisfa ż-żieda fil-konsum ristrett. Minħabba li l-industrija tal-Unjoni fil-biċċa l-kbira tipproduċi skont l-ordnijiet kif ikkonfermat mil-livelli ta' ħażna pjuttost baxxi (ara l-premessa 136 tar-Regolament proviżorju), tali żieda ma tistax titqies li hija l-kawża tal-ħsara. Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, l-allegazzjoni għandha tiġi rifjutata.

4.3. Il-prezzijiet tal-materja prima

- (125) Bosta partijiet interessati ddisputaw il-konklużjonijiet li saru dwar l-impatt tal-prezzijiet tal-materja prima li kienu għan-niżla fuq il-prezzijiet miżmuma mill-industrija tal-Unjoni. L-ewwel, dawn ikkontestaw li t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-importazzjoni kien iktar baxx mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima u taw l-eżempju tal-mineral tal-ħadid. Fil-preżentazzjoni tagħha, din il-parti indikat li l-prezz tal-mineral tal-ħadid (RMB/tunnelleta) kien naqas b'39 % fil-perjodu kkunsidrat. It-tieni, dawn qalu li l-argumentazzjoni tal-Kummissjoni fil-premessa minn 171 sa 175 tar-Regolament proviżorju ma rribattietx l-allegazzjoni li l-prezzijiet tal-materja prima li kienu neżlin kienu wasslu għal waqgħa fil-prezzijiet tal-prodott taħt investigazzjoni, u li l-Kummissjoni ma kinitx tat il-piż xieraq lit-tnaqqis globali fil-prezz tal-materja prima.
- (126) F'dan ir-rispett, l-ewwel huwa mfakkar li l-prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati naqsu b'medja ta' 20 % tul il-perjodu kkunsidrat, li huwa ogħla mit-tnaqqis fil-kost tal-produzzjoni għall-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, f'dak li għandu x'jaqsam mal-mineral tal-ħadid u wara l-konverżjoni tal-informazzjoni dwar il-prezz ippreżentat minn RMB għal EUR/tunnelleta, jidher li l-prezzijiet tal-mineral tal-ħadid naqsu biss b'madwar 31 % tul il-perjodu kkunsidrat. Jekk wieħed jassumi konservattivament li s-sehem tal-mineral tal-ħadid ikun jammonta għal 35 % tal-kostijiet fil-pajjiżi kkonċernati, it-tnaqqis fil-prezz tal-materja prima jista' jwassal biss għal inqas minn tnaqqis fil-prezz ta' madwar 11 %, meta, kif spjegat fuq, il-prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati naqsu b'20 %.
- (127) F'dak li għandu x'jaqsam mat-tieni allegazzjoni, ta' min wieħed jinnota li l-Kummissjoni ma eskcludietx il-fatt li t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima affetwa l-prezz tal-prodott investigat waqt il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, hija argumentat li l-prezz tal-prodott investigat fl-Unjoni ma kienx isegwi xerxa tal-prezzijiet dinjija waħda li bażikament tirrefletti l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-materja prima. Barra minn hekk, il-Kummissjoni analizzat fatturi oħra li jkollhom influwenza fuq il-prezzijiet, jiġifieri d-differenzi reġjonali u l-kapaċitajiet żejda. Hija indikat ukoll li jekk il-prezz tal-prodott ikkonċernat ma kiex naqas iktar mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima, il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq kienu jibqgħu ġusti u l-industrija tal-Unjoni kienet tkun kapaċi tiġbor il-benefiċċji ta' tnaqqis fil-kostijiet u terġa' tibda tagħmel profit. Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, l-allegazzjonijiet imsemmija qabel għandhom jiġu rifjutati.
- (128) Ċerti produttori esportaturi marru lura għal din il-kwistjoni fil-kummenti tagħhom fuq l-iżvelar definitiv. Madankollu, ma sar l-ebda argument ġdid.

4.4. L-importazzjonijiet magħmula mill-industrija tal-Unjoni

- (129) Parti interessata partikolari qalet li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-industrija tal-Unjoni ma nġhatawx biżżejjed piż fil-valutazzjoni tal-kawżalità tal-Kummissjoni, u li dan wassal għal valutazzjoni tal-kawżalità mhux kompluta u mhux akkurata.
- (130) Kif indikat fil-premessa 104 fuq, l-importazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni mill-pajjiżi kkonċernati kienu stabbli fil-perjodu kkunsidrat u rrappreżentaw inqas minn 1 % tal-fatturat totali tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, kif indikat fil-premessa 191 tar-Regolament proviżorju, dan ix-xiri sar minn ferġhat ta' kummerċ liberi li jixtru l-prodotti tal-azzar irrumblat ċatt fil-kiesaħ minn bosta sorsi. Dawn il-ferġhat ta' kummerċ għandhom l-inċentiv li joffru l-irħas materjal possibbli biex iżommu r-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom. Fid-dawl tal-volumi baxxi involuti u l-fatt li tali volumi ma żdidux tul il-perjodu kkunsidrat, huwa meqjus li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati nġhataw il-piż meħtieġ. Din id-dikjarazzjoni għalhekk trid tiġi rifjutata.

- (131) Ċerti produttori esportaturi marru lura għal din il-kwistjoni fil-kummenti tagħhom li segwew l-iżvelar definittiv u argumentaw li l-Kummissjoni kienet interpretat in-numri mill-ġdid biex tiġġustifika s-sejba ta' ħsara billi vvalutat mill-ġdid il-proporzjon li l-importazzjonijiet kienu jirrappreżentaw bħala perċentwal tal-bejgħ totali. Fil-fatt, il-Kummissjoni ma rriinterpretatx iċ-ċifri iżda tat ċifra iktar preċiża (inqas minn 1 %) mill-firxa usa' miktuba fir-Regolament proviżorju (0 %-5 %).

4.5. L-eżistenza ta' ftehim li qabel kien applikabbli fuq il-kummerċ f'ċerti prodotti tal-azzar bejn ir-Russja u l-Unjoni

- (132) L-istess partijiet interessati, wara l-iżvelar proviżorju u wkoll wara l-iżvelar definittiv, tennew l-argument li l-importazzjonijiet Russi kienu għadhom fil-kwoti mhux ta' ħsara stabbiliti fil-ftehim applikabbli preċedentement dwar il-kummerċ ta' ċerti prodotti tal-azzar bejn ir-Russja u l-Unjoni. B'mod partikolari, hi ma qablitx mal-konklużjoni li l-livell tal-kwota kien "għoli wisq" u indikat li kien hemm trikkib sinifikanti bejn il-prodott li huwa fl-ambitu ta' din l-investigazzjoni u l-kategorija ta' "prodotti oħrajn irrumblati ċatti" (kif definit fil-ftehimiet).
- (133) F'dan ir-rispett huwa mfakkar li l-ftehim imsemmi hawn fuq intemm qabel il-perjodu ta' investigazzjoni, jiġifieri fit-22 ta' Awwissu 2012 wara l-adeżjoni tal-Federazzjoni Russa fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Barra minn hekk, huwa nnutata li l-ftehim ma ppreveda l-ebda dispożizzjoni marbuta mal-indiċjar tal-kwota tal-importazzjoni mal-evoluzzjoni annwali attwali tad-domanda / konsum. Fi kliem ieħor, suq li qiegħed jinxtorb ma jirriżultax f'addattament korrispondenti tal-kwoti. B'mod iktar b'saħħtu, l-Artikolu 10 tal-ftehim imsemmi fuq ippreveda li l-kwantitajiet jinħtieġ li jiżdied b'2,5 % f'kull grupp ta' prodotti ma' kull tiġdid annwali. Għaldaqstant mhuwiex sorprendenti li l-kwota għall-grupp ta' prodotti inklużi l-prodotti koperti b'din l-investigazzjoni ma ntlaħqet qatt tul il-perjodu tal-eżistenza tal-ftehim.
- (134) Fid-dawl ta' dan, jidher li l-kwoti msemmija fl-annessi għal tali ftehimiet annwali huma skonnessi mir-realtà tas-suq u l-evoluzzjoni tal-konsum, minħabba li l-kwota kienet tiġi awtomatikament aġġustata 'l fuq irrispettivament mill-evoluzzjoni tal-konsum/domanda. Barra minn hekk, minħabba li l-kwota qatt ma ġiet eżawrita tul il-perjodu tal-eżistenza tal-ftehim, jista' jiġi meqjus li tali kwota kienettassew "għolja wisq" mhux biss għall-perjodu ta' eżistenza tal-ftehimiet iżda wkoll meta mqabbla mal-iżvilupp tal-konsum fil-perjodu kkunsidrat. B'konsegwenza, kull paragon bejn il-livell ta' tali kwota, li ma baqgħetx tapplika mit-22 ta' Awwissu 2012 lil hemm u l-livell ta' importazzjonijiet mir-Russja tul il-perjodu kkunsidrat huwa bla sinifikat. Għalhekk dan l-argument għandu jiġi miċħud.
- (135) L-allegat trikkib bejn il-prodott fl-ambitu ta' din l-investigazzjoni u l-"prodotti oħrajn irrumblati ċatti" korrispondenti ġie analizzat ulterjorment. L-ewwel deher li l-prodott fl-ambitu tal-investigazzjoni attwali kien jikkonċerna prodott li jagħmlu parti mill-grupp ta' prodotti "pjanċi llegati rrumblati fil-ksieħ u miksijin". It-tieni, deher li mit-42 kodiċi Taric kopert mill-ftehim taħt il-gruppi ta' prodotti imsemmija fuq, huma biss 7 li jikkorrespondu perfettament mal-kodiċijiet imsemmija fir-Regolament proviżorju (7209 16 90 00, 7209 17 90 00, 7209 18 91 00, 7209 26 90 00, 7209 27 90 00, 7209 28 90 00 u 7225 50 80 00). B'konsegwenza, 35 kodiċi Taric irrappurtati fl-Anness għall-ftehim huma esklużi mill-prodott fl-ambitu ta' din l-investigazzjoni. Min-naħa l-oħra, madwar 10 kodiċijiet Taric koperti minn din l-investigazzjoni ma kinux koperti mill-ftehim fuq imsemmi. Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, jidher li l-allegat trikkib mhuwiex sostnut minn evidenza fattwali, u tali allegazzjonijiet għandhom jiġu rifjutati.

4.6. Il-kapaċità żejda tal-industrija tal-Unjoni

- (136) Parti interessata oħra argumentat li l-industrija tal-Unjoni kienet affettwata materjalment mill-kapaċità żejda tagħha li kienet twassal għal provvista żejda, kostijiet miżjuda u profitti mnaqqsa iżda wkoll kienet ta' detterrent għal iktar investimenti. Hija komplet tindika li fin-nuqqas tal-importazzjonijiet, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità kienet taqbeż it-72 % biss.
- (137) L-ewwel jiġi mfakkar li l-industrija tal-Unjoni naqqset il-kapaċità tagħha bi 3 % tul il-perjodu kkunsidrat sabiex tadatta għas-sitwazzjoni tas-suq globali li kienet qed tinbidel. Filwaqt li r-rata tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità miksuba mill-industrija tal-Unjoni tul il-perjodu kkunsidrat ma tistax titqies bħala sodisfaċenti u mhuwiex disputat li l-livelli baxxi tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità jistgħu jkollhom impatt fuq il-prestazzjoni ta' industrija, huwa nnutat li l-industrija tal-Unjoni xorta kienet profittabbli fl-2011 meta il-kapaċità installata tagħha eċċediet dak tal-perjodu tal-investigazzjoni u l-utilizzazzjoni tagħha kienet taħt dak tal-perjodu ta' investigazzjoni. Għaldaqstant, u fid-dawl ta' titjib fl-utilizzazzjoni tal-kapaċità kollegata mat-tnaqqis fil-kapaċità, huwa konkluż li l-livell tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità ma jistax jitqies bħala element li jikser ir-rabta ta' kawżalità. Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, l-allegazzjoni għandha tiġi rifjutata.

4.7. Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

- (138) Bosta partijiet allegaw li l-Kummissjoni ma vvalutatx kif xieraq l-impatt ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Dawn qalu li l-livell tal-importazzjonijiet ta' għom kien qrib il-livell tal-importazzjonijiet Russi, l-importazzjonijiet mill-Iran u l-Ukrajna saru għal prezzijiet iktar baxxi mill-importazzjonijiet mir-Russja u ċ-Ċina. Barra minn hekk, u kif indikat fil-premessa 105, parti interessata partikolari qalet li l-importazzjonijiet mill-Ukrajna, l-Indja u l-Iran, li ammontaw għal 5,4 % tas-sehem mis-suq fil-perjodu kkunsidrat ma kinux tqiesu kif xieraq meta mqabbel mat-naqqis fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni.
- (139) F'dan ir-rigward, l-ewwel huwa nnutat li, kif indikat fil-premessa 104, is-sehem mis-suq ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi naqas minn 10,9 % għal 9,1 % (minn 854 281 għal 647 710 tunnellata) tul il-perjodu kkunsidrat filwaqt li s-sehem mis-suq ta' importazzjonijiet mir-Russja biss żdiedu minn 5,9 % għal 9,8 % (u minn 466 165 għal 697 661 tunnellata). Ikompli minn dan ta' hawn fuq li l-importazzjonijiet mir-Russja u minn pajjiżi terzi oħrajn segwew xejriet opposti. Huwa nnutat ukoll li fil-qafas ta' din l-investigazzjoni, l-importazzjonijiet mir-Russja ġew kumulati mal-importazzjonijiet miċ-Ċina u li s-sehem mis-suq tal-pajjiżi kkonċernati żdied minn 14,3 % fl-2011 għal 20,1 % fil-perjodu ta' investigazzjoni.
- (140) It-tieni, filwaqt li mhuwiex disputat li l-importazzjonijiet mill-Iran u l-Ukrajna infatti saru bi prezzijiet medji iktar baxxi mill-prezzijiet medji tal-pajjiżi kkonċernati, huwa nnutat li l-livell medju tal-prezz ta' tali importazzjonijiet kien ferm inqas mill-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati tul il-perjodu kkunsidrat kollu kemm hu u li ma kienx hemm tibdil sinifikanti fl-imġiba tal-prezz tagħhom tul dan il-perjodu. Minħabba li s-sehem mis-suq tagħhom żdied biss bi ftit, minn 2,9 % għal 3,4 %, huwa improbabli li tali importazzjonijiet jiksru r-rabta ta' kawżalità.
- (141) It-tielet, u kif indikat fil-premessa 106 is-sehem mis-suq tal-Ukrajna, l-Indja u l-Iran għandu jkun analizzat tul il-perjodu kkunsidrat u mhux billi jkun hemm iffukar fuq perjodu speċifiku ta' sena. Isegwi minn dan li l-sehem mis-suq li kellhom l-importazzjonijiet mill-Indja, l-Iran u l-Ukrajna infatti żdied bi ftit minn 4 % għal 5,4 % tul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn (fosthom dawk elenkati iktar 'il fuq) b'mod naqsu kumplessivament minn 10,9 % għal 9,1 %. Isegwi minn dan ta' hawn fuq li t-naqqis mis-sehem mis-suq għall-industrija tal-Unjoni (- 4 %) ma jstax jitqabbel mas-sehem mis-suq miżmum mill-pajjiżi msemmija fuq fil-perjodu ta' investigazzjoni biss, u li ż-żieda fis-sehem mis-suq ma tistax titqies sinifikanti biżżejjed biex tikser ir-rabta ta' kawżalità.
- (142) Wara l-iżvelar definittiv, xi produttori esportaturi qalu li, meta vvalutati f'termini assoluti, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha kienu paragonabbli għall-importazzjonijiet mir-Russja u li għandhom jiġu meqjusa ugwalment li huma ta' ħsara. F'dan ir-rigward, l-ewwel huwa nnutat li kif indikat fil-premessa minn 107 sa 111 tar-Regolament proviżorju, il-kundizzjonijiet biex l-importazzjonijiet Russi u Ċiniżi jiġu valutati kumulattivament ġew issodisfati. Għaldaqstant, l-importazzjonijiet mir-Russja ma jinhtiegx li jiġu analizzati f'iżolament. It-tieni, huwa nnutat ukoll li, filwaqt li l-analiżi tal-importazzjonijiet jinħtieġ li tabilħaqq issir billi wieħed iħares lejn iċ-ċifri assoluti, l-evoluzzjoni ta' tali ċifri assoluti wkoll għandha tiġi analizzata. F'dan ir-rigward u kif indikat fuq, huwa nnutat li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha naqsu b' 206 571 tunnellata tul il-perjodu kkunsidrat filwaqt li l-importazzjonijiet mir-Russja żdiedu b' 231 496 tunnellata. L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati vvalutati kumulattivament segwew xejra simili u żdiedu bi 312 224 tunnellata. Kif deskritt fuq, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha kienu ferm iktar baxxi mill-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati fil-perjodu kkunsidrat. Dawn segwew ukoll xejra opposta għal dik tal-importazzjonijiet Russi jew l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati. Fuq din il-bażi, huwa kkonfermat li l-importazzjonijiet kienu analizzati b'mod korrett, b'kont meħud tal-volum, il-prezz u x-xejriet tas-sehem mis-suq tagħhom. It-talba kienet għalhekk irrifjutata.

4.8. Konklużjoni dwar il-kawżalità

- (143) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' kummenti oħra, il-konklużjonijiet stabbiliti fil-premessi minn 202 sa 204 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

5. INTERESS TAL-UNJONI

5.1. L-interess tal-industrija tal-Unjoni

- (144) Fin-nuqqas ta' kummenti rigward l-interess tal-industrija tal-Unjoni, il-konklużjoni li ntlaħqet fil-premessa 209 tar-Regolament proviżorju hija kkonfermata.

5.2. L-interess tal-importaturi u l-utenti

- (145) Wara l-iżvelar proviżorju, bosta partijiet qalu li ma jkunx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri antidumping kontra l-pajjiżi kkonċernati. Din l-allegazzjoni kienet imtennija wara l-iżvelar definittiv. Dawn allegaw li l-miżuri antidumping ikunu kontra l-interessi ta' utenti iżgħar minħabba li se jkollhom effett antikompetittiv (il-produtturi tal-Unjoni se jgħollu l-prezzijiet tagħhom) u minħabba li l-produtturi tal-Unjoni ma jipproduċux ċerti tipi ta' prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ.
- (146) Dawn l-allegazzjonijiet diġà kienu ġew trattati fil-premessi minn 220 sa 223 tar-Regolament proviżorju, iżda ma nġhatat l-ebda informazzjoni addizzjonali sostantiva għal tali allegazzjonijiet wara l-iżvelar proviżorju jew definittiv. Għaldaqstant dan l-argument huwa rifjutat.

5.3. Argumenti oħrajn

- (147) Xi partijiet allegaw li l-Kummissjoni kellha inklinazzjoni li tiffavorixxi l-produtturi tal-Unjoni u ppruvat issib id-dumping akkost ta' kollox.
- (148) Din l-allegazzjoni ma kinitx sostanzjata ulterjorment. Il-Kummissjoni tissottolinja li l-investigazzjoni titwettaq fil-qafas legali applikabbli bl-ogħla standards għan-newtralità u t-trasparenza.
- (149) Skont xi partijiet, il-fatt li l-produtturi tal-Unjoni impurtaw il-prodott taħt investigazzjoni juri li ma jistgħux ilaħħqu mad-domanda fl-Unjoni.
- (150) Kif intqal ukoll fil-premessa 191 tar-Regolament proviżorju, għadd ta' produtturi tal-Unjoni huma parti minn gruppi tal-azzar integrati ma' kumpaniji tan-negozju indipendenti. Dawn l-operaturi tas-suq għandhom il-libertà li jixtru mil-liema sors iridu, inklużi l-pajjiżi kkonċernati. Irid jiġi mtenni li dan ix-xiri rrappreżenta inqas minn 1 % tal-bejgħ tal-ilmentaturi. Apparti mir-raġunament ta' awtodifiża u ż-żamma tar-relazzjonijiet kummerċjali, ma hemm xejn fid-dossier li jagħti x'tifhem li tali importazzjonijiet saru minħabba li l-produtturi tal-Unjoni ma kinux kapaċi jlaħħqu mad-domanda.

5.4. Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni

- (151) Fl-assenza ta' kummenti oħrajn rigward l-interess tal-Unjoni, il-konklużjonijiet milħuqa fil-premessi minn 229 sa 232 tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

6. IL-MIŻURI ANTIDUMPING DEFINITTIVI

6.1. Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu

- (152) Wara l-iżvelar proviżorju, bosta partijiet għamlu kummenti dwar il-profitt fil-mira ta' 5 % użat proviżorjament biex tiġi kkalkolata s-sottokwotazzjoni, kif spjegat fil-premessi minn 237 sa 238 tar-Regolament proviżorju. Parti interessata partikolari allegat li l-profitt fis-settur ma kienx ikun iktar minn 5 %, filwaqt li parti interessata oħra qalet li l-mira ta' profitt ta' 5 % kienet eċċessiva. Dawn l-allegazzjonijiet ma kinux sostanzjati.
- (153) Eurofer qieset li l-mira ta' profitt ta' 5 % kienet baxxa wisq. L-ewwel, hi rrifjutat ir-referenza għall-profitt fil-mira tal-GOES fuq il-bażi li, fost l-oħrajn, ir-riċerka u l-iżvilupp, is-swieg u n-natura tal-azzar kienu differenti. It-tieni, l-Eurofer qalet li evidenza disponibbli u verifikabbli minn qabel l-2009 turi li l-profitt mixtieq użat għandu jkun tal-anqas 10 %. Meta qalet hekk, l-Eurofer qagħdet parzjalment fuq l-informazzjoni pprovduta mill-produtturi ilmentaturi li ġew kampjunati u li kienu pprovdew, wara talba tal-Kummissjoni, dejta dwar il-profittabbiltà għal, fost l-oħrajn, il-perjodu 2005–2008, u parzjalment fuq il-profittabbiltà miksuba minn ċerti produtturi tal-Unjoni oħrajn f'dan il-perjodu. L-Eurofer żiedet li l-profitt fil-mira ma għandux ikun derivat minn snin li ġew affettwati jew mill-kriżi ekonomika inkella mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati. It-tielet, l-Eurofer qalet li l-profitt fil-mira għandu jiġi aġġustat fid-dawl tal-importazzjonijiet wara l-perjodu tal-investigazzjoni u d-deprezzament inġust kontinwu tal-prezz tal-importazzjonijiet ikkonċernati. Hija qalet ukoll li fil-passat l-istituzzjonijiet tal-Unjoni kienu diġà joqogħdu fuq livell ta' profitt ogħla mis-soltu biex jikkompensa l-ħsara kkważata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Commission Regulation (EEC) No 3262/90 of 5 November 1990 imposing a provisional anti-dumping duty on imports of audio tapes in cassettes originating in Japan, the Republic of Korea and Hong Kong (m'hemmx traduzzjoni bil-Malti) (GU L 313, 13.11.1990, p. 5).

- (154) Għalhekk dawn il-kummenti ġew analizzati sew. L-ewwel għandu jiġu mfakkar li, kif spjegat fil-premessa 236 tar-Regolament proviżorju, l-investigazzjoni kienet stabbiliet li waqt il-perjodu kkunsidrat kien hemm volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati li kellhom effett negattiv, fost l-oħrajn, fuq il-proffittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-ebda mis-snin fil-perjodu kkunsidrat ma tista' titqies indikattiva għall-profitt li jista' raġonevolment jinkiseb taħt kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni. Minħabba li l-unika sottomissjoni li waslet f'dan ir-rigward waqt l-istadju proviżorju ma kinitx sostanzjata biżżejjed, il-Kummissjoni għażlet li tistabbilixxi b'mod proviżorju l-profitt fil-mira abbażi tas-sejbiet fl-investigazzjonijiet li jikkonċernaw prodotti tal-azzar oħrajn. Madankollu, wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji, il-Kummissjoni investgħat iktar din il-kwistjoni, mhux biss fid-dawl tal-kummenti li waslulha wara l-iżvelar, iżda wkoll billi talbet u analizzat iktar informazzjoni f'dan ir-rigward.
- (155) Kif diġà ssemma fil-premessa 8 hawn fuq, wara l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji l-Kummissjoni talbet lill-produtturi tal-Unjoni kampjunati biex jagħtuha t-tagħrif dwar il-proffittabbiltà fir-rigward tal-prodott simili meta mibjugħ fis-suq tal-Unjoni għas-snin mill-2005 sal-2010 (l-istess informazzjoni għall-perjodu 2011 sal-perjodu ta' investigazzjoni kien diġà ġie pprovdut permezz tar-risposta tagħhom għall-kwestjonarju oriġinali). Din l-informazzjoni ġiet ipprovduta u vverifikata. Il-proffittabbiltà medja ponderata għas-snin mill-2005 sal-2008 li setgħet tiġi kkalkulata fuq din il-bażi kienet għal kull waħda minn dawn is-snin fil-medda minn 9 % sa 15 %. Is-snin mill-2005 sal-2008 dehru li kienu snin rappreżentattivi biex jiġi stabbilit profitt fil-mira, minħabba li la kienu affettwati mill-kriżi ekonomika, li kellha impatt b'saħħtu fuq is-settur mill-2009, u la kienu karatterizzati minn ċirkostanzi tas-suq eċċezzjonalment favorevoli. Barra minn hekk, il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u l-pajjiżi l-oħrajn f'dawk is-snin indikaw li l-kompetizzjoni kienet b'saħħitha.
- (156) Abbażi ta' dawn ta' hawn fuq il-Kummissjoni għaldaqstant tqis li l-marġni ta' profitt miksub mill-industrija fl-iktar sena rappreżentattiva reċenti, jiġifieri s-sena 2008, huwa bażi iktar xierqa għal profitt fil-mira, għal din l-industrija, mill-profitt fil-mira ta' 5 % użat proviżorjament. Il-marġni ta' profitt medju ponderat jammonta għal 9,9 % u l-kalkoli ta' sottokwotazzjoni ġew aġġustati skont dan. Minħabba li hija bbażata fuq tagħrif reali dwar il-proffittabbiltà għall-prodott ikkonċernat hija l-aħjar informazzjoni disponibbli għal dan l-għan.
- (157) Ċerti produtturi esportaturi marru lura għall-kwistjoni tal-marġnijiet tal-ħsara użati biex jiġi stabbilit il-livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara fil-kummenti tagħhom li segew l-iżvelar definittiv. Billi ġie kkwotat il-paragrafu 60 tas-sentenza tal-EFMA⁽¹⁾ intqal li l-marġni ta' profitt li għandu jintuża mill-Kunsill meta jikkalkula l-prezz indikattiv li jneħħi l-ħsara inkwistjoni jrid ikun limitat għall-marġni ta' profitt li l-industrija Komunitarja tista' sserraħ fuqu b'mod raġonevoli f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni normali, fin-nuqqas ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Huma komplew billi indikaw li l-profitt miksub fis-sena 2011 jikkostitwixxi marġni ta' profitt kredibbli fin-nuqqas ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Meta wieħed iżomm f'moħħu li d-dejta fid-dossier għall-perjodu 2009 tal-perjodu ta' investigazzjoni kien ċarament mhux xieraq minħabba l-preżenza sinifikanti ta' importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi u oġġetti ta' dumping, u l-kriżi finanzjarja tal-2009 li għamlet impatt fuq is-settur tal-azzar ukoll fl-2010 u l-2011, kien evidenti li l-Kummissjoni kellha tmur iktar lura fiż-żmien (jekk kien hemm dejta disponibbli) sabiex tidentifika l-iktar sena rappreżentattiva reċenti u li għaldaqstant kellu jiġi eżaminat il-perjodu mill-2005 sal-2008. Ġie konkluż mit-tagħrif disponibbli li s-sena 2008 kienet l-iktar sena xierqa għar-raġunijiet imsemmija fuq. L-allegazzjoni li dan huwa "cherry picking" hija mingħajr bażi minħabba li s-sena 2008 bl-ebda mod ma kienet is-sena bl-ogħla profitt mill-perjodu 2005-2008. L-2008 intaġħzlet minħabba li kienet l-iktar sena reċenti b'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni normali. Infatti, eżami tal-prezzijiet tas-suq u d-dejta tal-importazzjoni tal-Unjoni u l-konsum fl-Unjoni wera li kienet teżisti sitwazzjoni tas-suq kompetittiva.
- (158) Għaldaqstant, il-metodu użat biex jiġi stabbilit profitt normali għal-livell ta' eliminazzjoni tal-ħsara huwa għalkollox konformi mas-sentenza EFMA u dik l-allegazzjoni ġiet miċħuda.
- (159) L-istess produtturi esportaturi qalu li, kif indikat fil-premessa 122 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni kienet injorat l-eventi li sehew fl-2010 mill-analiżi tagħha tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni abbażi tar-raġuni li dawn sehew qabel il-perjodu ta' analiżi mentri hi rrikorriet għas-sena 2008 biex tiddetermina l-profitt mixtieq. F'dan ir-rigward, huwa nnutat li filwaqt li l-perjodu kkunsidrat għall-analiżi tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kien limitat għall-perjodu mill-2011 sal-perjodu ta' investigazzjoni, kif definit fil-premessa 20 tar-Regolament proviżorju, ma hemmx konfini legali li jipprevjenu lill-Kummissjoni milli ddu għal perjodi barra mill-perjodu kkunsidrat sabiex tistabbilixxi profitt fil-mira raġonevoli, basta l-perjodu magħżul ikun rappreżentattiv tal-livell ta' profitt li jista' jinkiseb fin-nuqqas ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dan huwa spjegat kif dovut fil-premessa 157 iktar 'il fuq. Konsekwentement, din l-allegazzjoni kellha tiġi rifjutata.

(1) Il-Kawża T-210/95 — Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Fertilizzanti (European Fertilizer Manufacturer's Association — EFMA) vs il-Kunsill [1999] Ġabra II-3291

- (160) L-istess partijiet allegaw li, fin-nuqqas ta' "indikaturi ta' ħsara oħrajn" għall-perjodu mill-2005 sal-2008, il-partijiet interessati ma setgħux iressqu kummenti sinifikattivi dwar jekk kienx xieraq il-livell tal-profitt fil-mira. F'dan ir-rigward, huwa nnutat li d-determinazzjoni tal-iktar sena reċenti li fihom ipprevalew il-kundizzjonijiet tas-suq normali u l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni tul il-perjodu kkunsidrat huma żewġ eżerċizzji separati li fihom il-Kummissjoni ma tkunx teħtieġ u/jew tanalizza l-istess sett ta' informazzjoni. L-"indikaturi ta' ħsara oħrajn" mhumiex relevanti biex jiġi determinat jekk il-kundizzjonijiet tas-suq normali jipprevalux f'sena partikolari. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet rifjutata.
- (161) Ċerti produttori esportaturi allegaw li d-dejta dwar il-profittabbiltà tal-2008 ma setgħetx tintuża minħabba li ma taqax fil-perjodu bejn l-2011 sal-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, huwa ċar mis-sentenza tal-EFMA msemmija qabel li waqt il-perjodu kkunsidrat l-ebda minnhom ma jikkwalifika biex jiġi stabbilit profitt fil-mira. Bħal fl-istadju proviżorju, il-Kummissjoni ma għamlitx użu ta' informazzjoni dwar il-profittabbiltà kredibbli, verifikata u li tista' tintuża mill-industrija, imma qağhdet fuq ir-rati ta' profittabbiltà użati f'investigazzjonijiet oħrajn. Madankollu, minħabba li kienet kisbet u vverifikat informazzjoni addizzjonali dwar il-profittabbiltà wara l-iżvelar proviżorju, u din l-informazzjoni nstabet li kienet indikattiva ta' profitt li seta' raġonevolment jinkiseb f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni f'dan is-settur, l-użu ta' tali profitt huwa iktar xieraq mill-użu ta' ċifra mittiefsa minn ċirkustanzi tas-suq differenti (prodotti, kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni), minkejja li iktar reċenti. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet rifjutata.
- (162) Produttur esportatur Russu partikolari indika li l-ebda kalkolu ta' marġni ta' sottokwotazzjoni ma kien twettaq għal tipi ta' prodott li ġew proċessati minn importaturi relatati mad-dħul fis-suq tal-Unjoni. Minħabba li d-dejta kienet disponibbli biex tinkludi tali bejgħ, din l-allegazzjoni ġiet aċċettata u l-marġnijiet tat-twaqqiġ tal-prezz u tas-sottokwotazzjoni ġew aġġornati skont dan.
- (163) L-istess produttur esportatur Russu argumenta li d-determinazzjoni tal-livell tas-sottokwotazzjoni ma kienx akkurat. Huwa indika li l-kost tal-valuri tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni li ntużaw għall-kalkoli tas-sottokwotazzjoni kienu, għal xi tipi ta' prodott, għoljin ħafna, meta mqabbla tipi ta' prodott kważi identiċi, u li l-Kummissjoni kienet missha injorathom jew aġġustathom sa livell realistiku. Huwa qal ukoll li minkejja li l-prezzijiet tal-esportazzjoni CIF għall-importazzjonijiet Ċiniżi huwa 3 %, il-marġni ta' sottokwotazzjoni tal-esportaturi Russi huwa d-doppju. Finalment huwa qal li l-volum ta' prodotti paragonabbli mibjugħin mill-industrija tal-unjoni rrappreżenta biss 6,4 % tal-volum ta' esportazzjoni totali tiegħu.
- (164) Wara li għamlet verifika mill-ġdid, il-Kummissjoni stabbiliet li d-dejta tal-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienet akkurata. F'dak li għandu x'jaqsam mad-differenza fil-valur CIF u l-marġni ta' sottokwotazzjoni, huwa nnutat li tali paragon huwa simplistiku u ma jhux kont tal-varjazzjonijiet possibbli fil-prezz u l-kost fost it-tipi ta' prodott fuq in-naħa tal-Unjoni jew tal-produttur esportatur. Huwa nnutat ukoll li r-Regolament bażiku ma jipprevedi l-ebda livell limitu fir-rigward tal-paragon bejn il-volum esportat u l-volum korrispondenti mibjugħ mill-industrija tal-unjoni għal prodott simili. F'kull każ, wara li ntqieset l-allegazzjoni msemmija fil-premessa 162, il-volum ta' prodott paragonabbli mibjugħin mill-industrija tal-Unjoni rrappreżenta 10 % tal-volum ta' esportazzjoni totali tagħha. F'dan ir-rigward, huwa nnutat ukoll li l-fuq minn 90 % tal-prodotti esportati lejn l-Unjoni mnn dan il-produttur esportatur speċifiku setgħu jitqabblu ma' prodott tal-Unjoni paragonevoli. Fuq il-bażi ta' dak imsemmi hawn fuq, din it-talba għandha tiġi rrifjutata.
- (165) Bosta produttori esportaturi kkuntestaw l-applikazzjoni mill-Kummissjoni tal-Artikolu 2(9) għall-kalkoli tal-ħsara, u qalu li l-Artikolu 2(9) jidher fid-dispożizzjonijiet dwar id-dumping tar-Regolament bażiku u ma jistax jintuża b'analoġija biex tiġi kkalkulata l-ħsara. Dawn argumentaw li l-prezz taċ-ċirkolazzjoni libera għandu jkun ibbażat fuq il-prezz realment miżmum mill-importaturi relatati tiegħu fl-Unjoni lill-ewwel konsumaturi indipendenti fl-Unjoni.
- (166) L-għan tal-kalkolu ta' marġni ta' ħsara huwa li jiddetermina jekk l-impożizzjoni ta' rata ta' dazju iktar baxxa (minn dik ibbażata fuq il-marġni ta' dumping) fuq il-prezz tal-esportazzjoni tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tkunx biżżejjed biex tneħħi l-ħsara kkawżata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Din il-valutazzjoni jinħtieġ li tkun ibbażata fuq il-prezz tal-esportazzjoni fil-livell tal-fruntiera tal-Unjoni, li hu meqjus bħala livell komparabbli mal-prezz tal-fabbrika tal-industrija tal-Unjoni. Fil-każ tal-bejgħ ta' esportazzjoni permezz ta' importaturi relatati, b'analoġija mal-approċċ segwit għall-kalkoli tal-marġni tad-dumping, il-prezz tal-esportazzjoni hu mibni fuq il-bażi tal-prezz tal-bejgħ mill-ġdid lill-ewwel konsumatur indipendenti aġġustat kif xieraq skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Peress li l-prezz tal-esportazzjoni huwa element indispensabbli għall-kalkolu tal-marġni ta' ħsara u peress li dan l-Artikolu huwa l-uniku Artikolu fir-Regolament bażiku li jagħti gwida dwar kif jinħadem il-prezz tal-esportazzjoni, l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu b'analoġija hija ġġustifikata.

- (167) Barra minn hekk, huwa meqjus li l-metodu rakkomandat minn din il-parti jwassal għal trattament mhux ugwali fil-kalkolu tal-marġnijiet tagħha u ta' dawk ta' esportatur produtturi oħrajn fil-kampjun li jbigħu lil importaturi indipendenti. Il-metodoloġija użata għall-produtturi esportaturi l-oħra fil-kampjun kienet ibbażata fuq il-prezz tal-esportazzjoni fil-livell CIF li ovvjament teskludi l-BĠA tal-Unjoni u l-profitt għal bejgħ mill-ġdid fl-Unjoni wara l-iżodaganar tal-merkanzija. Il-Kummissjoni tqis li l-istabbiliment tal-prezz tal-importazzjoni rilevanti għat-twaqqiġ tal-prezz u s-sottokwotazzjoni ma għandux ikun influwenzat minn jekk l-esportazzjonijiet humiex magħmula lil operaturi relatati jew indipendenti fl-Unjoni. Il-metodoloġija segwita mill-Kummissjoni tiżgura li ż-żewġ ċirkostanzi jirċievu trattament ugwali.
- (168) Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-approċċ segwit kien preċiż u ċaħdet dawn it-talbiet.
- (169) Wara l-iżvelar definittiv, parti interessata partikolari qalet li, minħabba t-tnaqqis tal-BĠA u l-profitt mill-prezz tal-bejgħ, ir-rati tas-sottokwotazzjoni u ta' dumping ma jstgħux jibqgħu jiġu paragonati korrettament minħabba li d-denominatur għall-kalkolu (jiġifieri l-prezz CIF) ma jibqax l-istess. Din l-allegazzjoni ġiet irrifjutata minħabba li t-tnaqqis tal-BGA u l-profitt jaffettwaw biss in-numeratur tal-proporzjon, u mhux id-denominatur.
- (170) Ukoll wara l-iżvelar definittiv ċerti partijiet interessati qalu li t-tnaqqis tal-BĠA u l-profitt kellu effett distortiv fuq l-effett tar-regola tad-dazju inferjuri. Madankollu, minħabba li ġiet applikata metodoloġija paragonabbli fuq il-kalkoli tad-dumping, ċarament ma teżisti l-ebda distorsjoni tar-regola tad-dazju inferjuri. Għaldaqstant, din id-dikjarazzjoni ġiet rifjutata.
- (171) Parti interessata partikolari indikat li l-hekk imsejħa regola tad-dazju inferjuri ma kinitx adegwata biex tneħħi l-ħsara lill-industrija tal-Unjoni fil-każ preżenti bir-raġuni li filwaqt li l-kost tal-produzzjoni fl-industrija tal-Unjoni baqa' stabbli wara l-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezzijiet ta' importazzjoni mir-Russja u ċ-Ċina naqsu rispettivament b'19 % u 22 % minn April sa Diċembru 2015. Fuq din il-bażi, hija qalet li l-livell rispettiv tad-dazji antidumping proviżorji (26,2 % u 16 %) kien insufficienti minħabba li d-dazji kienu diġà ġew għalkollox jew kważi għalkollox assorbiti mit-tnaqqis fil-prezz imsemmi qabel. B'konsegwenza ta' dan it-tnaqqis fil-prezz, il-produtturi fil-pajjiżi kkonċernati kienu kapaċi jżidu l-volum ta' esportazzjoni lejn l-Unjoni b'mod sinifikanti. Hija rriferiet għall-premessa 26 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 437/2004 ⁽¹⁾ li fih il-Kummissjoni indikat li s-sejbiet għandhom jkunu limitati għall-perjodu ta' investigazzjoni ħlief meta jkun jista' jiġi ppruvat li l-effetti ta' ċirkostanzi ġodda huma manifesti, mhux disputati, dejjiema, mhux manipulabbli u li ma jinbtux minn azzjoni deliberata minn partijiet interessati.
- (172) Din l-istqarrija trid tiġi rifjutata. Minn naħa, l-allegazzjoni li l-kostijiet ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni baqgħu stabbli ma kinitx sostnuta b'evidenza fattwali. Min-naħa l-oħra, filwaqt li l-prezzijiet tal-importazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati tabilħaqq naqsu b'mod sinifikanti minn tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni, hemm bosta indikazzjonijiet li l-prezzijiet tal-importazzjoni qegħdin jerġgħu jizdedu fit-tieni trimestru tal-2016. Għaldaqstant, it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ ma jidherx li hu ta' natura dejjiema u għaldaqstant ikun prematur li jiġi trattat bħala tali.
- (173) Minħabba li l-livell ta' kooperazzjoni kien għoli, il-marġni ta' ħsara definittiv għar-RPĊ, applikabbli għal produtturi esportaturi li ma kinux kampjunati li kkooperaw, ġie kkalkulat bħala l-medja taż-żewġ produtturi esportaturi kampjunati. Il-marġni ta' ħsara definittiv għar-RPĊ, applikabbli għal produtturi esportaturi li ma kkooperawx, ġie stabbilit fil-livell tal-ogħla marġni taż-żewġ kumpaniji li kkooperaw.
- (174) Għar-Russja l-marġni ta' ħsara applikabbli għal produtturi esportaturi li ma kkooperawx ġie stabbilit abbażi tal-marġni ta' ħsara ta' tip ta' prodott rappreżentattiv mill-produtturi esportaturi li kkooperaw. Dan il-marġni japplika għal PJSC Novolipetsk Steel minħabba li n-nuqqas ta' kooperazzjoni tagħha spjegat iktar 'il fuq taħt "Dumping" kien marbut ukoll mal-prezz ta' esportazzjoni tagħha, u għaldaqstant mal-marġni ta' ħsara.
- (175) Filwaqt li jitqiesu l-kwistjonijiet imsemmija iktar 'il fuq fil-premessi minn 152 sa (172), il-marġnijiet definittivi tal-ħsara u d-dumping espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej: Muriġa hawn ukoll ir-rati tad-dazju definittivi.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 437/2004 tat-8 ta' Marzu 2004 ... (ĠUL 72, 11.3.2004, p. 23).

Tabella 4

Marġnijiet u Rati ta' Dazju Definittivi

Produtturi esportaturi Ċiniżi	Marġni ta' dumping definittiv (%)	Marġni ta' ħsara definittiv (%)	Rata tad-dazju definittiva (%)
Angang Group	59,2	19,7	19,7
Shougang Group	52,7	22,1	22,1
Kumpaniji oħra li kkooperaw	56,9	20,5	20,5
Il-kumpaniji l-oħra kollha	59,2	22,1	22,1
Produtturi esportaturi Russi			
Magnitogorsk Iron & Steel Works OJSC	18,7	26,4	18,7
PAO Severstal	35,9	34,0	34,0
PJSC Novolipetsk Steel	38,9	36,1	36,1
Il-kumpaniji l-oħra kollha	38,9	36,1	36,1

- (176) Il-marġnijiet ta' ħsara msemmija fuq ġew imqarrba 'l isfel, fejn xieraq, lejn l-eqreb parti minn għaxra ta' figura wara kummenti minn produttur esportatur wara l-iżvelar definittiv.
- (177) Ir-rati tad-dazju antidumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet tal-investigazzjoni preżenti. Għaldaqstant, dawn jirriflettu l-qagħda ta' dawn il-kumpaniji kkonstatata matul din l-investigazzjoni. Dawn ir-rati tad-dazju (kuntrarju għad-dazju fil-pajjiż kollu applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha") huma għaldaqstant esklussivament applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati u manifatturat mill-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija. Il-prodotti importati magħmulin minn kumpanija oħra li isimha mhuwiex speċifikament imsemmi fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' daww imsemmija b'mod speċifiku, ma għandhomx jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jinħtieġ li jkun soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".
- (178) Kull talba għall-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju antidumping ta' kumpanija individwali (pereżempju wara bidla fl-isem tal-entità jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda tal-produzzjoni jew tal-bejgħ) jinħtieġ li tiġi indirizzata lill-Kummissjoni⁽¹⁾ bl-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari kull bidla fl-attivitajiet tal-kumpanija marbutin mal-produzzjoni, mal-bejgħ domestiku u tal-bejgħ b'esportazzjoni assoċjat, pereżempju, ma' dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni jew tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, dan ir-Regolament jiġi emendat kif xieraq billi tiġi aġġornata l-lista ta' kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali.
- (179) Sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' ċirkumvenzjoni, qed jitqies li jinħtieġu miżuri speċjali f'dan il-każ sabiex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tal-miżuri antidumping. Dawn il-miżuri speċjali jinkludu dan li ġej. il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida li għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn din il-fattura għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

(1) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË.

6.2. Ġbir definittiv tad-dazji proviżorji

- (180) Fid-dawl tal-marġnijiet ta' dumping li nstabu u minħabba l-livell ta' dannu kkważat lill-industrija tal-Unjoni, l-ammonti garantiti permezz tad-dazju antidumping proviżorju impost bir-Regolament proviżorju jinħtieġ li jinġabru b'mod definittiv.

6.3. Infurzabbiltà tal-miżuri

- (181) Wara l-iżvelar proviżorju, l-imentatur afferma li xi produttori esportaturi bdew jassorbu d-dazji proviżorji imposti billi rrifjutaw li jżidu il-prezzijiet tagħhom. Din l-affermazzjoni ma tistax tiġi vverifikata fil-qafas ta' din l-investigazzjoni. Jekk titressaq talba separata kontra l-assorbiment, ikun jista' jinbeda rieżami skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament jekk tkun ipprovduta evidenza *prima facie*.
- (182) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Huwa impost dazju definittiv antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti rrumblati ċatt tal-ħadid jew tal-azzar mhux-liga, jew ta' azzar liga ieħor iżda mhux tal-azzar inossidabbli, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksjin, indurati jew mgħottijin, u mhux maħdumin iktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM ex 7209 15 00 (kodiċi TARIC 7209 15 00 90), 7209 16 90, 7209 17 90, 7209 18 91, ex 7209 18 99 (kodiċi TARIC 7209 18 99 90), ex 7209 25 00 (kodiċi TARIC 7209 25 00 90), 7209 26 90, 7209 27 90, 7209 28 90, 7211 23 30, ex 7211 23 80 (kodiċijiet TARIC 7211 23 80 19, 7211 23 80 95 u 7211 23 80 99), ex 7211 29 00 (kodiċijiet TARIC 7211 29 00 19 u 7211 29 00 99), 7225 50 80 u 7226 92 00 u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa.

It-tipi ta' prodotti li ġejjin huma esklużi mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat:

- prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew azzar mhux illigat, ta' kull wisa', mgħattnin mingħajr tisħin (imnaqqsin bla sħana), mhux miksjin, indurati jew mgħottijin, mhux aktar maħdumin mingħajr tisħin, f'koljaturi jew le, ta' kull ħxuna, elettrika;
- prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew azzar mhux illigat, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsa bla sħana), mhux miksjin, b'liga jew mgħottijin, f'koljaturi, ta' ħxuna ta' inqas minn 0,35 mm, itemperati (magħrufa bħala "pjanċi suwed"),
- prodotti rrumblati ċatti ta' azzar ta' xi liga oħra, ta' kull wisa', ta' azzar siliċju-elettriku, u
- prodotti rrumblati ċatt ta' azzar liga, mhux maħdumin aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), ta' azzar għal veloċità għolja.

2. Ir-rata tad-dazju tal-antidumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpanniji elenkati hawn taħt għandha tkun din li ġejja:

Pajjiż	Kumpanija	Rata tad-dazju definittiva (%)	Kodiċi Addizzjonali TARIC
RPĊ	Angang Steel Company Limited, Anshan	19,7	C097
	Tianjin Angang Tiantie Cold Rolled Sheets Co. Ltd, Tianjin	19,7	C098
	Kumpaniji oħrajn li kkoperaw elenkati fl-Anness	20,5	
	Il-kumpaniji l-oħra kollha	22,1	C999

Pajjiż	Kumpanija	Rata tad-dazju definnittiva (%)	Kodiċi Addizzjonali TARIC
Ir-Russja	Magnitogorsk Iron & Steel Works OJSC, Magnitogorsk	18,7	C099
	PAO Severstal, Cherepovets	34	C100
	Il-kumpaniji l-oħra kollha	36,1	C999

3. L-applikazzjoni tar-rati individwali tad-dazju antidumping speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 isseħħ bil-kundizzjoni li tkun ippreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fiha tidher dikjarazzjoni ddatata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ din il-fattura, identifikat minn ismu/ismimha u l-funzjoni, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskritt(a), niċċertifika li l-volum ta' prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ mibjugħin għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea koperti minn din il-fattura kien manifatturat minn (isem u l-indirizz tal-kumpanija)(kodiċi addizzjonali TARIC) fi (il-pajjiż ikkonċernat). Jiena niddikjara li t-tagħrif mogħti f'din il-fattura huwa sħiħ u korrett." Jekk ma tkunx ippreżentata fattura bħal din, tapplika r-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

4. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-ammonti ggarantiti bħala dazji antidumping proviżorji skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/181 għandhom jinġabru b'mod definnittiv. L-ammonti garantiti feċċess tar-rati definnittivi ta' dazju antidumping għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fi jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun:

Pajjiż	Isem	Kodiċi TARIC addizzjonali
PRC	Hebei Iron and Steel Co., Ltd, Shijiazhuang	C103
PRC	Handan Iron & Steel Group Han-Bao Co., Ltd, Handan	C104
PRC	Baoshan Iron & Steel Co., Ltd, Shanghai	C105
PRC	Shanghai Meishan Iron & Steel Co., Ltd, Nanjing	C106
PRC	BX Steel POSCO Cold Rolled Sheet Co., Ltd, Benxi	C107
PRC	Bengang Steel Plates Co., Ltd, Benxi	C108
PRC	WISCO International Economic & Trading Co. Ltd, Wuhan	C109
PRC	Maanshan Iron & Steel Co., Ltd, Maanshan	C110
PRC	Tianjin Rolling-one Steel Co., Ltd, Tianjin	C111
PRC	Zhangjiagang Yangtze River Cold Rolled Sheet Co., Ltd, Zhangjiagang	C112
PRC	Inner Mongolia Baotou Steel Union Co., Ltd, Baotou City	C113

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1329**tad-29 ta' Lulju 2016****li jimponi d-dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet reġistrati ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ (ir-“Regolament bażiku”), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tiegħu,

Billi:

A. PROĊEDURA**1. Introduzzjoni**

- (1) Fl-14 ta' Mejju 2015, wara lment minn European Steel Association (“Eurofer” jew “l-ilmentatur”), il-Kummissjoni Ewropea (“il-Kummissjoni”) bdiet investigazzjoni antidumping fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew ta' azzar mhux ligat, jew azzar ligat ieħor iżda mhux stainless steel, ta' kull wiśa', rrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksiġin, indurati jew mgħottijin u mhux maħdumin iktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana) (“prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ” jew “CRFS”) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (“iċ-Ċina”) u mill-Federazzjoni Russa (“ir-Russja”) (flimkien imsejħin “il-pajjiżi kkonċernati”) fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku.
- (2) L-ilmentatur ressaq talba għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku fit-12 ta' Novembru 2015. Il-Kummissjoni, bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2325 ⁽²⁾ (ir-“Regolament tar-reġistrazzjoni”), għamlet l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa suġġetti għal reġistrazzjoni. Skont l-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, il-partijiet interessati kienu mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub, jipprovdu evidenza ta' sostenn jew jitolbu li jinstemgħu fi żmien skadenza fissa. Il-kummenti dwar ir-reġistrazzjoni waslu mingħand l-ilmentatur, China Iron & Steel Association (CISA), il-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku tal-Federazzjoni Russa, il-produtturi esportaturi Russi, importaturi u/jew utenti.
- (3) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/181 ⁽³⁾ tal-10 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni imponiet dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa.
- (4) L-analiżi finali u d-determinazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, il-ħsara, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni huma dettaljati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1328 ⁽⁴⁾ (“ir-Regolament definittiv”). Ir-regolament attwali jindirizza biss il-kwistjoni tar-reġistrazzjoni, il-kummenti li waslu fir-rigward tar-reġistrazzjoni u l-impożizzjoni retroattiva tad-dazju antidumping inkwistjoni.

⁽¹⁾ ĠUL 176, 30.6.2016, p. 21.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2325 tal-11 ta' Diċembru 2015 li jissottometti l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa għal reġistrazzjoni (ĠUL 328, 12.12.2015, p. 104).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/181 tal-10 ta' Frar 2016 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa (ĠUL 37, 12.2.2016, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1328 tad-29 ta' Lulju 2016 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa (Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

2. Il-proċedura rigward ir-retroattività wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji

- (5) Sabiex jiġi eżaminat jekk l-applikazzjoni retroattiva tad-dazji definittivi kinitx ġustifikata, il-Kummissjoni analizzat il-volumi tal-konsum, tal-prezzijiet, tal-importazzjoni u tal-bejgħ qabel u wara l-ftuħ tal-investigazzjoni. Fil-qafas ta' din l-analiżi l-Kummissjoni bagħtet ukoll kwestjonarji lill-importaturi u/jew l-utenti tal-prodott ikkonċernat fir-rigward tal-volumi tal-importazzjoni, il-prezzijiet tal-importazzjoni u l-inventarji matul il-perjodu ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni, jiġifieri mill-1 ta' April 2015 sal-31 ta' Jannar 2016. Waslu tweġibiet mingħand 22 importatur u/jew utent mhux relatati u relatati. Barra minn hekk, il-kwestjonarji ntbagħtu lill-ilmentatur u l-ħames produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li jikkonċernaw il-bejgħ matul il-perjodu ta' wara l-perjodu ta' investigazzjoni ("PI"), jiġifieri mill-1 ta' April 2015 sal-31 ta' Jannar 2016. Waslu tweġibiet mill-ilmentatur u l-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kollha.
- (6) Sabiex jiġu vverifikati t-tweġibiet għall-kwestjonarju msemmi fil-premessa 5 hawn fuq, saru żjarat ta' verifika fuq il-post tad-dejta sottomessa mill-partijiet li ġejjin:
- (a) il-produtturi tal-Unjoni
- ThyssenKrupp Germany, Duisburg, il-Ġermanja
 - ArcelorMittal Belgium NV, Ghent, il-Belġju
 - ArcelorMittal Sagunto SL, Puerto de Sagunto, Spanja
- (b) Importaturi/utenti mhux relatati
- Duferco SA, Lugano, l-Isvizzera
 - Marcegaglia Carbon Steel, Mantova, l-Italja
- (7) Fit-3 ta' Mejju 2016 inżammet seduta ta' smiġh fuq talba ta' Eurofer quddiem l-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri kummerċjali. Din is-seduta ta' smiġh saret fil-qafas tal-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa u waħda mill-kwistjonijiet li tqajmu kien il-ġbir retroattiv possibbli tad-dazju antidumping definittiv.
- (8) Fuq talba tal-importaturi, is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu wkoll żewġ seduti ta' smiġh dwar il-kwistjoni ta' ġbir retroattiv tad-dazju antidumping.
- (9) Il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet kollha bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien beħsiebha timponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet reġistrati tas-CRFs ("l-iżvelar addizzjonali"). Il-partijiet kollha nġhataw perjodu li fih setgħu jikkumentaw dwar l-iżvelar addizzjonali. Fejn xieraq il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati u tqiesu.
- (10) Wara l-iżvelar addizzjonali, diversi partijiet taw il-kummenti tagħhom. Fil-15 ta' Ġunju 2016, grupp ta' importaturi kellu seduta ta' smiġh mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali. Wara din is-seduta ta' smiġh, parti interessata sottomettiet kummenti għas-sottomissjoni ta' wara s-smiġh.

B. IMPOŻIZZJONI RETROATTIVA TAD-DAZJU ANTIDUMPING

1. Prinċipji ġenerali għar-reġistrazzjoni u l-impożizzjoni retroattiva ta' dazji antidumping

- (11) Skont il-Komunikazzjoni tagħha "Azzar: Nippreservaw l-Impjeg u t-Tkabbir Sostenibbli fl-Ewropa" ⁽¹⁾, il-Kummissjoni ser tiżgura li l-industrija tirċievi għajnuna proprja sewwa qabel ma jiġu imposti l-miżuri provviżorji.

⁽¹⁾ COM(2016) 155 final tas-16 ta' Marzu 2016

Dan jinkiseb billi l-importazzjonijiet jiġu rreġistrati qabel l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji. Dan jippermetti li l-Kummissjoni tapplika b'mod retroattiv id-dazji antidumping definittivi tliet xhur qabel l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji, fejn il-kundizzjonijiet legali rilevanti jintlaħqu. Dawn il-kundizzjonijiet legali huma stabbiliti fl-Artikoli 10(4) u 14(5) tar-Regolament bażiku, li huma bbażati fuq l-Artikoli 10.6 u 10.7 tal-Ftehim Antidumping tal-WTO ("WTO ADA").

- (12) Dawk il-kundizzjonijiet legali stabbilixxew mekkaniżmu ta' żewġ stadji li jiżgura li l-effett ta' rimedju tad-dazju antidumping definittiv li għandu jiġi applikat ma jiddgħajjifx.
- (13) Peress li dan huwa l-ewwel każ fejn jinstab li l-kundizzjonijiet għal għbir retroattiv tad-dazji antidumping huma ssodisfati, il-Kummissjoni tqis li huwa meħtieġ li tispjega fid-dettall il-metodoloġija li kienet applikata biex tasal għal din il-konklużjoni.
- (14) L-ewwel pass, li huwa bbażat fuq il-ħsieb ta' prevenzjoni tal-imminar u l-effett rimedjali tad-dazji, huwa r-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 10.7 WTO ADA, li apparti li jirreġistra l-importazzjonijiet jinnotifika wkoll il-partijiet interessati, b'mod partikolari l-importaturi, li dazji antidumping jistgħu jinġabru b'mod retroattiv jekk il-kundizzjonijiet sostantivi jintlaħqu. It-tieni pass, fil-każ li l-prevenzjoni tonqos milli żżomm l-effett rimedjali tad-dazji definittivi huwa l-impożizzjoni retroattiva ta' dazji antidumping fuq prodotti li ddaħħlu għall-konsum mhux iktar minn 90 jum qabel id-data tal-applikazzjoni tal-miżuri provviżorji iżda mhux qabel il-bidu tal-investigazzjoni, skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 10.6 WTO ADA.
- (15) Kwalunkwe wieħed minn dawn iż-żewġ passi jista' jittieħed biss meta l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 10.6 WTO ADA huma ssodisfati.
- (16) Il-Kummissjoni tqis li huwa opportun li tistabbilixxi l-mod kif hija tinterpreta u tapplika l-kundizzjonijiet "żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet" u "xkiel serju probabbli tal-effett ta' rimedju tad-dazju antidumping definittiv", previsti fl-Artikolu 10(4)(b) tar-Regolament bażiku, meta tiddeċiedi dwar impożizzjoni retroattiva ta' dazji antidumping.
- (17) It-tieni waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet alternattivi tal-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku dejjem se tiġi sodisfatta malli l-bidu tal-proċedura jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk mhuwiex neċessarju li tiġi pprovdata kjarifika ulterjuri dwar l-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku.
- (18) L-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku jipprovdi dan li ġej:

"addizzjonalment għal-livell tal-importazzjonijiet li kkawżaw dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ikun hemm żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet li, fid-dawl ta' meta sseħħ u l-volum u ċirkustanzi oħra, probabbilment timmina serjament l-effett rimedjali tad-dazju anti-dumping definittiv li għandu jiġi applikat."

- (19) Il-Kummissjoni tinterpreta li l-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku jstabbilixxi żewġ kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timponi d-dazju antidumping definittiv b'mod retroattiv (minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku u fl-intestatura tal-Artikolu 10(4), moqrija flimkien mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku). Iż-żewġ kundizzjonijiet huma dawn li ġejjin:
- (a) Flimkien mal-livell tal-importazzjonijiet li kkawżaw ħsara matul il-perjodu ta' investigazzjoni, hemm żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet; kif ukoll
- (b) Din iż-żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet, fid-dawl ta' meta sseħħ u l-volum u ċirkustanzi oħra, probabbilment timmina serjament l-effett rimedjali tad-dazju antidumping definittiv li għandu jiġi applikat.

1.1. Żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet

- (20) Sabiex tkun tista' ssir kwalunkwe determinazzjoni dwar jekk hemmx żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet, huwa meħtieġ paragun tad-dejta ⁽¹⁾. F'dan ir-rigward, għandu jiġi ddeterminat liema perjodi ta' żmien iridu jiġu mqabbla.

1.1.1. Perjodi li għandhom jiġu mqabbla

- (21) Minn naħa, ir-Regolament bażiku jirreferi għal-livell ta' importazzjonijiet matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Min-naħa l-oħra, il-kliem "ulterjuri" u "flimkien ma" jimplikaw li l-livell tal-importazzjonijiet matul il-perjodu tal-investigazzjoni għandu jiġi mqabbel mal-livell tal-importazzjonijiet wara l-perjodu tal-investigazzjoni.
- (22) Fl-istess ħin, il-perjodu li għandu jiġi mqabbel mal-perjodu tal-investigazzjoni ma jistax jibda qabel jintlaħaq wieħed miż-żewġ kundizzjonijiet alternattivi fl-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku. Fejn l-importaturi jsiru jafu bid-dumping probabbli bil-pubblikazzjoni tan-notifika ta' bidu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* biss, dak il-punt għandu b'hekk jitqies bħala l-punt ta' bidu għat-tieni perjodu.
- (23) L-analiżi globali timmira li tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet għal applikazzjoni tad-dazju qabel id-data tal-applikazzjoni tal-miżuri provviżorji ntlaħqux. Għalhekk, il-perjodu tal-aħħar għandu jispiċċa bl-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji f'liema mument ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet ⁽²⁾ tieqaf tapplika.
- (24) L-istatistika tal-importazzjoni hija disponibbli biss fuq bażi ta' kull xahar. Għaldaqstant il-Kummissjoni għal dan l-aħħar perjodu tuża d-dejta għax-xahar kalendarju sħiħ wara l-pubblikazzjoni tal-bidu fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fejn l-għarfien tal-importaturi huwa kkawżat mill-bidu. Fejn l-għarfien jirriżulta minn bażi differenti, pereżempju minn storja ta' dumping tul perjodu estiż, ikun ix-xahar ta' wara l-avveniment li jikkawża sensibilizzazzjoni, iżda mhux qabel l-ewwel xahar sħiħ wara l-perjodu tal-investigazzjoni. Għall-punt ta' tmiem, il-Kummissjoni tistabbilixxi żewġ valuri: wieħed li jinkludi x-xahar li fih jibdedw il-miżuri provviżorji, l-ieħor minbarra dak ix-xahar.
- (25) Normalment, il-Kummissjoni tistabbilixxi livell medju ta' importazzjonijiet għal kull xahar għall-perjodu kollu tal-investigazzjoni li fil-prinċipju jdum 12-il xahar, u medja ta' kull xahar għal-livell ta' importazzjonijiet bejn il-mument tas-sensibilizzazzjoni u l-miżuri provviżorji. Il-punti ta' bidu u ta' tmiem għall-medja tal-aħħar huma stabbiliti kif spjegat fil-paragrafu preċedenti.
- (26) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tistabbilixxi wkoll l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet f'termini assoluti, l-impatt tagħhom fuq l-evoluzzjoni tal-ħażniet tal-prodott u fuq l-ishma tas-suq, u l-konsum tal-prodott matul il-perjodu kkunsidrat.

1.1.2. Kemm iż-żieda li għandha tiġi kkwalifikata hija sostanzjali

- (27) Tali determinazzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi ta' każ b'każ. Minbarra t-tqabbil tal-medji ponderati ta' kull xahar, il-Kummissjoni ser tieħu kont ukoll tal-kunsiderazzjonijiet rilevanti l-oħra kollha. Dawn huma b'mod partikolari: l-iżvilupp tal-konsum globali tal-prodott ikkonċernat fl-Unjoni, l-evoluzzjoni tal-ħażniet, u l-evoluzzjoni tal-ishma tas-suq. Għalhekk, l-analiżi għandu jkollha żewġ karatteristiċi, assoluta u relattiva. Paragun bejn iż-żewġ medji ta' kull xahar ta' hawn fuq huwa għalhekk element importanti, iżda mhux neċessarjament l-element deċiżiv fid-determinazzjoni ta' jekk żieda fl-importazzjonijiet hijiex "sostanzjali".

1.1.3. Ir-raġunament wara dan l-approċċ

- (28) L-importazzjonijiet li jidħlu fl-Unjoni qabel ir-reġistrazzjoni ma jistgħu fl-ebda każ ikunu suġġetti għal dazji antidumping. Dawn huma, madankollu, rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk l-importazzjonijiet li jidħlu

⁽¹⁾ Rapport tal-Panel, US — Hot-Rolled Steel, para. 7.166.

⁽²⁾ Ir-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku hija kundizzjoni oħra li timponi dazju definittiv b'mod retroattiv.

fl-Unjoni wara r-reġistrazzjoni x'aktarx jimminaw l-effetti rimedjali tad-dazji, għar-raġuni li ġejja: Minħabba, fost l-oħrajn, l-eżistenza ta' ħażniet, l-effett rimedjali tad-dazji (jiġifieri żieda tal-prezz ta' prodotti importati, jew minħabba żieda fil-prezz jew minħabba d-dazju) qatt ma jkun immedjat, iżda jseħħ biss ladarba jinbigħu l-ħażniet. Żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet qabel ir-reġistrazzjoni għandha normalment twassal għal żieda sostanzjali fil-ħażniet. Dan ifisser li l-effett rimedjali tad-dazji huwa pospost għal iktar tard meta mqabbel ma' sitwazzjoni b'ħażniet normali. Kwalunkwe importazzjonijiet oħra bejn ir-reġistrazzjoni u l-miżuri provviżorji, li jikkostitwixxu żieda ta' ħażniet li jaqbzū sostanzjalment il-livell normali, joħlqu aktar dewmien tal-effett rimedjali.

1.2. *Iż-żieda fl-importazzjonijiet x'aktarx timmina b'mod serju l-effett rimedjali tad-dazji*

- (29) It-tieni pass huwa biex jiġi ddeterminat jekk din iż-żieda x'aktarx timmina b'mod serju l-effett rimedjali tad-dazju definittiv li għandu jiġi applikat. L-użu tal-kliem "x'aktarx" juri li din hija analiżi antiċipattiva. Din dejjem se tkun analiżi speċifika għall-każ, li l-eżitu tagħha se jiddependi fuq iċ-ċirkustanzi konkreti f'kull każ li fiha tkun ġiet ordnata r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet bil-ħsieb li jiġu imposti dazji b'mod retroattiv.
- (30) Din l-analiżi għandha, b'mod partikolari, tqis l-effett tal-importazzjonijiet li daħlu fl-Unjoni bejn ir-reġistrazzjoni u l-miżuri provviżorji. Fejn l-ebda importazzjoni jew dawk insinifikanti biss ikunu sehew, ir-reġistrazzjoni tkun biżżejjed sabiex tiġi evitata aktar ħsara lill-industrija tal-Unjoni. Għalhekk, normalment ma jkunx hemm ġustifikazzjoni għall-applikazzjoni tat-tieni pass, jiġifieri l-impożizzjoni retroattiva.
- (31) Meta jkun qed jiġi vvalutat l-effett tal-importazzjonijiet li jkunu daħlu fl-Unjoni bejn ir-reġistrazzjoni u l-miżuri provviżorji x'aktarx jiġu mminati serjament l-effett rimedjali tad-dazji, il-Kummissjoni b'mod partikolari se tanalizza l-fatturi li ġejjin:
- (a) il-volum ta' dawn l-importazzjonijiet
 - (b) iż-żmien ta' dawn l-importazzjonijiet
 - (c) il-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet
 - (d) kwalunkwe ċirkostanzi oħrajn rilevanti: Il-Kummissjoni se tanalizza, fost l-ohrajn, is-segwenti ċirkostanzi oħra:
 - (i) il-ħażniet tal-prodott importat qabel ir-reġistrazzjoni
 - (ii) ix-xejra fil-prezzijiet tal-prodott importat mill-għarfien sal-miżuri provviżorji
 - (iii) il-kambjamenti fix-xejra tal-kummerċ li jindikaw tentattivi biex tiġi evitata r-reġistrazzjoni

1.3. *Kumulazzjoni*

- (32) Fl-investigazzjonijiet li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed ikkonċernat, kemm jekk l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi ikunux ser jiġu akkumulati għall-fini tal-analiżi deskritta fil-punti 1.1. u 1.2. ta' hawn fuq kif ukoll jekk le, jiddependi fuq jekk il-Kummissjoni ddeċidietx li tgħaqqad dawn l-importazzjonijiet fl-investigazzjoni antidumping sottostanti.

2. **Applikazzjoni għal dan il-każ**

- (33) Ir-reġistrazzjoni tikkonċerna importazzjonijiet li saru bejn it-12 ta' Diċembru 2015 u d-data tal-impożizzjoni tal-miżuri antidumping provviżorji, jiġifieri t-12 ta' Frar 2016. Matul dan il-perjodu, l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kienu madwar 165 000 tunnellata.
- (34) Kif imsemmi fil-premessa 5 hawn fuq, l-informazzjoni ġiet provduta mill-ilmentatur, il-produtturi kollha tal-Unjoni magħżula fil-kampjun u minn 22 importatur u/jew utent mhux relatati u relatati. L-importazzjonijiet tagħhom irrappreżentaw 46 % tal-importazzjonijiet kollha mill-pajjiżi kkonċernati matul il-perjodu li għalih inġabret id-dejta, jiġifieri minn April 2015 sa Jannar 2016.

- (35) Sabiex tiddeċiedi jekk il-ġbir retroattiv tad-dazji kienx iġġustifikat, il-Kummissjoni evalwat il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku.
- (36) Ġew sottomessi kummenti fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet kif ukoll dwar il-possibbiltà tal-applikazzjoni retroattiva tal-miżuri antidumping, li huma analizzati hawn taħt.

2.1. Storja ta' dumping jew għarfien ta' dumping jew ħsara mill-importatur

- (37) Skont l-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku, irid ikun hemm "storja ta' bejgħ taħt il-prezz tul perjodu estiż, jew l-importatur kien konxju ta', jew kellu jkun konxju tal-bejgħ taħt il-prezz fejn għandu x'jaqsam il-grad tal-bejgħ taħt il-prezz u l-ħsara allegata jew misjuba." F'dan il-każ, il-Kummissjoni tqis li l-importaturi kienu jafu, jew kellhom ikunu jafu, bid-dumping fejn għandu x'jaqsam il-grad tad-dumping u l-ħsara allegata jew misjuba mid-data tal-bidu tal-investigazzjoni, għar-raġunijiet spjegati hawn fuq fil-premessa 17 u hawn taħt.
- (38) Importatur minnhom qal li l-evidenza *prima facie* ta' dumping fl-ilment ma kinitx biżżejjed sabiex turi li l-importaturi kienu konxji, jew kellhom ikunu jafu bid-dumping fejn għandu x'jaqsam il-grad tad-dumping u l-ħsara allegata jew misjuba. B'mod partikolari, din il-parti nnutat li, l-ewwel nett, l-ilment ma jikkostitwixx fih innifsu evidenza konklużiva li d-dumping fil-fatt seħħ. It-tieni nett, jekk kellu jiġi aċċettat li l-evidenza fl-ilment hija biżżejjed biex jiġi konkluż li l-importaturi kellhom ikunu jafu bid-dumping, l-impożizzjoni retroattiva ta' dazji tkun possibbli f'kull investigazzjoni. Fl-aħħar nett, huwa qal li d-dikjarazzjoni ta' Eurofer li l-eżistenza ta' dumping ma setgħetx tiġi injorata mill-importaturi minħabba l-prezzijiet baxxi ħafna tal-importazzjonijiet Ċiniżi u Russi hija qarrieqa, peress li prezzijiet allegatament baxxi waħedhom ma jurux li l-importazzjonijiet kienu l-oġġett ta' dumping.
- (39) Parti interessata oħra nnutat li Eurofer ma pprovdietx rapporti tal-istampa jew informazzjoni oħra disponibbli pubblikament aċċessibbli għall-importaturi tal-Unjoni ta' CRFS li rreferew għad-dumping mill-produtturi Ċiniżi ta' prodotti speċifiċi għas-CRFS. Din il-parti nsistiet li l-artikoli tal-istampa pprovduti kienu dwar tal-azzar b'mod ġenerali u mhux speċifikament fuq CRFS. Barra minn hekk, ir-rapporti tal-istampa Indjani u Amerikani pprovduti minn Eurofer kienu rrilevanti fir-rigward tal-għarfien tal-importaturi fl-Unjoni.
- (40) L-ewwel nett, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-għarfien tal-importaturi, fl-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku, jikkonċerna l-estent tad-dumping u l-ħsara allegata jew misjuba (enfasi miżjuda). Il-Kummissjoni tqis li l-importaturi kienu konxji, jew kellhom ikunu konxji ta' kemm kien hemm dumping u l-ħsara allegati abbażi ta' fatturi objettivi, mhux biss permezz tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment, iżda wkoll permezz tan-notifika ta' bidu ta' dan il-proċediment, li t-tnejn li huma kienu disponibbli u komunikati lill-partijiet interessati magħrufa kollha inklużi l-importaturi, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fil-bidu. Barra minn hekk, il-partijiet interessati kellhom aċċess sħiħ għall-verżjoni mhux kunfidenzjali tat-talba għal reġistrazzjoni ta' Eurofer li fil-fatt kienet diġà tħabbret fl-ilment innifsu. L-investigazzjoni nbdiat minħabba li kienet meqjusa li l-evidenza *prima facie* fl-ilment uriet b'mod suffiċjenti li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati x'aktarx kienu l-oġġett ta' dumping fuq is-suq tal-Unjoni. Din l-evidenza *prima facie* kopriet il-perjodu minn Ottubru 2013 sa Settembru 2014, jiġifieri perjodu ta' żmien estiż. Barra minn hekk, instab provviżorjament kif ukoll definittivament konfermat li d-dumping ġie stabbilit ukoll għall-perjodu tal-investigazzjoni tal-proċediment, jiġifieri minn April 2014 sa Marzu 2015. Għalhekk, huwa ikkonfermat li l-importaturi kienu jew kellhom ikunu jafu bid-dumping u l-ħsara allegata mid-data tal-pubblikazzjoni tan-notifika ta' bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (41) Għandu jiġi nnutat ukoll li l-impożizzjoni retroattiva tad-dazji antidumping hija permessa biss fuq importazzjonijiet li kienu suġġetti għar-reġistrazzjoni u biss meta l-kriterji, kif stabbiliti fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku, jintlaħqu. Għalhekk, mhuwiex korrett li jintqal li l-impożizzjoni retroattiva tad-dazji hija possibbli "f'kull investigazzjoni". Rigward l-allegat nuqqas ta' rilevanza tar-rapporti tal-istampa pprovduti minn Eurofer, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li dawn ma kinux oġġetti b'mod speċifiku tas-CRFS, iżda dawn taw indikazzjoni affidabbli tal-imġiba tal-prezzijiet tal-produtturi esportaturi tal-azzar fil-pajjiżi kkonċernati. Barra minn hekk, ir-rapporti tal-istampa għandhom jitqiesu fid-dawl tal-fatti objettivi l-oħra kif stabbiliti fil-premessi ta' hawn fuq.
- (42) Għaldaqstant, l-argumenti li jirrigwardaw il-kwistjoni tal-għarfien dwar l-importaturi huma miċħuda.

- (43) Fit-tweġiba tagħhom għall-iżvelar ċerti importaturi stqarrew li l-għarfien ta' kwistjoni ta' dumping u ħsara għandu jitqies fid-dawl ta' retroattività billi huwa "miżura eċċezzjonali" u li din tistabbilixxi standards għoljin dwar l-awtorità investigattiva u/jew l-approċċ propost dwar "għarfien tal-importaturi" fir-rigward tal-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku huwa wiesa' wisq. Huma għalhekk jikkonkludu li n-notifika ta' bidu mhijiex biżżejjed sabiex l-importaturi jsiru konxji tal-eżistenza ta' dumping u ħsara jew il-portata tiegħu. Madankollu, in-notifika ta' bidu, li kienet irrappurtata b'mod estensiv fl-istampa tal-kummerċ tal-azzar, u li l-verżjoni miġtuha tal-ilment, li ġie kkomunikat lill-importaturi u/jew l-utenti u għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati kollha mill-bidu nett tal-investigazzjoni, meta meħuda flimkien iddikjaraw b'mod ċar (b'dettall sostanzjali) il-metodoloġija applikata, is-sorsi ta' informazzjoni użati u livelli għolja speċifikati ta' dumping u ta' ħsara kemm għaċ-Ċina kif ukoll għar-Russja. L-ammont ta' dumping b'hekk ġie kkomunikat f'forma ta' perċentwal tal-prezz tal-importazzjoni CIF. Barra minn hekk, il-Kummissjoni fil-premessi 5 sa 11 tar-Regolament tar-reġistrazzjoni fakkret lill-partijiet kollha interessati li kellha biżżejjed evidenza dwar id-dumping fir-rigward tal-ammont ta' dumping u l-ħsara allegata jew misjuba. Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-importaturi kienu jafu, jew kellhom ikunu jafu, li kienu qed iseħħu, jew kienu allegati, dumping u ħsara. Il-fatt li mhux l-investigazzjonijiet kollha jirriżultaw f'miżuri antidumping ma jfissirx li ma kienx hemm evidenza *prima facie* ta' dumping u tal-ħsara disponibbli għall-importaturi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija sodisfatta li l-istandards meħtieġa rilevanti għal din il-kwistjoni ntlaħqu.
- (44) Il-produtturi esportaturi Russi u importatur sostnew li d-determinazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku żgur ma ssodisfatx l-istandard stabbilit fl-Artikolu 10(6)(i) tal-ADA li jgħid li l-importatur kellu jkun jaf li l-esportatur jipprattika d-dumping u li tali dumping jikkawża ħsara. Barra minn hekk, ġie affermat li permezz tal-interpretazzjoni tal-Kummissjoni, il-kundizzjoni tal-"għarfien" hija sodisfatta f'kull okkażjoni meta tiġi ppubblikata notifika ta' bidu, li ma tkunx aċċettabbli. Ġie sostnut ukoll li l-valutazzjoni ta' dumping hija proċess kumpless li tinkludi li wieħed ikollu aċċess għal sigrieti kummerċjali li ma jistgħux jiġu żvelati.
- (45) L-ewwel nett, għandu jiġi osservat li kull Membru tad-WTO għandu l-jedd li jistabbilixxi l-proċeduri u prattiki antidumping tiegħu skont iċ-ċirkostanzi tiegħu sakemm dawn ma jiksru l-istandards tad-WTO. Il-Kummissjoni tqis li għandha standards għoljin ħafna biex tiftaħ l-investigazzjonijiet u kif imsemmi fil-premessa 43 hawn fuq twestaq eżami dettaljat ħafna ta' dumping u ta' ħsara bbażat fuq l-evidenza disponibbli u kien disponibbli għall-partijiet interessati. Din id-dejta tinkludi prezzijiet tal-esportazzjoni u prezzijiet domestiċi speċifiċi għall-kumpanija li l-importaturi setgħu faċilment iqabblu mal-prezzijiet li kienu qed jixtru bihom mill-pajjiżi kkonċernati sabiex jistabbilixxu jekk dawn il-prezzijiet kienux l-oġġett ta' dumping u sa liema punt. Qed jiġi nnutat ukoll li kif intwera fil-premessa 5, xi risposti kienu rċevuti minn importaturi relatati li kellhom aċċess għall-informazzjoni rilevanti fir-rigward tal-prezzijiet domestiċi u dawk tal-esportazzjoni. Huwa nnutat ukoll li l-liġi tal-WTO ma tipprovdi li l-importaturi għandhom ikunu kapaċi jwettqu kalkolu ta' dumping dettaljat iżda pjuttost li għandhom ikunu konxji tal-livell ta' tali dumping. Barra minn hekk, l-analiżi tad-diversi indikaturi tal-ħsara flimkien mal-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz u tal-bejgħ taħt il-prezz dettaljati kienu wkoll disponibbli u indikaw li tali importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping joħlqu ħsara.
- (46) Wieħed mill-importaturi sostna wkoll li l-fornituri tiegħu kienu assigurawh li ma kienu involuti fi prattiki oġġett ta' dumping mingħajr, madankollu, ma ssostanzjaw dan. Għaldaqstant, jeħtieġ li din il-pretensjoni tiġi rifjutata.
- (47) Il-produtturi esportaturi Russi kkontestaw is-sejba ta' dumping u indikaw li l-importaturi saru biss konxji tal-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u l-ammont ta' dumping fit-12 ta' Frar 2016. F'dan ir-rigward ta' min jinnotta li l-informazzjoni msemmija hawn fuq fil-fajl, jiġifieri n-notifika ta' bidu u l-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment li ntbagħat jew sar disponibbli għall-importaturi, tat indikazzjoni ċara tal-ammont ta' dumping u li l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji kkonfermat din l-informazzjoni. Għalhekk din il-pretensjoni għandha tiġi miċħuda.
- (48) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonferma, f'dan il-każ partikolari, li l-importaturi kellhom b'mod ċar l-evidenza li l-esportaturi Ċiniżi u Russi kienu qed jipprattikaw dumping li jagħmel ħsara.

2.2. Żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet li x'aktarx timmina l-effett rimedjali tad-dazju antidumping definittiv

- (49) Skont l-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku, hemm bżonn li jkun hemm "żieda sostanzjali oħra fl-importazzjonijiet flimkien mal-livell tal-importazzjonijiet li kkawżaw ħsara matul il-perjodu tal-investigazzjoni".

2.2.1. Żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet

- (50) Skont id-dejta tal-Eurostat ⁽¹⁾ (li fil-mument tal-valutazzjoni kienet disponibbli sa Marzu 2016, inkluż), il-volum medju tal-importazzjoni ta' kull xahar mill-pajjiżi kkonċernati waqt il-perjodu tal-investigazzjoni kien ta' 118 912 tunnellata. Il-volum medju tal-importazzjoni ta' kull xahar mill-pajjiżi kkonċernati fil-perjodu li jibda fl-ewwel xahar sħiħ wara l-pubblikazzjoni dwar il-bidu tal-investigazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u li jispiċċa fl-aħħar xahar sħiħ qabel l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji (Ġunju 2015–Jannar 2016) kien ta' 162 457 tunnellata, jiġifieri 37 % ogħla milli mill-perjodu tal-investigazzjoni. Fl-istess perjodu, il-volum totali tal-importazzjonijiet kien ta' 1 299 658 tunnellata, jiġifieri, 721 386 tunnellata miċ-Ċina u 578 272 tunnellata mir-Russja. Meta jitqabbel il-volum medju tal-importazzjoni ta' kull xahar miċ-Ċina u r-Russja separatament, żieda ta' 48 % u 25 % fil-volumi medji tal-importazzjoni ta' kull xahar hija misjuba għaċ-Ċina u r-Russja rispettivament.
- (51) Jekk jittieħed il-perjodu mill-ewwel xahar sħiħ wara li l-bidu tal-investigazzjoni u inkluż ix-xahar li fih ġew imposti miżuri provviżorji (jiġifieri Ġunju 2015–Frar 2016) jirriżulta l-volum medju tal-importazzjoni ta' kull xahar ta' 150 673 tunnellata, jiġifieri 27 % ogħla mill-medja ta' kull xahar fil-perjodu tal-investigazzjoni. Fir-rigward tal-volumi medji tal-importazzjoni ta' kull xahar miċ-Ċina u r-Russja, dawn urew żieda ta' 34 % u 19 % rispettivament.
- (52) L-importazzjonijiet mit-22 importatur u/jew utent li pprovdew informazzjoni dwar l-importazzjonijiet matul il-perjodu wara l-bidu (minn Ġunju 2015 sa Jannar 2016) kienu jirrappreżentaw 46 % tal-importazzjonijiet kollha mill-pajjiżi kkonċernati. L-informazzjoni miksuba b'dan il-mod uriet, b'mod ġenerali għal dawn l-importaturi u/jew utenti li kkooperaw, żieda ta' 22 % fil-ħażniet tal-prodott ikkonċernat fi tmiem l-2015 meta mqabbel ma' tmiem l-2014. Din il-konklużjoni mhux biss tikkorrobora l-konstatazzjoni ta' żieda qawwija ta' importazzjonijiet fuq il-bażi tal-istatistika, iżda tissuġġerixxi wkoll akkumulazzjoni tal-ħażna.
- (53) Iż-żewġ analiżijiet juru li fil-fatt kien hemm żieda sostanzjali fil-volumi tal-importazzjoni wara l-bidu.
- (54) Bosta produttori esportaturi Russi kkontestaw il-konklużjoni li ż-żieda fl-importazzjonijiet kienet sostanzjali, li jirreferi għal "kummentaturi u prattikanti ewlenin" li jsostnu li ż-żieda fil-volum tal-importazzjonijiet għandha tkun tassew kbira. F'dan ir-rigward ta' min l-ewwel jinnotta li l-letteratura li kienet imsemmija ma tikkostitwixxi liġi vinkolanti u li din ma tagħti l-ebda gwida speċifika dwar dak li għandu jitqies bħala kbir jew sostanzjali, li xorta hija analiżi każ b'każ.
- (55) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni hija sodisfatta li ż-żieda fl-importazzjonijiet tista' titqies bħala sostanzjali u li din il-pretensjoni hija b'dan miċħuda.
- (56) Bosta produttori esportaturi Russi kif ukoll importatur sostnew li l-Kummissjoni, fil-valutazzjoni tagħha tat-talba għal reġistrazzjoni ta' Eurofer, ma kkunsidratx korrettament l-effett temporanju ta' sanzjonijiet tal-Unjoni fuq il-kummerċ mar-Russja. F'dan ir-rigward, fil-mument tar-reġistrazzjoni, ma kienx hemm "sanzjonijiet" fuq il-prodott ikkonċernat, u lanqas ma kien hemm tali sanzjonijiet matul jew wara l-perjodu tal-investigazzjoni, sakemm ġew imposti miżuri provviżorji fit-12 ta' Frar 2016. Għalhekk dan l-argument ġie miċħud.
- (57) Il-produttori esportaturi Russi ġew lura għal din il-kwistjoni fil-kummenti tagħhom dwar l-iżvelar li jstqarru li minkejja li ma kienx hemm "sanzjonijiet" fuq il-prodott ikkonċernat kien hemm "effett indirett" għall-prodott ikkonċernat minħabba rifjut ġenerali lill-klijenti tal-Unjoni li jixtru prodotti mir-Russja. Dan l-argument ma kienx sostanzjat. Barra minn hekk, huwa ċar li l-iżvilupp tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat wara l-perjodu tal-investigazzjoni ġie affettwat minn kwistjonijiet marbuta ma' dan il-proċediment aktar milli fuq l-allegati "effetti indiretti" li jirriżultaw minn sanzjonijiet fuq prodotti oħra. Il-prodotti suġġetti għal sanzjonijiet kienu ddefiniti b'mod ċar u għaldaqstant, ma jistax jiġi konkluż li s-sanzjonijiet kellhom impatt kbir fuq il-varjazzjonijiet kbar tal-iżvilupp fil-volum esperjenzat wara l-perjodu tal-investigazzjoni.
- (58) Barra minn hekk, l-istess produttori esportaturi Russi kif ukoll l-awtoritajiet Russi sostnew li fil-valutazzjoni dwar iż-żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet, l-argumenti ta' Eurofer kienu bbażati fuq tqabbil bejn il-perjodi taż-żmien magħżulin arbitrarjament. Parti interessata oħra sostniet li minħabba l-volatilità estrema fil-volum tal-importazzjonijiet ta' CRFS minn xahar għal ieħor, l-għażla ta' kull perjodu partikolari meta mqabbel ma' ieħor tista' tipproduċi riżultati differenti ħafna. Fi kliem ieħor, id-dejta tat-talba ta' Eurofer ma rriflettietx l-eżistenza ta' "żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet".

⁽¹⁾ Bħalma sar sabiex jiġi stabbilit il-konsum tal-Unjoni fl-istadju provviżorju (ara l-premessa 99 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/181), il-volumi tal-importazzjoni tal-ex kodiċi NM ġew meqjusa bis-sħiħ sabiex jiġu stabbiliti l-volumi tal-importazzjoni minħabba li l-prodott ikkonċernat jaqa' prinċipalment taħt kodiċijiet NM sħaħ.

- (59) Il-perjodi ta' żmien meħuda għat-tqabbil fl-ilment li wassal għar-reġistrazzjoni koprew perjodi ta' żmien sostanzjali kemm wara l-perjodu tal-investigazzjoni kif ukoll li kkoċinidu mal-perjodu ta' investigazzjoni. Barra minn hekk, perjodi ta' żmien oħra għall-analiżi komparattiva dwar żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet ġew issuġġeriti minn diversi partijiet interessati u kollha kemm huma waslu għall-istess konklużjoni (jiġifieri żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet meta mqabbla mal-volum tal-importazzjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni). Għaldaqstant, l-argument ġie miċħud.
- (60) Bosta produttori esportaturi Russi sostnew li ma kien hemm l-ebda żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet billi baġtu ċ-ċifri għal Jannar 2016, Frar 2016 u Marzu 2016 sa fejn kienu kkonċernati. Mhuwiex ċar għall-Kummissjoni għalfejn ċifri għal ċerti produttori esportaturi Russi biss kienu ppreżentati fis-sottomissjoni u mhux l-importazzjonijiet mir-Russja kollha.
- (61) Huwa minnu li l-volumi tal-importazzjoni ta' kull xahar relativament aktar baxxi fid-dejta statistika msemmija fil-premessa 50 ta' hawn fuq huma rreġistrati għal Jannar, Frar u Marzu 2016, jiġifieri wara r-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet u — għal parti minn Frar u Marzu — kienu daħlu fis-seħħ miżuri provviżorji. F'dan ir-rigward, għandu jitqies dan li ġej. L-ewwel nett, kif indikat fil-premessa 9 tar-regolament ta' reġistrazzjoni, il-Kummissjoni kienet analizzat it-talba ta' reġistrazzjoni abbażi ta' analiżi ta' perjodu sa u inkluż ix-xahar ta' Settembru 2015. Din l-analiżi wriet li kien hemm, *inter alia* u *prima facie*, żieda sostanzjali fil-livell tal-importazzjonijiet, anki wara l-bidu, li jimmina serjament l-effett rimedjali tad-dazju antidumping (il-premessa 5 tar-regolament ta' reġistrazzjoni). Iż-żieda sostanzjali li fuq il-bażi tagħha l-importazzjonijiet kienu rreġistrati tikkonċerna għalhekk parzjalment biss l-istess importazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni tiddetermina jekk għandhiex issir impożizzjoni retroattiva tad-dazju. Għandu jifakkar li dan l-aħħar perjodu, huwa l-perjodu mill-ewwel xahar sħiħ wara l-bidu, jiġifieri Ġunju 2015, sa u inkluż l-aħħar xahar sħiħ qabel il-miżuri provviżorji, jiġifieri Jannar 2016 jew inkluż ix-xahar li fih ġew imposti l-miżuri provviżorji, jiġifieri Frar 2016. Matul dan il-perjodu ferm itwal ukoll, hemm żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet meta mqabbel mal-perjodu tal-investigazzjoni. Il-fatt li l-volumi tal-importazzjoni miż-żewġ pajiżi kienu relativament baxxi f'Jannar, Frar u Marzu 2016 ma jbidilx din il-konklużjoni.
- (62) It-tieni nett, l-ikbar volum ta' importazzjoni mill-pajiżi kkonċernati kien irreġistrat għal Ottubru 2015, jiġifieri wara l-perjodu ta' analiżi għar-reġistrazzjoni, u l-volumi tal-importazzjoni għolja ferm meta mqabbla mal-perjodu tal-investigazzjoni kienu għadhom irreġistrati għal Novembru 2015. Il-livell relativament moderat tal-importazzjonijiet wara r-reġistrazzjoni, li rrefera għalih il-produttur esportatur, għandu għalhekk jiġi vvalutat f'relazzjoni ta' dak l-ogħla livell eżatt qabel ir-reġistrazzjoni, li jista' jiġi spjegat biss permezz tar-reġistrazzjoni li jmiss. Huwa probabbli li, kieku ma ntalbet u ma saret l-ebda reġistrazzjoni, kien jiġi osservat volum globali fl-istess ordni ta' kobor, iżda ż-żieda medja ta' kull xahar kienet tkun aktar konsistenti minflok l-isplużjoni osservata f'Ottubru u Novembru 2015. Il-Kummissjoni ma tistax, fl-analiżi tagħha dwar jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 10(4)(d) humiex milħuqa, tinjora ż-żieda qawwija ta' importazzjonijiet f'dan il-perjodu wara l-perjodu tal-analiżi għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet attwali iżda qabel ir-reġistrazzjoni nfisha.
- (63) Parti interessata sostniet li filwaqt li t-tqabbil taċ-ċifri tal-importazzjoni bejn Mejju 2014–Settembru 2014 u Mejju 2015–Settembru 2015 tabilħaqq juri żieda assoluta fl-importazzjonijiet, Eurofer naqset milli tqis in-natura ċiklika tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat u l-iżvilupp tal-konsum tal-Unjoni. Dan l-argument ma ġiex evidenzjat b'mod sostanzjali. Huwa korrett li wieħed jgħid li l-prodott ikkonċernat isegwi sa ċertu punt il-konġunzjoni ekonomika, li tista' tkun volatili. Madankollu, dan ma jimplikax li l-importazzjonijiet tas-CRFS isegwu tendenza ċiklika. Dan l-argument ġie miċħud.
- (64) Għandu jingħad ukoll li, rigward ix-xejra tal-konsum tal-Unjoni, kif spjegat fil-premessi 103 sa 106 tar-Regolament provviżorju, il-konsum ristrett żdied f't 4 %, filwaqt li l-konsum fis-suq ħieles naqas b'9 %. Billi l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jikkompetu fis-suq ħieles, il-Kummissjoni tonqos milli tifhem dan l-argument.
- (65) China Iron & Steel Association (CISA) ma qablitx ukoll mal-perjodi magħżula minn Eurofer. CISA sqarret li hemm bżonn mill-inqas erba' jew ħames xhur wara konferma tal-ordni biex l-importazzjoni ta' prodotti tal-azzar miċ-Ċina tiġi fil-fatt implimentata. Għalhekk, il-prodott ikkonċernat importat matul Mejju–Settembru 2015 huwa fil-fatt marbut ma' kuntratti konklużi qabel inbeda l-każ.
- (66) Skont ir-Regolament bażiku, tali żieda sostanzjali oħra sseħħ flimkien mal-livell tal-importazzjoni li jikkawża ħsara matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Għaldaqstant, il-valutazzjoni ta' din il-kwistjoni hija bbażata fuq

perjodu rappreżentattiv bejn il-bidu u l-miżuri provviżorji u l-perjodu tal-investigazzjoni. Il-konklużjoni li kien hemm żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet matul Mejju–Settembru 2015 hija msaħħa iktar bl-argument ta' CISA, minkejja l-perjodu latenti minħabba kuntratti kurrenti, xorta kien hemm żieda sostanzjali ulterjuri osservata fl-importazzjonijiet matul il-perjodu msemmi hawn fuq. Għaldaqstant, l-argument hu rrifjutat.

- (67) Diversi partijiet interessati nnutaw ukoll li s-CFRS mhuwiex prodott li jiġi mażzun, iżda prodott li huwa magħmul skont l-ordnijiet.
- (68) Tabilħaqq, il-prodott ikkonċernat normalment ma jkunx mażzun għal perjodu twil minħabba l-karatteristiċi tiegħu. Pereżempju, ċerti kundizzjonijiet klimatiċi jistgħu jkollhom effett detrientali fuq il-kwalità tal-prodott. Madankollu, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda evidenza kontra l-konstatazzjoni li l-ħażna fil-fatt seħħet f'dan il-każ wara l-bidu tal-proċediment. Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-ħażna ta' spiss ma tkunx Prattika abitwali u sseħħ meta jkun hemm ċirkostanzi speċjali u/jew aspettattivi fis-suq, pereżempju fir-rigward ta' prezzijiet futuri tal-prodott inkwistjoni. Il-fatt li prodott *normalment* ma jkunx mażzun ma jfissirx li ma tista' sseħħ l-ebda ħażna tal-istokk, meta dawn iċ-ċirkostanzi u l-aspettattivi jkunu involuti. Abbażi taċ-ċifri ppreżentati minn importaturi u/jew utenti mhux relatati u relatati wara l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji, instab li l-istokks fi tmiem l-2015 kienu 22 % ogħla milli fi tmiem l-2014. Għalhekk, mingħajr evidenza kontra s-sejba li ż-żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet tista' tkun indikazzjoni ta' ħażna tal-istokk, dan l-argument huwa miċħud.
- (69) Fit-tweġiba tagħhom għall-iżvelar il-partijiet interessati tennew li l-prodott ikkonċernat normalment ma jkunx mażzun iżda huwa mixtri skont l-ordni. L-ewwel nett, is-CFRS mhuwiex prodott esklussivament skont l-ordni u anki għal dawk it-tipi li huma prinċipalment magħmula skont l-ordni, dan ma jżommx lill-importaturi u/jew l-utenti jantiċipaw żidiet futuri fil-prezzijiet milli jixtru kwantitajiet akbar sabiex jaħżnu l-istokk. Barra minn hekk, il-bidu ta' din l-investigazzjoni kellu impatt fuq l-imġiba tal-importazzjoni billi, skont l-evidenza, il-ħażna tal-istokk tal-grad standard normalment importati żdiedet sostanzjalment. Huwa mfakkar li t-22 importatur u/jew utent li pprovdew informazzjoni dwar l-importazzjonijiet matul il-perjodu wara l-bidu rrappreżentaw biss 46 % tal-importazzjonijiet kollha mill-pajjiżi kkonċernati. Fid-dawl tal-fatt li l-importaturi u/jew l-utenti li jirrappreżentaw aktar minn nofs l-importazzjonijiet ma pprovdewx lill-Kummissjoni bl-informazzjoni mitluba u minħabba l-volum għoli ta' importazzjonijiet li daħlu fl-Unjoni fix-xhur ta' wara l-bidu, il-Kummissjoni tista' tibbaża ruħha fuq biżżejjed evidenza sodisfaċenti biex tikkonkludi li verament seħħet ħażna sostanzjali u li l-informazzjoni miksuba u użata wasslet għal stima kemxejn konservattiva tal-livell ta' ħażniet tal-istokk.
- (70) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li kien hemm żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet sussegwenti għall-perjodu tal-investigazzjoni.
- (71) Fit-tweġiba tagħhom għall-iżvelar il-partijiet interessati qalu li kienet teżisti prassi tal-Kummissjoni ferm stabbilita li tqabbel l-importazzjonijiet matul il-perjodu tal-investigazzjoni b'importazzjonijiet matul il-perjodu tar-reġistrazzjoni, li jfisser li ma kienx hemm żieda fl-importazzjonijiet. L-istess partijiet qalu li l-Kummissjoni kienet naqset milli tagħti raġunijiet għal din l-allegata bidla fil-prassi.
- (72) Il-Kummissjoni tosserva, l-ewwel nett, li mhijiex marbuta minn prassi preċedenti (jekk prassi bħal din teżisti, *quod non*, ara l-premessa li jmiss), iżda biss min-normi objettivi tat-Trattati u l-liġi sekondarja. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni meta trid tista', pereżempju minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi li jwasslu għal investigazzjoni, tirfina jew tevolvi l-analiżi tagħha skont il-każ, sakemm hija tispjega raġunijiet suffiċjenti għalfejn għamlet hekk. Il-Kummissjoni fid-dokument ta' żvelar ġenerali pprovdiet b'mod estensiv ir-raġunament ekonomiku, legali u ta' politika li jinsab wara l-approċċ meħud fil-każ attwali (ara l-premessi 11 sa 32 ta' hawn fuq).
- (73) Fi kwalunkwe każ, it-tieni nett, l-importatur seta' biss jindika żewġ każijiet preċedenti (*Pannelli Solari* u *Prodotti tal-Azzar Inossidabbli Rrumblati Ċatti fil-Kiesah*) bħala evidenza allegata ta' tali prassi u fl-ebda każ ma ġew imposti dazji b'mod retroattiv. F'dawn iċ-ċirkostanzi ma tistax tiġi kkunsidrata bħala prassi stabbilita sew. Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li dawn il-partijiet interessati sostnew, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1429 ⁽¹⁾ il-Kummissjoni analizzat perjodi wara l-bidu tal-investigazzjoni meta vvalutat jekk għandux jiġi impost b'mod retroattiv id-dazju antidumping. Barra minn hekk, f'dawk il-każijiet, is-sett sħiħ ta' ċirkostanzi ma kienx paragunabbli maċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ. Pereżempju, għalkemm il-livell tal-importazzjonijiet matul il-perjodu tar-reġistrazzjoni kien fuq bażi ta' medja ta' kull xahar aktar baxx milli fil-perjodu

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1429 tas-26 ta' Awwissu 2015 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' prodott tal-azzar inossidabbli irrumbliati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan (ĠUL 224, 27.8.2015, p. 10).

preċedenti wara l-bidu tal-investigazzjoni, il-livell f'termini assoluti kien għadu sinifikanti ħafna f'dan il-każ. Meta wieħed iqis li dan huwa l-ewwel każ li fih il-Kummissjoni tikkonkludi li fid-dawl tal-fatti ta' dan il-każ id-dazji għandhom jiġu imposti retroattivament, il-prinċipji stabbiliti fil-premessi 11 sa 32 ġew segwiti b'mod strett f'din l-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma analizzatx biss il-livell tal-importazzjonijiet matul il-perjodu tar-reġistrazzjoni imma qieset ukoll l-importazzjonijiet għall-perjodu bejn il-bidu u r-reġistrazzjoni. Dan huwa f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku li, kif spjegat fil-premessi 21 sa 25 hawn fuq jagħti mandat lill-Kummissjoni biex tanalizza l-perjodu sussegwenti għall-perjodu tal-investigazzjoni li hija, fil-prassi tagħna, sa mill-bidu ta' investigazzjoni sal-mument li r-reġistrazzjoni ma tibqax tapplika. Il-perjodu tal-analiżi b'hekk stabbilit b'konformità sħiħa mal-liġi, jippermetti li ssir valutazzjoni sħiħa fuq iż-żieda tal-importazzjonijiet u l-impatt sussegwenti tagħhom u l-kapaċità tagħhom li jimminaw l-effetti rimedjali tal-miżuri.

- (74) Fit-tweġiba tagħhom għall-iżvelar, il-produtturi esportaturi Russi u l-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku tal-Federazzjoni Russa sfidaw l-approċċ tal-Kummissjoni ta' valutazzjoni kumulattiva (li tkopri kemm tal-importazzjonijiet Ċiniżi kif ukoll dawk Russi) sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku. Madankollu, ir-Regolament bażiku ma jipprojbixxi interpretazzjoni kumulattiva tal-Artikolu 10(4) u l-kundizzjonijiet għall-akkumulazzjoni japplikaw b'mod ċar f'dan il-każ. Barra minn hekk, fejn xieraq, saret analiżi separata tal-importazzjonijiet Russi u Ċiniżi, li wasslet ukoll għall-konklużjoni li kien hemm żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet (ara l-premessa 50 hawn fuq) u ma wrietx li kien hemm bżonn ta' approċċ differenti għall-Federazzjoni Russa. B'hekk din id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda.

2.2.2. L-imminar tal-effett rimedjali tad-dazju antidumping definittiv

2.2.2.1. Volumi u ishma mis-suq

- (75) Sabiex ikun ivvalutat l-impatt taż-żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet fuq l-effett rimedjali tad-dazju antidumping definittiv, intbagħtu kwestjonarji dwar il-bejgħ wara l-perjodu tal-investigazzjoni lil Eurofer u l-ħames (5) produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Il-perjodu li għalih ġew mitluba ċ-ċifri tal-perjodu ta' wara l-investigazzjoni kien minn April 2015 sa Jannar 2016 (meta ntbagħat il-kwestjonarju ta' wara l-perjodu tal-investigazzjoni, dan kien l-aktar perjodu riċenti).
- (76) It-tagħrif li wasal juri li l-konsum tal-Unjoni fis-suq ħieles, f'dak il-perjodu, żdied b'14 % filwaqt li l-volumi tal-bejgħ miksuba mill-produtturi tal-Unjoni baqa' pjuttost stabbli b'żieda żgħira ta' 3 %. B'konsegwenza ta' dan, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni kompli jonqos b'7 punti perċentwali (minn 71 % għal 64 %). Dan hu sinjal ċar ta' ħsara ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni.
- (77) F'termini ta' volumi, għandu jiġi ċċarat li l-importazzjonijiet matul il-perjodu tar-reġistrazzjoni ġew inklużi fil-valutazzjoni taż-żieda ulterjuri fl-importazzjonijiet u li l-importazzjonijiet matul il-perjodu tar-reġistrazzjoni waħedhom naqsu meta mqabbla ma' livelli ta' qabel ir-reġistrazzjoni iżda kienu għadhom f'volumi sostanzjali.
- (78) Ġie argumentat minn bosta partijiet li dan it-tnaqqis fl-importazzjonijiet matul il-perjodu tar-reġistrazzjoni wera li l-pass tar-reġistrazzjoni kien suċċess. Madankollu, il-livell sostanzjali ta' importazzjonijiet matul il-perjodu tar-reġistrazzjoni (madwar 165 000 tunnellata) juri biċ-ċar li l-importaturi u/jew l-utenti ma kinux ġew skoraġġuti mill-pass tar-reġistrazzjoni u kif spjegat hawn taħt l-impożizzjoni retroattiva tad-dazji hija meħtieġa sabiex ma jiġux imminati l-effetti rimedjali tal-miżuri.

2.2.2.2. Il-prezzijiet u t-twaqqiġ tal-prezzijiet

- (79) Meta sar tqabbil tal-prezz tal-importazzjoni medju ta' kull xahar bl-użu tad-dejta mill-Eurostat, ġie stabbilit li matul il-11-il xahar wara l-perjodu tal-investigazzjoni, il-prezzijiet medji tal-importazzjoni ta' kull xahar miċ-Ċina u mir-Russja naqsu bi 13 % u 12 % rispettivament meta mqabbla mal-prezzijiet medji tal-importazzjoni ta' kull xahar matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

- (80) Huwa minnu li matul l-istess perjodu l-prezzijiet tal-materja prima naqsu wkoll. Madankollu, l-analiżi li saret turi li t-naqqis fil-prezzijiet tal-materja prima ma setax jiġġustifika iktar minn tnaqqis ta' 4 % fil-prezzijiet tal-bejgħ. Il-fatt li dawn il-prezzijiet tal-importazzjoni sinifikament aktar baxxi jimmina l-effetti rimedjali tad-dazju antidumping hu spjegat b'paragun ġenerali tal-prezz tal-importazzjoni medju mill-pajjiżi kkonċernati mal-prezz medju tal-bejgħ mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni u l-perjodu ta' wara l-investigazzjoni. Dan il-paragun jirriżulta f'7 % twaqqiġ tal-prezz matul il-perjodu tal-investigazzjoni filwaqt li wara dak il-perjodu t-twaqqiġ tal-prezzi żdied għal 14 %.
- (81) Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-importazzjoni matul il-perjodu tar-reġistrazzjoni komplew jonqsu aktar minn dawk tal-produtturi tal-Unjoni. Il-prezz medju tal-importazzjoni f'dan il-perjodu ⁽¹⁾ kien ta' EUR 408 għaċ-Ċina (19 % taħt il-prezz medju tal-importazzjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni u 6 % taħt il-prezz medju tal-importazzjoni fil-perjodu ta' bejn il-bidu sar-reġistrazzjoni ⁽²⁾) u EUR 371 miljun għar-Russja (24 % taħt il-prezz medju tal-importazzjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni u 15 % taħt il-prezz medju tal-importazzjoni fil-perjodu ta' bejn il-bidu sar-reġistrazzjoni). Għaż-żewġ pajjiżi flimkien, il-prezz medju tal-importazzjoni matul ir-reġistrazzjoni kien ta' EUR 386 (22 % taħt il-prezz medju tal-importazzjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni u 11 % taħt il-prezz medju tal-importazzjoni fil-perjodu ta' bejn il-bidu u r-reġistrazzjoni). Konsegwentement, it-twaqqiġ tal-prezz matul il-perjodu tar-reġistrazzjoni reġa' żdied għal kważi 20 % bħala medja.
- (82) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet, fid-dawl ta' meta sseħħ u l-volum, kif ukoll tnaqqas ulterjuri fil-prezzijiet medji, x'aktarx timmina b'mod serju l-effett rimedjali tad-dazju antidumping definittiv.

2.2.2.3. Il-ħażna tal-istokk

- (83) Kif indikat fil-premessa 52, il-Kummissjoni sabet evidenza ta' ħażna tal-istokk wara l-bidu tal-investigazzjoni. Peress li huwa probabbli li l-prodotti li jiġu maħżuna fl-aħħar mill-aħħar se jidħlu fis-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni tqis li tali ħażna tal-istokk hija indikazzjoni oħra li l-importazzjonijiet li jseħħu anki wara r-reġistrazzjoni ser jimminaw l-effetti rimedjali tad-dazji.
- (84) Ċerti partijiet interessati kkontestaw l-argument dwar il-ħażna filwaqt li ddikjaraw li s-sejba tal-ħażna ma kinitx sostnuta minn evidenza. Madankollu, huwa ċar li l-importazzjonijiet ta' wara l-perjodu tal-investigazzjoni żdiedu sostanzjalment meta mqabbla ma' livelli ta' qabel il-bidu u li l-importaturi u/jew l-utenti li kkooperaw irrapurtaw żieda fil-istokks. Barra minn hekk, is-suq irrumblatt ċatt fil-kiesaħ huwa kkaratterizzat minn importazzjonijiet kemm minn negozjanti u minn utenti finali. Minkejja l-fatt li l-prezzijiet kienu qed jinżlu fix-xhur ta' wara l-bidu ta' din l-investigazzjoni, in-negozjanti u l-utenti kienu motivati biex iżidu l-livelli medji tal-importazzjoni ta' kull xahar u l-livelli tal-istokks, kif fil-fatt għamlu. Għalhekk, huwa ċar li l-ħażna tal-istokks saret.
- (85) Grupp ta' importaturi ddikjara li kien ipprova evidenza li l-livell tal-istokks tiegħu wera xejra ta' tnaqqis u li x-xiri tiegħu fil-perjodu wara l-bidu ma kienx immirat lejn il-ħażna tal-istokks. L-istess parti interessata ddikjarat li l-perjodi sabiex jitqabbel il-livell tal-istokk ma kinux xierqa peress li l-istokks fit-tmiem tal-2014 kienu baxxi wisq fid-dawl tan-nuqqas ta' rieda min-naħa tal-banek li jiffinanzjaw l-istokks. Eventwalment hija stqarret li l-Kummissjoni ma wrietx li l-prodotti kkonċernati għadhom maħżuna u indikat li kienet qed tistenna li l-materjal mixtri fil-perjodu tar-reġistrazzjoni jkun mibjugħ qabel ma jiġu imposti l-miżuri provviżorji. F'dan ir-rigward, għandu l-ewwel jiġi nnutat li l-valutazzjoni fir-rigward tal-livell ta' stokk tista' turi differenzi individwali bejn kumpaniji li jimportaw il-prodott ikkonċernat. Madankollu, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni m'għandhiex tkun limitata għal kumpaniji individwali u l-informazzjoni fil-fajl, inkluża dik ta' dan il-grupp ta' importaturi, turi li kien hemm żieda ta' 22 %. It-tieni nett, ta' min jinnota li dan l-argument ma huwiex sostanzjat minn evidenza ta' sostenn sa fejn huma kkonċernati l-banek jew il-volumi tal-istokk. Jekk id-dikjarazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' finanzjament għadha vera, il-Kummissjoni tidubita kif l-importaturi jistgħu jiffinanzjaw iż-żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet li sehew wara l-bidu tal-investigazzjoni mingħajr id-disponibbiltà tal-finanzi. Fuq il-bażi ta' dak imsemmi hawn fuq, dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu rifiutati.

2.2.2.4. Konklużjoni

- (86) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li ż-żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet sussegwenti għall-perjodu tal-investigazzjoni fixklet b'mod serju l-effett rimedjali tad-dazju antidumping definittiv.

⁽¹⁾ Fin-nuqqas ta' statistika aktar preċiża u sabiex jiġi żgurat paragun ġust ma' sorsi oħra ta' dejta statistika, l-istatistika tal-importazzjoni għall-perjodu tar-reġistrazzjoni ġiet ivvalutata fuq il-bażi tal-importazzjonijiet f'Diċembru 2015 u f'Janjar 2016.

⁽²⁾ Fin-nuqqas ta' statistika aktar preċiża u sabiex jiġi żgurat paragun ġust ma' dejta statistika oħra, l-istatistika tal-importazzjoni għall-perjodu mill-bidu sar-reġistrazzjoni ġiet ivvalutata fuq il-bażi tal-importazzjonijiet minn Ġunju sa Novembru 2015.

2.3. Kummenti oħra

- (87) Bosta produttori esportaturi Russi sostnew li l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku ma jindikax appoġġ għal valutazzjoni kumulattiva fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku. Huma sostnew ukoll li fl-opinjoni tagħhom il-kundizzjonijiet għal impożizzjoni retroattiva tad-dazji antidumping mhumiex ssodisfati fir-rigward tal-importazzjonijiet Russi tas-CRFS. Mingħajr referenza fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku għal valutazzjoni kumulattiva, ma jkun hemm l-ebda bażi ġuridika biex il-Kummissjoni tapplika b'mod retroattiv dazji antidumping definittivi fuq importazzjonijiet mir-Russja. F'dan ir-rigward, kien hemm referenza wkoll għall-prinċipju fundamentali ta' nondiskriminazzjoni.
- (88) Għandu jiġi sostnut li l-Kummissjoni ma taqbilx mal-argument li l-kundizzjonijiet kif stipulati fl-Artikolu 10(4) ma ntlaħqux. F'dan il-każ, huwa enfazzat li kemm fil-valutazzjoni kumulattiva tal-pajjiżi kkonċernati kif ukoll fil-valutazzjoni individwali tal-pajjiżi kkonċernati, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 10(4) jintlaħqu għaż-żewġ pajjiżi. Għaldaqstant, l-argument ġie miċħud.
- (89) Diversi partijiet interessati sostnew li minħabba r-reġistrazzjoni, l-importaturi u/jew l-utenti jsibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' inċertezza tad-dritt u li dan kellu effett ħażin fuq il-kummerċ tal-importaturi u/jew tal-utenti. Huma sostnew ukoll li impożizzjoni retroattiva ta' dazji antidumping fuq l-importazzjonijiet reġistrati tkompli taggrava l-effett negattiv fuq l-importaturi u/jew l-utenti fl-Unjoni, li raġonevolment kienu jiddependu fuq il-fornituri tagħhom, bis-suppożizzjoni li mhumiex involuti f'dumping. Kien argumentat ukoll li l-miżuri retroattivi jagħmlu ħsara lill-importaturi u/jew lill-utenti fir-rigward l-importazzjoni marbuta ma' kuntratti konklużi qabel il-bidu tal-proċediment.
- (90) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni l-ewwel nett tinnota li d-dritt tal-awtorità tal-investigazzjoni li tirreġistra l-importazzjonijiet meta jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, huwa stipulat fir-Regolament bażiku li taħtu nbdiet din l-investigazzjoni u li tipproċedi bir-reġistrazzjoni biss f'każijiet eċċezzjonali kif hija tinterpreta l-kundizzjonijiet legali, kif stabbilit fl-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, b'mod strett. Kif huwa diġà spjegat, il-Kummissjoni tqis li f'dan il-każ il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ntlaħqu b'mod ċar. It-tieni nett, ir-reġistrazzjoni reali seħħet biss seba' xhur wara l-bidu ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, hija tirrigwarda l-importazzjonijiet li saru b'għarfien sħiħ ta' investigazzjoni antidumping attwali u l-possibbiltà li tirriżulta ta' impożizzjoni ta' dazji antidumping. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tenfasizza li r-Regolament bażiku kif ukoll id-WTO ADA jippermettu applikazzjoni retroattiva eventwali ta' miżuri antidumping, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.
- (91) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ma tikkontestax li r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet bħal dawn tista' ġġib magħha ċertu inċertezza tad-dritt għall-importaturi u/jew l-utenti kkonċernati peress li mhijiex awtomatikament bir-riżultat ta' għbir retroattiv tad-dazji definittivi, jekk ikun hemm. Il-Kummissjoni lanqas ma tikkontesta li jekk eventwalment jiġu imposti retroattivament dazji fuq l-importazzjonijiet irreġistrati, dan jista' jaffettwa b'mod negattiv lill-partijiet li jkunu importaw il-prodott suġġett matul il-perjodu tar-reġistrazzjoni ta' xahrejn, li wassal għall-impożizzjoni tad-dazji provviżorji. Madankollu, il-Kummissjoni tfakkar li l-iskop tar-reġistrazzjoni huwa li jiġi evitat l-imminar tal-effett rimedjali tad-dazji, li jista' jseħħ pereżempju, permezz ta' importazzjonijiet sinifikanti matul ir-reġistrazzjoni, wara żieda sostanzjali fl-importazzjoni u l-ħażna tal-istokk li diġà seħħet qabel ir-reġistrazzjoni. Fejn ir-reġistrazzjoni tibqa' ineffettiva, għaliex l-operaturi jinjoraw it-twissija fil-formola tar-reġistrazzjoni, huwa meħtieġ li d-dazji japplikaw retroattivament sabiex jiġi żgurat li l-effetti rimedjali tad-dazji ma jiġux posposti iktar minħabba importazzjonijiet li jsiru wara r-reġistrazzjoni. Huwa probabbli li fir-rigward ta' dan il-każ numru ta' importaturi u/jew utenti, konxji tat-twissija ċara li jistgħu jiġu imposti dazji retroattivi, waqfu jimportaw iżda li oħrajn iddeċidew li jieħdu r-riskju. Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija sodisfatta li ma kisritx il-prinċipju ta' ċertezza legali.
- (92) Barra minn hekk, fejn id-dumping jieqaf wara r-reġistrazzjoni, l-importaturi jistgħu jitolbu rifużjoni tad-dazji mħallsa.

2.4. Konklużjoni dwar l-impożizzjoni retroattiva

- (93) Skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku, id-dazji antidumping jistgħu jiġu imposti retroattivament, sakemm l-importazzjonijiet ikunu ġew irreġistrati skont l-Artikolu 14(5), il-Kummissjoni tat l-opportunità lill-importaturi kkonċernati li jikkomentaw dwar jekk il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku ġewx issodisfati.

- (94) Wara li analizzat il-kummenti ppreżentati, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-importaturi u/jew l-utenti kienu jew kellhom ikunu konxji dwar l-allegat dumping u ħsara minn meta ġiet ippubblikata n-notifika ta' bidu fl-14 ta' Mejju 2015. Minbarra l-importazzjonijiet li kkawżaw ħsara matul il-perjodu tal-investigazzjoni, aktar volumi miżjuda b'mod sinifikanti tal-prodott ikkonċernat kienu importati wara l-bidu, bi prezzijiet saħansitra aktar baxxi milli matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Dawn il-kwantitajiet kbar u bi prezzijiet baxxi tal-prodott ikkonċernat kellhom impatt negattiv ulterjuri fuq il-prezzijiet u s-sehem mis-suq tal-Unjoni tal-industrija tal-Unjoni. Peress li l-volumi tal-importazzjoni, flimkien mal-imġiba tal-prezzijiet deskritta hawn fuq u l-iżviluppi tas-sehem mis-suq huma sostanzjali u jiġu flimkien ma' stokkijiet miżjuda, l-importazzjonijiet li kienu importati wara r-reġistrazzjoni x'aktarx jimminaw b'mod serju l-effett rimedjali tad-dazju antidumping definittiv.
- (95) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku għal applikazzjoni retroattiva tad-dazju antidumping definittiv intlaħqu. Dazju antidumping definittiv għandu għalhekk jiġi impost fuq il-prodott ikkonċernat, li sar suġġett ta' reġistrazzjoni mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2325.
- (96) Skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament bażiku, il-livell ta' dazju li għandu jinġabar retroattivament għandu jiġi stabbilit fil-livell tad-dazji provviżorji imposti skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/181, sakemm jiġi inqas mil-livell ta' dazji definittivi imposti skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1328.
- (97) Il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 ma tax opinjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju antidumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-ħadid jew azzar mhux illigat irrumblati ċatti fil-kiesaħ, jew azzar illigat ieħor, iżda eskluż l-azzar inossidabbli, ta' kull wiża', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksiġin, indurati jew mgħottijin, mhux maħdumin iktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), li attwalment jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 7209 15 00 (kodiċi TARIC 7209 15 00 90), 7209 16 90, 7209 17 90, 7209 18 91, ex 7209 18 99 (kodiċi TARIC 7209 18 99 90), ex 7209 25 00 (kodiċi TARIC 7209 25 00 90), 7209 26 90, 7209 27 90, 7209 28 90, 7211 23 30, ex 7211 23 80 (kodiċi TARIC 7211 23 80 19, 7211 23 80 95 u 7211 23 80 99), ex 7211 29 00 (kodiċi TARIC 7211 29 00 19 u 7211 29 00 99), 7225 50 80 u 7226 92 00 u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa, li jkunu ġew irreġistrati bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2325.

It-tipi ta' prodotti li ġejjin huma esklużi mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat:

- prodotti rrumblati ċatti tal-ħadid jew azzar mhux-liga, ta' kull wiża', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksiġin, indurati jew mgħottijin, mhux maħduma aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ, f'koljaturi jew le, ta' kull ħxuna, elettriċi,
- prodotti ta' ħadid jew ta' azzar mhux-liga rrumblati ċatti, ta' kull wiża', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksiġin, indurati jew mgħottijin, f'koljaturi, ta' ħxuna ta' inqas minn 0,35 mm, ittemprati (magħrufa bħala "pjanċi suwed"),
- prodotti rrumblati ċatti ta' azzar liga ieħor, ta' kull wiża', tal-azzar silikon-elettriku, u
- prodotti rrumblati ċatti ta' azzar liga, mhux maħdumin aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), ta' azzar għal veloċità għolja.

2. Ir-rata tad-dazju antidumping definittiva applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u prodotti mill-kumpaniji elenkati hawn taħt tkun kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Rata tad-dazju definittiva (%)	Kodiċi Addizzjonali TARIC
Iċ-Ċina	Angang Steel Company Limited, Anshan	13,7	C097
	Tianjin Angang Tiantie Cold Rolled Sheets Co. Ltd., Tianjin	13,7	C098
	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	14,5	
	Kumpaniji l-oħra kollha	16	C999

Pajjiż	Kumpanija	Rata tad-dazju definnittiva (%)	Kodiċi Addizzjonali TARIC
Ir-Russja	Magnitogorsk Iron & Steel Works OJSC, Magnitogorsk	18,7	C099
	PAO Severstal, Cherepovets	25,4	C100
	Kumpaniji l-oħra kollha	26,2	C999

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun:

Pajjiż	Isem	Kodiċi TARIC addizzjonali
PRC	Hebei Iron and Steel Co., Ltd, Shijiazhuang	C103
PRC	Handan Iron & Steel Group Han-Bao Co., Ltd, Handan	C104
PRC	Baoshan Iron & Steel Co., Ltd, Shanghai	C105
PRC	Shanghai Meishan Iron & Steel Co., Ltd, Nanjing	C106
PRC	BX Steel POSCO Cold Rolled Sheet Co., Ltd, Benxi	C107
PRC	Bengang Steel Plates Co., Ltd, Benxi	C108
PRC	WISCO International Economic & Trading Co. Ltd, Wuhan	C109
PRC	Maanshan Iron & Steel Co., Ltd, Maanshan	C110
PRC	Tianjin Rolling-one Steel Co., Ltd, Tianjin	C111
PRC	Zhangjiagang Yangtze River Cold Rolled Sheet Co., Ltd, Zhangjiagang	C112
PRC	Inner Mongolia Baotou Steel Union Co., Ltd, Baotou City	C113

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1330**tat-2 ta' Awwissu 2016**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2) u (3) u l-Artikolu 38(d) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi li s-sistemi tal-produzzjoni u l-miżuri ta' kontroll tagħhom għall-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007.
- (2) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Awstralja, l-indirizz tal-internet tal-korp ta' kontroll "Australian Certified Organic Pty. Ltd" inbidel.
- (3) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Kanada, ir-rikonoxximent ta' korp ta' kontroll għie rtirat.
- (4) Fl-2014, il-korp ta' kontroll "SGS India Pvt. Ltd" tneħħa mill-entrata għall-Indja fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għax ma rrispettax il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent għall-Indja fir-rigward tal-prodotti li jistgħu jiġu importati. Abbażi tar-risultati tas-supervizzjoni tiegħu mwettqa mill-Indja, dan il-korp ta' kontroll issa jista' jerġa' jiġi inkluż fl-entrata għall-Indja fl-Anness III ta' dak ir-Regolament.
- (5) Il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni dwar il-bidla fl-indirizz tal-internet tal-korp ta' kontroll "IMO Control Private Limited" fl-Indja.
- (6) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Uniti, ir-rikonoxximent ta' korp ta' kontroll għie rtirat u korp ta' kontroll ieħor għie miżjud fil-lista tal-korpi ta' kontroll rikonoxxuti mill-Istati Uniti.
- (7) Il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni dwar il-bidla fl-indirizz tal-internet tal-korp ta' kontroll "AsureQuality Limited" fi New Zealand.
- (8) Minħabba żball amministrattiv, "Doalnara Organic Certificated Korea" għet imħassra mill-Anness III permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2345 ⁽³⁾. Peress li qatt ma kien maħsub li jsir dan, din għandha tiddaħħal mill-ġdid fil-lista tal-korpi ta' kontroll rikonoxxuti mir-Repubblika tal-Korea.
- (9) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jistabbilixxi l-lista tal-korpi ta' kontroll u tal-awtoritajiet ta' kontroll li huma kompetenti biex iwettqu l-kontrolli u joħorġu ċ-ċertifikati f'pajjiżi terzi għall-fini ta' ekwivalenza.

⁽¹⁾ ĠUL 189, 20.7.2007, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠUL 334, 12.12.2008, p. 25).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2345 tal-15 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠUL 330, 16.12.2015, p. 29).

- (10) "Egyptian Center Of Organic Agriculture (ECO A)", "Istituto Certificazione Etica e Ambientale", "Letis S.A.", "Oregon Tilth" u "Organic Standard" innotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-bidla fl-indirizz tagħhom.
- (11) L-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jipprevedi li għal prodotti mhux importati skont l-Artikolu 32 u li ma jkunux importati minn pajjiż terz li huwa rikonossut f'konformità mal-Artikolu 33(2) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tirrikonoxxi l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll li huma kompetenti biex iwettqu l-kompiti għall-finijiet li jiġu importati prodotti li jipprovdu garanziji ekwivalenti. Għalhekk, l-Artikolu 10(2)(b) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jipprevedi li awtorità ta' kontroll jew korp ta' kontroll ma jistgħux jiġu rikonossuti għal prodott li joriġina minn pajjiż terz elenkat fl-Anness III ta' dak ir-Regolament u li jappartjeni f'kategorija ta' prodott li għaliha dan il-pajjiż terz ikun rikonossut.
- (12) Billi l-Awstralja huwa pajjiż terz rikonossut f'konformità mal-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u huwa elenkat fil-kategorija ta' prodott F fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008, jidher li fil-passat daww id-dispożizzjonijiet ma ġewx irrisspettati b'mod adegwat fir-rigward tar-rikonossiment ta' "Australian Certified Organic", li hija rikonossuta fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għal prodotti li joriġinaw mill-Awstralja u li jappartjenu għall-kategorija ta' prodott F. Għalhekk, dan ir-rikonossiment għandu jiġi rtirat.
- (13) "AsureQuality Limited" infurmat lill-Kummissjoni li hija temmet l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni tagħha fil-pajjiżi terzi kollha li kienet ġiet rikonossuta għalihom u ma għandhiex tibqa' elenkata fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.
- (14) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Bio.inspecta AG" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġustifikat li jiġi estiż l-ambitu ġeografiku tar-rikonossiment tagħha għall-kategoriji ta' prodott A u D għall-Kosta tal-Avorju.
- (15) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "CCPB Srl" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni riċevuta wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jiġi estiż l-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonossiment tagħha għall-kategorija ta' prodott D għall-inbid.
- (16) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Certisys" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġustifikat li jiġi estiż l-ambitu ġeografiku tar-rikonossiment tagħha għall-kategoriji ta' prodott A u D għall-Burundi, għall-Kamerun, għar-Rwanda, għat-Tanzanija u għall-Uganda.
- (17) Barra minn hekk, il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni minn "Certisys" li temmet l-attività tagħha ta' ċertifikazzjoni fil-Vjetnam u ma għandhiex tibqa' elenkata għal dak il-pajjiż fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.
- (18) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Control Union Certifications" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġustifikat li jiġi estiż l-ambitu ġeografiku tar-rikonossiment tagħha għall-kategoriji ta' prodott B, C, D, E u F għall-Bangladesh, għall-kategoriji ta' prodott A u D għall-Cape Verde u għall-kategoriji ta' prodott A, C u D għall-Maldivi.
- (19) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Ecocert SA" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġustifikat li jiġi estiż l-ambitu ġeografiku tar-rikonossiment tagħha għall-kategorija ta' prodott A għall-Liechtenstein, għall-kategoriji ta' prodott A u D għall-Albanija, għall-Bahamas, għall-Belarus, għall-Polineżja Franċiża, għall-Gambja, għall-Ġordan, għal-Lesoto, għall-Montenegro, għat-territorju okkupat Palestinjan u għall-Oman, għall-kategoriji ta' prodott A, D u E għall-Bangladesh, għall-kategoriji ta' prodott A, B u F għaċ-Ċili, għall-kategorija ta' prodott B għall-Etjopja, għall-kategoriji ta' prodott B u E għan-Namibja, għall-kategorija ta' prodott D għall-Botswana u għall-kategorija ta' prodott E għall-Emirati Għarab Magħquda u għaż-Żambja.
- (20) "Ecocert SA" infurmat lil Kummissjoni li akkwistat għadd ta' entitajiet tal-grupp IMO, inkluż "IMO-Control Sertifikasyon Tic. Ltd Şti." Indikat ukoll li din l-entità u s-sussidjarja ta' "Ecocert SA" fit-Turkija, jiġifieri "Ecocert Denetim ve Belgelendirme Ltd. Şti.", ingħaqdu flimkien. L-entità li rriżultat, imsejħa "ECOCERT IMO Denetim ve Belgelendirme Ltd. Şti", se tieħu fidejha l-attivitajiet ta' "IMO-Control Sertifikasyon Tic. Ltd Şti." Għalhekk, huwa xieraq li "IMO-Control Sertifikasyon Tic. Ltd Şti" titneħħa mill-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 u minflokha tiġi inkluża "ECOCERT IMO Denetim ve Belgelendirme Ltd. Şti", bil-bidliet neċessarji relatati mal-indirizz u mal-indirizz tal-internet.

- (21) "IBD Certifications Ltd." infurmat lill-Kummissjoni li hija rreġistrata uffiċjalment taħt l-isem "IBD Certificações Ltda."
- (22) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "IMO Control Latinoamérica Ltda." biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġustifikat li jiġi estiż l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji ta' prodott A u D għall-Brażil, għaċ-Ċili, għall-Kuba, għall-Trinidad u Tobago u għall-Urugwaj. Barra minn hekk, "IMO Control Latinoamérica Ltda." innotifikat il-bidla tal-isem korporattiv tagħha għal "IMOCert Latinoamérica Ltda." u l-bidla fl-indirizz tal-internet tagħha.
- (23) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "IMO Control Private Limited" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġustifikat li jiġi estiż l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji ta' prodott A u D għal-Laos, għall-Maldivi u għall-Papua New Guinea.
- (24) "IMOSwiss AG" infurmat lill-Kummissjoni li hija temmet l-attività ta' ċertifikazzjoni tagħha fl-Ukrajna u għalhekk ma għandhiex tibqa' elenkata għal dak il-pajjiż fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.
- (25) "International Certification Services, Inc." infurmat lill-Kummissjoni li hija temmet l-attivitàjiet ta' ċertifikazzjoni tagħha fil-pajjiżi terzi kollha li kienet għet rikonoxxuta għalihom u ma għandhiex tibqa' elenkata fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.
- (26) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "OneCert International PVT Ltd" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġustifikat li jiġi estiż l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji ta' prodott A u D għall-Etjopja, għall-Mozambique, għat-Tanzanja u għas-Sri Lanka u għall-kategorija D għas-Singapore.
- (27) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Organización Internacional Agropecuaria" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġustifikat li jiġi estiż l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategorija ta' prodott C għaċ-Ċili.
- (28) "Quality Assurance International" infurmat lill-Kummissjoni li hija temmet l-attivitàjiet ta' ċertifikazzjoni tagħha fil-Paragwaj u ma għandhiex tibqa' elenkata għal dak il-pajjiż fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.
- (29) Skont l-Artikolu 12(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008, fid-dawl tal-informazzjoni riċevuta jew fid-dawl tan-nuqqas tal-informazzjoni meħtieġa, fi kwalunkwe waqt il-Kummissjoni tista' temenda l-ispeċifikazzjonijiet jew tissospendi l-entrata ta' korp ta' kontroll fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament. Abbażi ta' dan, għandha tiġi emendata l-ispeċifikazzjoni tal-korp ta' kontroll li għalih l-eżami li kien sar fir-rigward tal-informazzjoni kollha riċevuta wassal għall-konklużjoni li r-rekwiżiti rilevanti ma baqgħux jiġu rrispettati.
- (30) "Uganda Organic Certification, Ltd", elenkata fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008, ippreżentat ir-rapport annwali tagħha fit-18 ta' Marzu 2016 f'konformità mal-Artikolu 12(1)(b) tal-istess Regolament. Fir-rapport annwali l-korp ta' akkreditament IOAS informa li ssospenda l-akkreditazzjoni ta' "Uganda Organic Certification, Ltd." Il-korp ta' kontroll ġie mistieden mill-Kummissjoni sabiex jipprova ċertifikat ta' akkreditazzjoni validu akkumpanjat minn rapport ta' valutazzjoni pożittiv f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, iżda ma wegħibx qabel l-iskadenza stabbilita. Għalhekk, l-entrata ta' "Uganda Organic Certification, Ltd" għandha tiġi sospiża mill-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 sakemm tingħata informazzjoni sodisfaċenti.
- (31) Għall-fini ta' ċarezza, b'mod partikolari sabiex ikun żgurat li l-pajjiżi terzi li għalihom l-awtoritajiet ta' kontroll jew il-korpi ta' kontroll elenkati fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jidhru fl-istess ordni fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha, huwa xieraq li l-ismijiet tal-pajjiżi jergħu jitqiegħdu f'ordni ġdid abbażi tan-numri tal-kodiċi u li l-Anness jinbidel kollu.
- (32) Għaldaqstant, l-Annessi III u IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għandhom jiġu emendati skont dan.
- (33) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Anness III huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.
- (2) L-Anness IV jinbidel bit-test tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Awwissu 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-entrata dwar l-Awstralja, fil-punt 5, l-indirizz tal-internet tal-korp ta' kontroll "Australian Certified Organic Pty. Ltd" jinbidel għal "www.aco.net.au";
- (2) Fl-entrata dwar il-Kanada, fil-punt 5, ir-ringiela li tikkonċerna n-numru tal-kodiċi CA-ORG-001 hija mħassra;
- (3) Fl-entrata dwar l-Indja, il-punt 5 huwa emendat kif ġej:

a. ir-ringiela li tikkonċerna n-numru tal-kodiċi IN-ORG-007 tinbidel b'dan li ġej:

"IN-ORG-007	IMO Control Private Limited	www.imocontrol.in"
-------------	-----------------------------	--------------------

b. tiżdied ir-ringiela li ġejja wara r-ringiela IN-ORG-012:

"IN-ORG-013	SGS India Pvt. Ltd	www.sgsgroup.in"
-------------	--------------------	------------------

- (4) Fl-entrata dwar l-Istati Uniti, il-punt 5 huwa emendat kif ġej:

a. ir-ringiela li tikkonċerna n-numru tal-kodiċi US-ORG-032 hija mħassra;

b. tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"US-ORG-061	Basin and Range Organics (BARO)	www.basinandrangoorganics.org"
-------------	---------------------------------	--------------------------------

- (5) Fl-entrata dwar New Zealand, fil-punt 5, l-indirizz tal-internet tal-korp ta' kontroll "AsureQuality Limited" jinbidel għal "http://www.asurequality.com".

- (6) Fl-entrata dwar ir-Repubblika tal-Korea, il-punt 5 huwa emendat kif ġej:

a. tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"KR-ORG-002	Doalnara Organic Certificated Korea	www.doalnara.or.kr"
-------------	-------------------------------------	---------------------

ANNEX II

“ANNEX IV

LISTA TAL-KORPI TA' KONTROLL U TAL-AWTORITAJIET TA' KONTROLL GĦALL-FINI TA' EKWIVALENZA U TAL-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET RILEVANTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 10

Għall-fini ta' dan l-Anness, il-kategoriji ta' prodott huma indikati skont il-kodiċijiet li ġejjin:

- A: Prodotti tal-pjanti mhux ipproċessati
 B: Annimali ħajjin jew prodotti tal-annimali mhux ipproċessati
 C: Prodotti tal-akkwakultura u alka tal-baħar
 D: Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala ikel (*)
 E: Prodotti agrikoli pproċessati biex jintużaw bħala għalf (*)
 F: Materjal għall-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni.

B'konformità mal-Artikolu 10(2)(e), is-sit tal-internet fejn tinsab il-lista tal-operaturi li huma soġġetti għas-sistema ta' kontroll, kif ukoll il-punt ta' kuntatt fejn tinsab disponibbli l-informazzjoni dwar l-istatus taċ-ċertifikazzjoni tagħhom, il-kategoriji ta' prodott ikkonċernati, kif ukoll l-operaturi u l-prodotti sospiżi u li tkun tneħħitilhom iċ-ċertifikazzjoni, jinsab fl-indirizz tal-internet imsemmi fil-punt 2 għal kull korp ta' kontroll jew awtorità ta' kontroll, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

“Abcert AG”

1. Indirizz: Martinstraße 42-44, 73728 Esslingen am Neckar, il-Ġermanja
2. Indirizz tal-internet: <http://www.abcert.de>
3. In-numri tal-kodiċi, il-pajjiżi terzi u l-kategoriji ta' prodott ikkonċernati:

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija ta' prodott					
		A	B	C	D	E	F
AL-BIO-137	L-Albanija	x	—	—	x	—	—
AM-BIO-137	L-Armenja	x	—	—	x	—	—
AZ-BIO-137	L-Ażerbajġan	x	—	—	x	—	—
BA-BIO-137	Il-Bożnija-Herzegovina	x	—	—	x	—	—
BY-BIO-137	Il-Belarus	x	—	—	x	—	—
GE-BIO-137	Il-Georgia	x	—	—	x	—	—
IR-BIO-137	L-Iran	x	—	—	x	—	—
KG-BIO-137	Il-Kirgiżistan	x	—	—	x	—	—
KZ-BIO-137	Il-Każakistan	x	—	—	—	—	—
MD-BIO-137	Il-Moldova	x	x	—	—	—	—

(*) L-ingredjenti għandhom jiġu ċertifikati minn korp ta' kontroll jew minn awtorità ta' kontroll rikonossuti b'konformità mal-Artikolu 33 (3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew jiġu prodotti u ċertifikati fil-kamp ta' applikazzjoni ta' pajjiż terz rikonossut b'konformità mal-Artikolu 33(2) ta' dak ir-Regolament jew jiġu prodotti u ċertifikati fl-Unjoni b'konformità ma' dak ir-Regolament.

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija ta' prodotti					
		A	B	C	D	E	F
ME-BIO-137	Il-Montenegro	x	—	—	x	—	—
MK-BIO-137	l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	x	—	—	x	—	—
RS-BIO-137	Is-Serbja	x	—	—	x	—	—
RU-BIO-137	Ir-Russja	x	x	—	x	—	—
TJ-BIO-137	It-Taġikistan	x	—	—	x	—	—
TM-BIO-137	It-Turkmenistan	x	—	—	x	—	—
UA-BIO-137	L-Ukrajna	x	—	—	x	—	—
UZ-BIO-137	L-Użbekistan	x	—	—	x	—	—
XK-BIO-137	Il-Kosovo *	x	—	—	x	—	—

* Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QiG dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

4. Eċċezzjonijiet: prodotti fil-fażi tal-konverżjoni u inbid.

5. It-tul taż-żmien tal-inklużjoni: sat-30 ta' Ġunju 2018.

“Agreco R.F. Göderz GmbH”

1. Indirizz: Mündener Straße 19, 37218 Witzhausen, il-Ġermanja

2. Indirizz tal-internet: <http://agrecogmbh.de>

3. In-numri tal-kodiċi, il-pajjiżi terzi u l-kategoriji ta' prodott ikkonċernati:

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija ta' prodotti					
		A	B	C	D	E	F
AZ-BIO-151	L-Ażerbajġan	x	—	—	x	—	—
BA-BIO-151	Il-Bożnija-Herzegovina	x	—	—	x	—	—
BF-BIO-151	Il-Burkina Faso	x	—	—	x	—	—
BO-BIO-151	Il-Bolivja	x	—	—	x	—	—
CM-BIO-151	Il-Kamerun	x	—	—	x	—	—
CO-BIO-151	Il-Kolombja	x	—	—	x	—	—
CU-BIO-151	Kuba	x	—	—	x	—	—
CV-BIO-151	Cape Verde	x	—	—	—	—	—
DO-BIO-151	Ir-Repubblika Dominicana	x	—	—	x	—	—

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija ta' prodotti					
		A	B	C	D	E	F
EC-BIO-151	L-Ekwador	x	—	—	x	—	—
EG-BIO-151	L-Eġittu	x	—	—	x	—	—
ET-BIO-151	L-Etjopja	x	—	—	x	—	—
FJ-BIO-151	Fiġi	x	—	—	—	—	—
GE-BIO-151	Il-Georgia	x	—	—	x	—	—
GH-BIO-151	Il-Ghana	x	—	—	x	—	—
GT-BIO-151	Il-Gwatemala	x	—	—	x	—	—
HN-BIO-151	Il-Honduras	x	—	—	x	—	—
ID-BIO-151	L-Indoneżja	x	—	—	x	—	—
IR-BIO-151	L-Iran	x	—	—	—	—	—
KE-BIO-151	Il-Kenja	x	—	—	x	—	—
KG-BIO-151	Il-Kirgiżistan	x	—	—	x	—	—
KH-BIO-151	Il-Kambodja	x	—	—	—	—	—
KZ-BIO-151	Il-Każakistan	x	—	—	x	—	—
LK-BIO-151	Is-Sri Lanka	x	—	—	x	—	—
MA-BIO-151	Il-Marokk	x	—	—	x	—	—
MD-BIO-151	Il-Moldova	x	—	—	x	—	—
ME-BIO-151	Il-Montenegro	x	—	—	x	—	—
MG-BIO-151	Il-Madagascar	x	—	—	x	—	—
MK-BIO-151	l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	x	—	—	—	—	—
ML-BIO-151	Il-Mali	x	—	—	x	—	—
MX-BIO-151	Il-Messiku	—	—	—	x	—	—
NG-BIO-151	In-Niġerja	x	—	—	x	—	—
NI-BIO-151	In-Nikaragwa	x	—	—	x	—	—

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija ta' prodotti					
		A	B	C	D	E	F
NP-BIO-151	In-Nepal	x	—	—	x	—	—
PE-BIO-151	Il-Perù	x	—	—	x	—	—
PG-BIO-151	Papua New Guinea	x	—	—	x	—	—
PH-BIO-151	Il-Filippini	x	—	—	x	—	—
PY-BIO-151	Il-Paragwaj	x	—	—	x	—	—
RS-BIO-151	Is-Serbja	x	—	—	x	—	—
RU-BIO-151	Ir-Russja	x	—	—	x	—	—
SB-BIO-151	Il-Gżejjer Solomon	x	—	—	—	—	—
SN-BIO-151	Is-Senegal	x	—	—	x	—	—
SR-BIO-151	Is-Suriname	x	—	—	x	—	—
SV-BIO-151	L-El Salvador	x	—	—	—	—	—
TG-BIO-151	It-Togo	x	—	—	x	—	—
TH-BIO-151	It-Tajlandja	x	—	—	x	—	—
TM-BIO-151	It-Turkmenistan	x	—	—	x	—	—
TO-BIO-151	Tonga	x	—	—	—	—	—
TV-BIO-151	Tuvalu	x	—	—	x	—	—
TZ-BIO-151	It-Tanzanija	x	—	—	x	—	—
UA-BIO-151	L-Ukrajna	x	—	—	x	—	—
UG-BIO-151	L-Uganda	x	—	—	x	—	—
UY-BIO-151	L-Urugwaj	—	—	—	x	—	—
UZ-BIO-151	L-Uzbekistan	x	—	—	x	—	—
VE-BIO-151	Il-Venezwela	x	—	—	x	—	—
VN-BIO-151	Il-Vjetnam	x	—	—	x	—	—
WS-BIO-151	Samoa	x	—	—	—	—	—
ZA-BIO-151	L-Afrika t'Isfel	x	—	—	x	—	—

4. Eċċezzjonijiet: prodotti fil-fażi tal-konverżjoni u inbid.

5. It-tul taż-żmien tal-inklużjoni: sat-30 ta' Ġunju 2018.

“Albinspekt”

1. Indirizz: Sheshi Hari Trumen, Nd. 1, Hy. 25, Ap. 10, 1016 Tirana, l-Albanija
2. Indirizz tal-internet: <http://www.albinspekt.com>
3. In-numri tal-kodiċi, il-pajjiżi terzi u l-kategoriji ta' prodott ikkonċernati:

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija ta' prodotti					
		A	B	C	D	E	F
AL-BIO-139	L-Albanija	x	x	—	x	—	—
XK-BIO-139	Il-Kosovo *	x	x	—	x	—	—

* Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QiG dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

4. Eċċezzjonijiet: prodotti fil-fażi tal-konverżjoni u inbid.
5. It-tul taż-żmien tal-inklużjoni: sat-30 ta' Ġunju 2018.

“ARGENCERT SA”

1. Indirizz: Bernardo de Irigoyen 972 4 piso 'B', C1072AAT Buenos Aires, l-Arġentina
2. Indirizz tal-internet: www.argencert.com.ar
3. In-numri tal-kodiċi, il-pajjiżi terzi u l-kategoriji ta' prodott ikkonċernati:

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija ta' prodotti					
		A	B	C	D	E	F
AR-BIO-138	L-Arġentina	—	—	—	x	—	—
CL-BIO-138	Iċ-Ċili	x	—	—	x	—	—
PY-BIO-138	Il-Paragwaj	x	—	—	x	—	—
UY-BIO-138	L-Urugwaj	x	—	—	x	—	—

4. Eċċezzjonijiet: prodotti fil-fażi tal-konverżjoni u prodotti koperti bl-Anness III.
5. It-tul taż-żmien tal-inklużjoni: sat-30 ta' Ġunju 2018.

“Australian Certified Organic”

1. Indirizz: PO Box 810 — 18 Eton St, Nundah, QLD 4012, l-Awstralja
2. Indirizz tal-internet: <http://www.aco.net.au>
3. In-numri tal-kodiċi, il-pajjiżi terzi u l-kategoriji ta' prodott ikkonċernati:

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija ta' prodotti					
		A	B	C	D	E	F
AU-BIO-107	L-Awstralja	—	x	—	x	—	—
CK-BIO-107	Il-Gżejjer Cook	x	—	—	x	—	—
CN-BIO-107	Iċ-Ċina	x	x	—	x	—	—
FJ-BIO-107	Fiġi	x	—	—	x	—	—
FK-BIO-107	Il-Gżejjer Falkland	—	x	—	—	—	—

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija ta' prodotti					
		A	B	C	D	E	F
HK-BIO-107	Hong Kong	x	—	—	x	—	—
ID-BIO-107	L-Indoneżja	x	—	—	x	—	—
MG-BIO-107	Il-Madagascar	x	—	—	x	—	—
MM-BIO-107	Il-Myanmar/Burma	x	—	—	x	—	—
MY-BIO-107	Il-Malasja	x	—	—	x	—	—
PG-BIO-107	Papua New Guinea	x	—	—	x	—	—
SG-BIO-107	Singapore	x	—	—	x	—	—
TH-BIO-107	It-Tajlandja	x	—	—	x	—	—
TO-BIO-107	Tonga	x	—	—	x	—	—
TW-BIO-107	It-Tajwan	x	—	—	x	—	—
VU-BIO-107	Vanuatu	x	x	—	x	—	—

4. Eċċezzjonijiet: prodotti fil-fażi tal-konverżjoni u prodotti koperti bl-Anness III.
5. It-tul taż-żmien tal-inklużjoni: sat-30 ta' Ġunju 2018.

“Balkan Biocert Skopje”

1. Indirizz: 2/9, Frederik Sopen Str., 1000 Skopje, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja
2. Indirizz tal-internet: <http://www.balkanbiocert.mk>
3. In-numri tal-kodiċi, il-pajjiżi terzi u l-kategoriji ta' prodott ikkonċernati:

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija ta' prodotti					
		A	B	C	D	E	F
MK-BIO-157	l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	x	x	—	x	—	—

4. Eċċezzjonijiet: prodotti fil-fażi tal-konverżjoni u inbid.
5. It-tul taż-żmien tal-inklużjoni: sat-30 ta' Ġunju 2018.

“Bioagricert S.r.l.”

1. Indirizz: Via dei Macabracchia 8, Casalecchio di Reno, 40033 Bologna, l-Italja
2. Indirizz tal-internet: <http://www.bioagricert.org>
3. In-numri tal-kodiċi, il-pajjiżi terzi u l-kategoriji ta' prodott ikkonċernati:

5. It-tul taż-żmien tal-inklużjoni: sat-30 ta' Ġunju 2018.

“Quality Assurance International”

1. Indirizz: 9191 Towne Centre Road, Suite 200, San Diego, CA 92122, l-Istati Uniti
2. Indirizz tal-internet: <http://www.qai-inc.com>
3. In-numri tal-kodiċi, il-pajjiżi terzi u l-kategoriji ta' prodott ikkonċernati:

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija ta' prodott					
		A	B	C	D	E	F
MX-BIO-113	Il-Messiku	x	—	—	x	—	—

4. Eċċezzjonijiet: prodott fil-fażi tal-konverżjoni u inbid.
5. It-tul taż-żmien tal-inklużjoni: sat-30 ta' Ġunju 2018.

“Quality Partner”

1. Indirizz: Rue Hayeneux, 62, 4040 Herstal, il-Belġju
2. Indirizz tal-internet: <http://www.quality-partner.be>
3. In-numri tal-kodiċi, il-pajjiżi terzi u l-kategoriji ta' prodott ikkonċernati:

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija ta' prodott					
		A	B	C	D	E	F
ID-BIO-168	L-Indoneżja	—	—	x	x	—	—

4. Eċċezzjonijiet: prodott fil-fażi tal-konverżjoni, alka u inbid.
5. It-tul taż-żmien tal-inklużjoni: sat-30 ta' Ġunju 2018.

“Soil Association Certification Limited”

1. Indirizz: South Plaza, Marlborough Street, Bristol, BS1 3NX, ir-Renju Unit
2. Indirizz tal-internet: <http://www.soilassociation.org/certification>
3. In-numri tal-kodiċi, il-pajjiżi terzi u l-kategoriji ta' prodott ikkonċernati:

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija ta' prodott					
		A	B	C	D	E	F
BS-BIO-142	Il-Bahamas	x	—	—	x	—	—
BZ-BIO-142	Il-Belize	x	—	—	x	—	—
CM-BIO-142	Il-Kamerun	—	x	—	x	—	—
CO-BIO-142	Il-Kolombja	—	—	—	x	—	—
DZ-BIO-142	L-Alġerija	x	—	—	x	—	—
EG-BIO-142	L-Eġittu	x	—	—	x	—	—
GH-BIO-142	Il-Ghana	x	—	—	x	—	—
HK-BIO-142	Hong Kong	x	—	—	x	—	—
IR-BIO-142	L-Iran	x	—	—	x	—	—
KE-BIO-142	Il-Kenja	x	—	—	x	—	—
MW-BIO-142	Il-Malawi	x	—	—	x	—	—
SG-BIO-142	Singapore	x	—	—	x	—	—
TH-BIO-142	It-Tajlandja	x	—	—	x	—	—
UG-BIO-142	L-Uganda	x	—	—	x	—	—
VE-BIO-142	Il-Venezwela	x	—	—	—	—	—
VN-BIO-142	Il-Vjetnam	x	—	—	x	—	—
WS-BIO-142	Samoa	x	—	—	x	—	—
ZA-BIO-142	L-Afrika t'Isfel	x	x	—	x	—	—

4. Eċċezzjonijiet: prodott fil-fażi tal-konverżjoni u inbid.
5. It-tul taż-żmien tal-inklużjoni: sat-30 ta' Ġunju 2018.

“Suolo e Salute srl”

1. Indirizz: Via Paolo Borsellino 12, 61032 Fano (PU), I-Italja
2. Indirizz tal-internet: <http://www.suoloesalute.it>

3. In-numri tal-kodiċi, il-pajjiżi terzi u l-kategoriji ta' prodott ikkonċernati:

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija ta' prodotti					
		A	B	C	D	E	F
SM-BIO-150	San Marino	x	—	—	—	—	—
SN-BIO-150	Is-Senegal	x	—	—	—	—	—
UA-BIO-150	L-Ukrajna	x	—	—	—	—	—

4. Eċċezzjonijiet: prodotti fil-fażi tal-konverżjoni.

5. It-tul taż-żmien tal-inklużjoni: sat-30 ta' Ġunju 2018.

“TÜV Nord Integra”

1. Indirizz: Statiestraat 164, 2600 Berchem (Antwerp), il-Belġju

2. Indirizz tal-internet: <http://www.tuv-nord-integra.com>

3. In-numri tal-kodiċi, il-pajjiżi terzi u l-kategoriji ta' prodott ikkonċernati:

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija ta' prodotti					
		A	B	C	D	E	F
BF-BIO-160	Il-Burkina Faso	x	—	—	x	—	—
CI-BIO-160	Il-Kosta tal-Avorju	x	—	—	x	—	—
CM-BIO-160	Il-Kamerun	x	—	—	x	—	—
CW-BIO-160	Curaçao	x	—	—	x	—	—
EG-BIO-160	L-Eġittu	x	—	—	x	—	—
JO-BIO-160	Il-Ġordan	x	—	—	x	—	—
MA-BIO-160	Il-Marokk	x	—	—	x	—	—
MG-BIO-160	Il-Madagascar	x	—	—	x	—	—
ML-BIO-160	Il-Mali	x	—	—	x	—	—
SN-BIO-160	Is-Senegal	x	—	—	x	—	—

4. Eċċezzjonijiet: prodotti fil-fażi tal-konverżjoni u inbid.

5. It-tul taż-żmien tal-inklużjoni: sat-30 ta' Ġunju 2018.”

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1331**tat-3 ta' Awwissu 2016****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Awwissu 2016.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)		
Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	175,1
	ZZ	175,1
0709 93 10	TR	136,4
	ZZ	136,4
0805 50 10	AR	170,3
	CL	187,2
	MA	157,0
	TR	153,3
	UY	185,1
	ZA	180,4
	ZZ	172,2
	0806 10 10	BR
	EG	214,6
	MA	179,4
	MX	378,3
	TR	153,5
	US	233,8
	ZZ	220,5
0808 10 80	AR	114,2
	BR	102,1
	CL	140,4
	CN	137,7
	NZ	128,1
	PE	106,8
	US	80,4
	UY	99,9
	ZA	102,1
	ZZ	112,4
0808 30 90	AR	105,9
	CL	119,7
	NZ	141,8
	TR	159,8
	ZA	125,4
	ZZ	130,5
0809 29 00	CA	331,3
	TR	262,8
	US	485,5
	ZZ	359,9

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0809 30 10, 0809 30 90	TR	166,5
	ZZ	166,5

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1332

tat-28 ta' Lulju 2016

li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-għamara

(notifikata bid-dokument C(2016) 4778)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 6(7) u 8(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, l-Ekotikketta tal-UE tista' tingħata lil dawk il-prodotti b'impatt ambjentali mnaqqas tul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 jistipula li kriterji speċifiċi tal-Ekotikketta tal-UE għandhom jiġu stabbiliti skont il-gruppi tal-prodotti.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/894/KE ⁽²⁾ stabbiliet il-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati għall-għamara tal-injam, li huma validi sal-31 ta' Diċembru 2016.
- (4) Sabiex tkun riflessa aħjar il-firxa ta' prodotti tal-għamara fis-suq, l-ogħla livell għal dawn il-prodotti u sabiex jittieħed kont tal-innovazzjoni li seħħet matul l-aħħar snin, huwa xieraq li l-kamp ta' applikazzjoni tal-grupp ta' prodotti jiġi estiż biex tiġi inkluża għamara li mhijiex tal-injam u biex jiġi stabbilit sett rivedut ta' kriterji ekoloġiċi.
- (5) L-għan tal-kriterji ekoloġiċi riveduti huwa li jintużaw materjali prodotti b'mod iktar sostenibbli (fejn jitqies approċċ tal-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja), li jiġu limitati l-użu ta' komposti perikolużi, il-livelli ta' residwi perikolużi, il-kontribuzzjoni tal-għamara għat-tniġġis tal-arja ta' ġewwa u li jiġi promoss prodott tal-ogħla kwalità u b'saħħtu u li jkun faċli li jissewwa u jiżżarma. Il-kriterji riveduti, flimkien mar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati għandhom ikunu validi għal sitt snin mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, filwaqt li jittieħed kont taċ-ċiklu tal-innovazzjoni għal dan il-grupp ta' prodotti.
- (6) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2009/894/KE għandha tiġi sostitwita.
- (7) Huwa xieraq li l-produtturi li l-prodotti tagħhom ikunu ngħataw l-Ekotikketta tal-UE għall-għamara tal-injam abbażi tal-kriterji ekoloġiċi stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/894/KE jingħataw perjodu tranżizzjonali, sabiex ikollhom żmien biżżejjed biex jadattaw il-prodotti tagħhom biex ikunu konformi mal-kriterji u mar-rekwiżiti ekoloġiċi riveduti. Barra minn hekk il-produtturi għandhom jingħataw perjodu suffiċjenti ta' żmien li fih jippreżentaw applikazzjonijiet abbażi tal-kriterji ekoloġiċi stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/894/KE.

⁽¹⁾ ĠUL 27, 30.1.2010, p. 1.

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/894/KE tat-30 ta' Novembru 2009 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta Komunitarja għal għamara tal-injam (ĠU L 320, 5.12.2009, p. 23).

- (8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-grupp ta' prodotti "għamara" għandu jinkludi unitajiet indipendenti jew li jiġu inkorporati (built-in) li l-funzjoni primarja tagħhom hija li jintużaw għall-ħżin, biex jitqiegħdu jew jiddendlu l-oġġetti u/jew li jipprovdu uċuħ fejn l-utenti jistgħu jistrieħu, joqogħdu bilqiegħda, jieklu, jistudjaw jew jaħdmu, kemm jekk għall-użu fuq ġewwa jew fuq barra. Il-kamp ta' applikazzjoni jestendi għal għamara domestika u għal oġġetti tal-għamara kuntrattwali għall-użu f'ambjent domestiku jew mhux domestiku. Fil-kamp ta' applikazzjoni ġew inklużi frejms, saqajn, bażijiet u headboards tas-sodod.
2. Il-grupp ta' prodotti ma għandux jinkludi l-prodotti li ġejjin:
 - (a) Saqqijiet tas-sodda, li huma koperti mill-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/391/UE ⁽¹⁾,
 - (b) Prodotti li l-funzjoni primarja tagħhom ma tkunx li jintużaw skont il-paragrafu 1, inklużi dwal tat-toroq, rixtelli (railings u fences), slielem, arloġġi, tagħmir tal-plejgawnd, mirja indipendenti jew li jiddendlu mal-ħajt, kondjuwits elettriċi, bollards tat-toroq u prodotti tal-bini bħal turġien, bibien, twieqi, kisi tal-pavimenti u cladding.
 - (c) Prodotti tal-għamara użati, li reġġu ngħataw finitura ġdida, restawrati jew rimanifatturati.
 - (d) Għamara mgħammra f'vetturi użati għat-tranżitu pubbliku jew privat.
 - (e) Prodotti tal-għamara li iktar minn 5 % (piż b'piż) tagħhom ikun materjal li mhux inkluż fil-lista li ġejja: injam solidu, panewijiet abbażi tal-injam, sufra, bambù, rattan, plastik, metalli, ġilda, drappijiet miksija, tessuti, ħġieġ u materjal tal-ikkuttunar/mili.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "Ġilda anilina" tfisser ġilda li l-grani naturali tagħha huma viżibbli b'mod ċar u b'mod sħiħ fejn kwalunkwe kisi tal-wiċċ b'finitura mhux pigmentata jkun ta' inqas minn 0,01 mm, kif definit f'EN 15987;
- (b) "Ġilda semianilina" tfisser ġilda li tkun ġiet miksija b'finitura li jkun fiha ammont żgħir ta' pigment, sabiex il-grani naturali jkunu għandhom viżibbli b'mod ċar, kif definit f'EN 15987;
- (c) "Ġilda pigmentata u ġilda maqsuma (split) pigmentata" tfisser ġilda jew ġilda maqsuma li l-grani naturali jew il-wiċċ tagħha jkun kompletament moħbi b'finitura li fiha l-pigmenti, kif definit f'EN 15987;
- (d) "Ġilda tal-alakka u ġilda maqsuma tal-alakka" tfisser ġilda jew ġilda maqsuma li ġeneralment ikollha dehra b'effett simili għal ta' mera, li tinkiseb bl-applikazzjoni ta' saff ta' verniċ pigmentat jew mhux pigmentat, jew ta' reżini sintetiċi, li l-ħxuna tiegħu ma taqbiżx terz tal-ħxuna totali tal-prodott, kif definit f'EN 15987;
- (e) "Ġilda miksija u ġilda maqsuma miksija" tfisser ġilda jew ġilda maqsuma fejn il-kisi tal-wiċċ, li jiġi applikat lin-naħa ta' barra, ma jaqbiżx terz tal-ħxuna totali tal-prodott iżda huwa ta' iktar minn 0,15 mm, kif definit f'EN 15987;
- (f) "Kompost organiku volatil" (KOV) tfisser kwalunkwe kompost organiku li għandu temperatura inizjali meta jagħli ta' 250 °C jew inqas imkejla fi pressjoni standard ta' 101,3 kPa kif definit fid-Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ u li, f'kolonna kapillari, jelwixxi sa u jinkludi t-tetradekan (C₁₄H₃₀);

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/391/UE tat-23 ta' Ġunju 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għas-saqqijiet tas-sodda (ĠUL 184, 25.6.2014, p. 18).

⁽²⁾ Id-Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar il-limitazzjonijiet ta' emissjonijiet ta' kompożizzjonijiet organiċi volatili minħabba l-użu ta' solventi f'ċertu żebgħa u lostri u prodotti ta' lostru mil-ġdid ta' vetturi u li jemenda d-Direttiva 1999/13/KE (ĠUL 143, 30.4.2004, p. 87).

- (g) “Kompost organiku semivolatili” (SVOC) tfisser kwalunkwe kompost organiku li għandu temperatura meta jagħli ta’ iktar minn 250 °C u ta’ inqas minn 370 °C imkejla fi pressjoni standard ta’ 101,3 kPa u li, f’kolonna kapillari, jellwixxi b’firxa ta’ żamma bejn l-n-tetradekan ($C_{14}H_{30}$) u l-n-Dokosan ($C_{22}H_{46}$);
- (h) “Kontenut riċiklat” tfisser il-proporzjon tal-massa, li hija materjal riċiklat fi prodott jew fl-ippakkjar; materjali prekonsumatur u postkonsumatur biss jitqiesu bħala kontenut riċiklat, kif definit f’ISO 14021;
- (i) “Materjal prekonsumatur” tfisser materjal li jiġi ddevjat mill-fluss tal-iskart waqt proċess ta’ manifattura iżda teskludi l-użu mill-ġdid ta’ materjal li jkollu bżonn jiġi riproċessat, materjal mitħun jew ruttam li jiġi ġġenerat fi proċess u li jista’ jiġi reklamat fl-istess proċess li jkun iġġenerah kif definit f’ISO 14021 u teskludi wkoll skart tal-injam, laqx u fibri minn operazzjonijiet ta’ qtugħ tas-siġar u ta’ sserrar;
- (j) “Materjal postkonsumatur” tfisser materjal li jiġi ġġenerat minn unitajiet domestiċi jew minn faċilitajiet kummerċjali, industrijali u istituzzjonali fir-rwol tagħhom bħala utenti finali tal-prodott li ma jstax jibqa’ jintuża għall-iskop maħsub tiegħu, u tinkludi materjal li jkun ġie rritornat lura mill-katina tad-distribuzzjoni, kif definit f’ISO 14021;
- (k) “Materjal irkuprat/reklammat” tfisser materjal li kieku kien jintrema bħala skart jew jintuża għall-irkupru tal-enerġija, iżda li minflok ikun inġabar u ġie rkuprat/reklammat bħala input ta’ materjal, minflok materja prima ġdida, għal proċess ta’ riċiklaġġ jew ta’ manifattura, kif definit f’ISO 14021;
- (l) “Materjal riċiklat” tfisser materjal li jkun ġie riproċessat minn materjal irkuprat/reklammat permezz ta’ proċess ta’ manifattura u li jiġi magħmul fi prodott finali jew f’komponent biex jiġi inkorporat fi prodott kif definit f’ISO 14021, iżda teskludi skart tal-injam, laqx u fibri minn operazzjonijiet ta’ qtugħ tas-siġar u ta’ sserrar;
- (m) “Panewijiet abbażi tal-injam” tfisser panewijiet fabrikati minn fibri tal-injam minn wieħed minn diversi proċessi differenti li jistgħu jinvolvu l-użu ta’ temperaturi u pressjonijiet għoljin u reżini li jgħaqqdu jew ażeżivi;
- (n) “Oriented Strand Bord” tfisser bord b’diversi livelli prinċipalment magħmul minn strixxi tal-injam flimkien ma’ legant, kif definit f’EN 300. L-istrixxi fis-saff estern huma allinjati u paralleli mat-tul jew mal-wisa’ tal-bord. L-istrixxi fis-saff jew fis-saffi interni jistgħu jiġu orjentati jew allinjati b’mod każwali, ġeneralment f’angolu rett mal-istrixxi fis-saffi esterni;
- (o) “Bord tal-partikuli” tfisser materjal ta’ panew manifatturat taħt pressjoni u sħana minn partikuli tal-injam (frak tal-injam, biċċiet tal-injam, ċana, serratura u simili) u/jew minn materjal linjoċellulożiku ieħor f’forma ta’ partikuli (soddieda tal-kittien, soddieda tal-qanneb, frammenti tal-bagasse u simili), biż-żieda ta’ ażeżiv, kif definit f’EN 309;
- (p) “Plajwudd” tfisser panewijiet abbażi tal-injam li jikkonsistu fl-immuntar ta’ saffi inkullati flimkien bid-direzzjoni tal-grani fl-istrati maġenb xulxin normalment f’angoli retti, kif definit f’EN 313. Hemm ħafna sottokategoriji differenti li jistgħu jissejħu plajwudd abbażi tal-mod ta’ kif il-plajwudd ikun strutturat (bħal plajwudd bil-veneer, core plywood, plajwudd bilanċjat) jew skont l-użu aħħari prinċipali tiegħu (pereżempju, plajwudd marin);
- (q) “Fajberbords” tfisser sett wiesa’ ta’ tipi ta’ panewijiet definiti f’EN 316 u f’EN 622 u li jista’ jinqasam fis-sottokategoriji ta’ ħardbord, bords ta’ densità medja, bords rotob u bords magħmulin bi proċess niexef abbażi tal-karatteristiċi fiżiċi u tal-proċess tal-produzzjoni tagħhom;
- (r) “Sustanza faċilment bijodegradabbli” tfisser sustanza li turi 70 % degradazzjoni ta’ karbonju organiku dissolt fi żmien 28 jum jew 60 % tat-tnaqqis massimu teoretiku ta’ ossiġenu jew il-ġenerazzjoni tad-dijossidu tal-karbonju fi żmien 28 jum bl-użu ta’ wieħed mill-metodi tal-ittestjar li ġejjin: OECD 301 A, ISO 7827, OECD 301 B, ISO 9439, OECD 301 C, OECD 301 D, ISO 10708, OECD 301 E, OECD 301 F, ISO 9408;
- (s) “Sustanza bijodegradabbli b’mod inerenti” tfisser sustanza li turi 70 % degradazzjoni ta’ karbonju organiku dissolt fi żmien 28 jum jew 60 % tat-tnaqqis massimu teoretiku ta’ ossiġenu jew il-ġenerazzjoni tad-dijossidu tal-karbonju fi żmien 28 jum bl-użu ta’ wieħed mill-metodi tal-ittestjar li ġejjin: ISO 14593, OECD 302 A, ISO 9887, OECD 302 B, ISO 9888, OECD 302 C;
- (t) “Operazzjonijiet tal-irfinar” tfisser metodi fejn jiġi applikat kisi jew saff lill-wiċċ ta’ materjal. Il-metodi jistgħu jinkludu l-applikazzjoni ta’ żebgħa, prints, verniċ, veneer, laminati, karti impregnati u fojls tal-irfinar;

- (u) “Prodott bijoċidali” kif definit fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ tfisser:
- kwalunkwe sustanza jew taħlita, fl-għamla li jiġu fornuti lill-utent, li jikkonsistu minn, li fihom jew li jiġġeneraw sustanza attiva waħda jew iktar, bl-intenzjoni li jeqirdu, jimpedixxu, irendu mhux dannuż, jipprevjenu l-azzjoni ta', jew li jeżerċitaw b'mod ieħor effett ta' kontroll fuq kwalunkwe organiżmu ta' ħsara bi kwalunkwe mezz għajr b'azzjoni sempliċiment fiżika jew mekkanika,
 - kwalunkwe sustanza jew taħlita, iġġenerata minn sustanzi jew taħlitiet li huma stess ma jaqgħux taħt l-ewwel inċiż, li huma maħsubin biex jintużaw bl-intenzjoni li jeqirdu, jimpedixxu, irendu mhux dannuż, jipprevjenu l-azzjoni ta', jew li jeżerċitaw b'mod ieħor effett ta' kontroll fuq kwalunkwe organiżmu ta' ħsara bi kwalunkwe mezz għajr b'azzjoni sempliċiment fiżika jew mekkanika, u
 - oġġett ittrattat li għandu funzjoni bijoċidali primarja;
- (v) “Preservattivi tal-injam” tfisser prodotti bijoċidali li jiġi/jiġu applikat(i) permezz ta' trattament tal-wiċċ (eż. sprejjar, brushing) jew permezz ta' proċessi li jippenetraw fil-fond (eż. pressjoni bil-vakwu, vakwu doppju) lill-injam (jiġifieri zkuk riċevuti fis-segerija għall-użu kummerċjali u għall-użi sussegwenti kollha tal-injam u tal-prodotti abbażi tal-injam) jew prodotti nfushom abbażi tal-injam, jew li jiġu applikati lil sottostrati li mhumiex tal-injam (eż. lill-ġebel u lill-pedamenti tal-bini) sempliċiment bil-għan li jipproteġu lill-injam jew lill-prodotti abbażi tal-injam maġenbhom minn attakk minn organiżmi li jeqirdu l-injam (eż. tmermir tal-injam u termiti) skont id-definizzjoni miftiehma mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (sors CEN/TC 38 “Durabbiltà tal-injam u tal-prodotti abbażi tal-injam”);
- (w) “E1” tfisser klassifikazzjoni għall-panewijiet abbażi tal-injam li jkun fihom il-formaldeid adottata fl-Istati Membri kollha tal-UE abbażi tal-emissjonijiet tal-formaldeid. Skont id-definizzjoni pprovduta fl-Anness B ta' EN 13986, panew abbażi tal-injam għandu jiġi kklassifikat bħala E1 jekk l-emissjonijiet ikunu ekwivalenti għal konċentrazzjonijiet fi stat fiss ta' 0,1 ppm (0,124 mg/m³) jew inqas ta' formaldeid wara 28 jum ta' test f'kompartiment li jsir skont EN 717-1 jew jekk il-kontenut ta' formaldeid jiġi ddeterminat li jkun 8 mg/100 g jew inqas f'bord imnixxef f'forn meta mkejjejl skont EN 120 jew jekk ir-rati tal-emissjonijiet tal-formaldeid ikunu 3,5 mg/m²-h jew inqas skont EN 717-2 jew 5,0 mg/m²-h jew inqas skont l-istess metodu iżda fi żmien tliet jjiem wara l-produzzjoni;
- (x) “Drappijiet miksija” tfisser drappijiet b'saff aderenti, kontinwu u diskret tal-lastku u/jew ta' materjal abbażi tal-plastik fuq wiċċ wieħed jew fuq iż-żewġ uċuħ, kif definit f'EN 13360, u tinkludi materjali tat-tapizzerija komunement imsejħa “ġilda artifiċjali”;
- (y) “Tessuti” tfisser fibri naturali, fibri sintetiċi u fibri ċellulożi magħmula mill-bniedem;
- (z) “Fibri naturali” tfisser qoton u fibri ta' żrieragħ ċellulożi naturali oħra, kittien u fibri oħra tat-tilju, suf u fibri oħra tal-keratin;
- (aa) “Fibri sintetiċi” tfisser fibri tal-akriliku, tal-elastane, tal-poliamid, tal-poliester u tal-polipropilen;
- (bb) “Fibri ċellulożi magħmula mill-bniedem” tfisser fibri tal-lyocell, modal u tal-visk;
- (cc) “Tapizzerija” tfisser il-materjali użati fl-artiġjanat tal-kopertura, tal-ikkuttunar u tal-mili ta' postijiet fejn wieħed joqgħod bilqiegħda, jorqod jew ta' prodotti oħra tal-għamara u tista' tinkludi materjal tal-kisi bħal ġilda, drappijiet u tessuti miksija u materjal tal-ikkuttunar bħal materjali polimetriċi ċellulari flessibbli bbażati fuq il-latex tal-lastku u poliuretan;
- (dd) “Sustanza” tfisser element kimiku u l-komposti tiegħu fl-istat naturali jew li jinkiseb bi kwalunkwe proċess ta' manifattura, u tinkludi kwalunkwe addittiv meħtieġ sabiex jippreserva l-istabbiltà tiegħu u kwalunkwe impurità derivata mill-proċess użat, iżda teskludi kwalunkwe solvent li jista' jiġi sseparat mingħajr ma tiġi affettwata l-istabbiltà tas-sustanza jew li jbidel il-kompożizzjoni tagħha, kif definit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾;
- (ee) “Taħlita” tfisser taħlita jew soluzzjoni komposta minn żewġ sustanzi jew iktar kif definit fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

- (ff) “Parti komponenti” tfisser unitajiet riġidi u diskreti li l-għamla u l-forma tagħhom ma teħtieġx li tinbidel qabel l-immuntar tal-prodott finali fil-forma kompletament funzjonali tiegħu, għalkemm il-pożizzjoni tagħhom tista’ tinbidel waqt l-użu tal-prodott finali u tinkludi ċappetti, viti, frejms, kxaxen, roti u xkafef;
- (gg) “Materjali komponenti” tfisser materjal li l-għamla u l-forma tiegħu tista’ tinbidel qabel l-immuntar tal-għamara jew waqt l-użu tal-prodott tal-għamara, u tinkludi tessuti, ġilda, drappijiet miksiya u fowm tal-poliuretan użat fit-tapizzerija. L-injam fornut jista’ jitqies bħala materjal komponenti iżda iktar tard jiġi ssegat u trattat sabiex jiġi konvertit f’parti komponenti.

Artikolu 3

Sabiex prodott jingħata l-Ekotikketta tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, għandu jaqa’ fi ħdan il-grupp ta’ prodotti “għamara” kif definit fl-Artikolu 1 ta’ din id-Deċiżjoni u għandu jkun konformi mal-kriterji ekoloġiċi kif ukoll mar-rekwiżiti ta’ valutazzjoni u ta’ verifika relatati stabbiliti fl-Anness ma’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta’ prodotti “għamara”, kif ukoll ir-rekwiżiti ta’ valutazzjoni u ta’ verifika relatati, għandhom ikunu validi għal sitt snin mid-data tal-adozzjoni ta’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Għall-finijiet amministrattivi, in-numru tal-kodiċi assenjat lill-grupp ta’ prodotti “għamara” għandu jkun “049”.

Artikolu 6

Id-Deċiżjoni 2009/894/KE hija mħassra.

Artikolu 7

1. B’deroga mill-Artikolu 6, l-applikazzjonijiet għall-Ekotikketta tal-UE għal prodotti li jaqgħu taħt il-grupp ta’ prodotti “għamara tal-injam” li jiġu ppreżentati qabel id-data tal-adozzjoni ta’ din id-Deċiżjoni għandhom jiġu vvalutati skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/894/KE.

2. L-applikazzjonijiet għall-Ekotikketta tal-UE għal prodotti li jaqgħu fi ħdan il-grupp ta’ prodotti “għamara tal-injam” li jiġu ppreżentati fi żmien xahrejn qabel id-data tal-adozzjoni ta’ din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu bbażati jew fuq il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/894/KE jew fuq il-kriterji stabbiliti f’din id-Deċiżjoni.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu vvalutati skont il-kriterji li fuqhom huma bbażati.

3. Il-liċenzji tal-Ekotikketta tal-UE mogħtija skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2009/894/KE jistgħu jintużaw għal 12-il xahar mid-data tal-adozzjoni ta’ din id-Deċiżjoni.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Lulju 2016.

Għall-Kummissjoni
Karmenu VELLA
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

QAFAS

KRITERJI TAL-EKOTIKKETTA TAL-UE

Kriterji għall-ġhoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-prodotti tal-ġhamara:

1. Deskrizzjoni tal-prodott
2. Rekwiżiti ġenerali għas-sustanzi u t-taħlitiet perikolużi
3. Injam, sufra, bambù u rattan
4. Plastiks
5. Metalli
6. Materjal li jintuża għall-kisi għat-tapizzerija
7. Materjal li jintuża għall-ikkuttunar tat-tapizzerija
8. Ħġieġ: l-użu ta' metalli tqal
9. Rekwiżiti tal-prodott finali
10. Tagħrif għall-konsumaturi
11. Informazzjoni li tidher fuq l-Ekotikketta tal-UE

REKWIŻITI TA' VALUTAZZJONI U VERIFIKA

Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' valutazzjoni u ta' verifika huma indikati f'kull kriterju.

Meta l-applikant ikun meħtieġ jipprovi dikjarazzjonijiet, dokumentazzjoni, analiżijiet, rapporti ta' testijiet, jew evidenza oħra biex juri l-konformità mal-kriterji, dawn jistgħu joriġinaw mill-applikant u/jew mill-fornitur(i) tiegħu u/jew mill-fornituri tagħhom, eċċ., kif xieraq.

Il-korpi kompetenti għandhom jirrikonoxxu preferenzjalment l-attestazzjonijiet li jinħarġu mill-korpi akkreditati skont l-istandard armonizzat rilevanti għal-laboratorji tal-ittejtjar u tal-ikkalibrar, u l-verifiki li jagħmlu korpi akkreditati skont l-istandard armonizzat rilevanti għall-korpi li jiċċertifikaw il-prodotti, il-proċessi u s-servizzi.

Fejn ikun xieraq, jistgħu jintużaw metodi ta' ttejtjar oħra għajr dawk indikati għal kull kriterju jekk il-korp kompetenti li jivvaluta l-applikazzjoni jaċċetta l-ekwivalenza tagħhom.

Fejn xieraq, il-korpi kompetenti jistgħu jitolbu dokumentazzjoni ta' appoġġ u jistgħu jwettqu verifiki indipendenti.

Bħala prerekwiżit, il-prodott għandu jissodisfa r-rekwiżiti legali rispettivi kollha tal-pajjiż (pajjiżi) li fih(om) il-prodott huwa maħsub li jitqiegħed fis-suq. L-applikant għandu jiddikjara l-konformità tal-prodott ma' dan ir-rekwiżit.

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE jirriflettu l-prodotti li jkollhom l-aqwa prestazzjoni ambjentali fis-suq tal-ġhamara. Għall-faċilità tal-valutazzjoni, il-kriterji huma ffokati fuq bażi ta' "kull materjal" minħabba l-fatt li ħafna mill-prodotti tal-ġhamara sejjer ikun fihom biss materjal wieħed jew tnejn mill-materjali elenkati hawn fuq.

Filwaqt li l-użu ta' prodotti kimiċi u r-rilaxx ta' sustanzi niġġiesa huma parti mill-proċess tal-produzzjoni, kull meta jkun possibbli l-użu ta' sustanzi perikolużi huwa eskluż jew limitat għall-minimu neċessarju sabiex tiġi pprovduta funzjoni adegwata u fl-istess ħin jinżammu standards stretti ta' kwalità u ta' sikurezza għall-prodotti tal-ġhamara. Għal dan l-għan, jingħataw il-kundizzjonijiet ta' deroga għal sustanzi speċifiċi/gruppi ta' sustanzi f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, meta ma jkun hemm l-ebda alternattiva vijabbli eżistenti fis-suq, sabiex il-piż ambjentali ma jintefax fuq il-fażijiet taċ-ċiklu tal-ħajja jew impatti oħra.

Kriterju 1 — Deskrizzjoni tal-Prodott

Id-disinji tekniċi li juru l-immuntar ta' partijiet/materjali komponenti u ta' partijiet/materjali subkomponenti li jiffurmaw il-prodott finali tal-għamara u d-dimensjonijiet tiegħu għandhom jiġu pprovduti lill-korp kompetenti flimkien ma' lista ta' materjali għall-prodott li għandha tiddikjara l-piż totali tal-prodott innifsu u kif dan jinqasam bejn il-materjali differenti li ġejjin: injam solidu, panewijiet abbażi tal-injam, sufra, bambù, rattan, plastiks, metalli, ġilda, drappijiet miksija, tessuti, ħġieġ u materjal għall-ikkuttunar/mili.

Kwalunkwe materjal li jifdal li ma jaqax taħt il-kategoriji ta' hawn fuq għandu jiġi elenkat bħala materjal "ieħor".

Il-kwantità totali ta' materjal "ieħor" ma għandhiex taqbeż il-5 % tal-piż totali tal-prodott.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdì dokumentazzjoni lill-korp kompetenti li jkun fiha:

- (i) Disinji tekniċi li juru l-partijiet/materjali komponenti u l-partijiet/materjali subkomponenti differenti użati fl-immuntar tal-prodott tal-għamara;
- (ii) Lista ġenerali ta' materjali li tiddikjara l-piż totali tal-unità tal-prodott u l-mod kif il-piż ikun maqsum bejn injam solidu, panewijiet abbażi tal-injam, sufra, bambù, rattan, plastiks, metalli, ġilda, tessuti, drappijiet miksija, ħġieġ, ikkuttunar/mili u materjal "ieħor". Il-piżijiet tal-materjali differenti għandhom jiġu espressi fi grammi jew f'kilogrammi u bħala persentaġġ tal-piż totali ta' unità tal-prodott.

Kriterju 2 — Rekwiżit ġenerali għas-sustanzi u t-taħlitiet perikolużi

Il-preżenza fil-prodott u fi kwalunkwe partijiet/materjali komponenti tiegħu, ta' sustanzi li huma identifikati skont l-Artikolu 59(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 bħala sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs) jew sustanzi u taħlitiet li jissodisfaw il-kriterji għall-Klassifikazzjoni, l-Ittikettar u l-Imballaġġ (CLP) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ għall-perikli elenkati fit-Tabella 1, għandhom ikunu ristretti skont il-kriterji 2.1, 2.2(a) u 2.2(b).

Għal dan il-kriterju, il-Lista ta' Kandidati SVHCs u l-klassifikazzjoni tal-perikli CLP huma miġbura fit-Tabella 1 skont il-karatteristiċi perikolużi tagħhom.

Tabella 1

Raggruppament ta' perikli ristretti

Perikli tal-Grupp 1 — SVHCs u CLP

Perikli li jixħtu sustanza jew taħlita fil-Grupp 1:

Sustanza li tidher fil-Lista ta' Kandidati għas-SVHCs

Karċinoġenu, Mutaġenu u/jew Tossiku għar-Riproduzzjoni (CMR) Kategorija 1 A jew 1B: H340, H350, H350i, H360, H360F, H360D, H360FD, H360Fd, H360Df

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

Perikli tal-Grupp 2 — CLP

Perikli li jixħtu sustanza jew taħlita fil-Grupp 2:

CMR tal-Kategorija 2: H341, H351, H361f, H361d, H361fd, H362

Tossiċità akkwatika tal-kategorija 1: H400, H410

Tossiċità akuta tal-kategorija 1 u 2: H300, H310, H330

Tossiċità mill-aspirazzjoni tal-kategorija 1: H304

Tossiċità Speċifika għall-OrganI fil-Mira (STOT) tal-kategorija 1: H370, H372

Sensitizzatur tal-ġilda H317 tal-Kategorija 1

Perikli tal-Grupp 3 — CLP

Perikli li jixħtu sustanza jew taħlita fil-Grupp 3:

Tossiċità akkwatika tal-kategoriji 2, 3 u 4: H411, H412, H413

Tossiċità akuta tal-kategorija 3: H301, H311, H331, EUH070

STOT tal-kategorija 2: H371, H373

2.1. Restrizzjoni ta' SVHCs

Il-prodott u kwalunkwe parti/materjal komponenti tiegħu, ma għandux ikun fih SVHCs, f'konċentrazzjonijiet ikbar minn 0,10 % (piż b'piż).

Ma għandha tingħata l-ebda deroga minn dan ir-rekwiżit lil-Lista ta' Kandidati SVHCs li jinsabu fil-prodott jew fi kwalunkwe parti/materjal komponenti tiegħu f'konċentrazzjonijiet ikbar minn 0,10 % (piż b'piż).

It-tessuti li ngħataw l-Ekotikketta tal-UE skont il-kriterji ekoloġiċi stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/350/UE ⁽¹⁾, jitqiesu li jikkonformaw mal-kriterju 2.1.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jiġbor id-dikjarazzjonijiet tan-nuqqas ta' SVHCs fil-limitu ta' konċentrazzjoni speċifikat jew ogħla minnu għall-prodott u kwalunkwe parti/materjal użat fl-immuntar tal-prodott. Id-dikjarazzjonijiet għandu jkollhom referenza għall-aħħar verżjoni tal-Lista ta' Kandidati li ppubblikat l-ECHA ⁽²⁾.

Għat-tessuti li ngħataw l-Ekotikketta tal-UE skont id-Deċiżjoni 2014/350/UE, bħala prova ta' konformità jrid jiġi pprovdut ċertifikat tal-Ekotikketta tal-UE.

2.2. Restrizzjoni ta' sustanzi u taħlitiet klassifikati skont is-CLP użati fil-prodott tal-għamara

Ir-rekwiżiti huma maqsumin f'żewġ partijiet, abbażi tal-istadju tal-produzzjoni tal-prodott tal-għamara. Il-Parti a) tirreferi għal sustanzi u taħlitiet li jintużaw matul kwalunkwe operazzjoni ta' rfinar jew ta' mmuntar li titwettaq direttament mill-manifattur tal-għamara. Il-Parti b) tirreferi għal sustanzi u taħlitiet li jintużaw matul il-produzzjoni ta' partijiet/materjali komponenti fornuti.

It-tessuti li ngħataw l-Ekotikketta tal-UE skont il-kriterji ekoloġiċi stabbiliti fid-Deċiżjoni 2014/350/UE jitqiesu li jikkonformaw mal-kriterji 2.2(a) u 2.2(b).

2.2(a) Sustanzi u taħlitiet li jintużaw mill-manifattur tal-għamara

L-ebda adeżiv, verniċ, żebgħa, primer, kolorant tal-injam, prodott bijoċidali (bħall-preservattivi tal-injam), ritardant tal-fjammi, filler, xama', żejt, mili tal-ġonot, siġillant, kolorant, reżina jew żejt lubrikanti li jintuża direttament mill-manifattur tal-għamara ma għandu jiġi kklassifikat ma' xi wieħed mill-perikli tas-CLP elenkati fit-Tabella 1, sakemm l-użu tagħhom ma jkunx speċifikament derogat fit-Tabella 2.

2.2(b) Sustanzi u taħlitiet li jintużaw mill-fornituri ta' partijiet/materjali komponenti definiti

Dan il-kriterju ma għandux japplika għal partijiet/materjali komponenti individwali minn fornituri li: (i) jiżnu inqas minn 25g u li (ii) ma jiġux f'kontatt dirett mal-utenti waqt użu normali.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/350/UE tal-5 ta' Ġunju 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-prodotti tessili (ĠU L 174, 13.6.2014, p. 45).

⁽²⁾ ECHA, "Lista ta' Kandidati ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna għall-Awtorizzazzjoni", <http://www.echa.europa.eu/candidate-list-table>.

L-ebda sustanza jew taħlita użata minn fornituri li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni definit hawn taħt ma għandha tiġi kklassifikata ma' xi wieħed mill-perikli tas-CLP elenkati fit-Tabella 1, sakemm l-użu tagħhom ma jkunx speċifikament derogat fit-Tabella 2:

- Injam solidu u panewijiet abbażi tal-injam: ażeżivi, verniċi, żebgħa, koloranti tal-injam, prodotti bijoċidali (bħall-preservattivi tal-injam), primers, fillers, ritardanti tal-fjammi, xama', żjut, mili tal-ġonot, siġillanti u reżini użati.
- Plastiks: pigmenti, plastifikanti, prodotti bijoċidali u ritardanti tal-fjammi li jintużaw bħala addittivi.
- Metalli: żebgħa, primers jew verniċi li jiġu applikati fuq wiċċ il-metall.
- Tapizzerija tessili, tal-ġilda u tad-drapp miksi: koloranti, verniċi, luminanti ottiċi, stabilizzaturi, komposti awżiljarji, ritardanti tal-fjammi, plastiċizzanti, prodotti bijoċidali jew ripellanti tal-ilma/ħmieġ/tbajja' użati.
- Materjal li jintuża għall-ikkuttunar tat-tapizzerija: prodotti bijoċidali, ritardanti tal-fjammi jew plastifikanti li jiġu applikati lill-materjal.

Tabella 2

Derogi għar-restrizzjonijiet tal-perikli fit-Tabella 1 u l-kundizzjonijiet applikabbli

Tip ta' sustanza/taħlita	Applikabbiltà	Klassifikazzjoni(jiet) derogata(i)	Kundizzjonijiet tad-deroga
(a) Prodotti bijoċidali (bħall-preservattivi tal-injam)	Trattament ta' partijiet komponenti u/ jew ta' materjali tat-tapizzerija li sejr in jintużaw fil-prodott finali	Il-perikli kollha tal-grupp 2 u 3 elenkati fit-Tabella 1 ħlief għall-perikli CMR	<p>Biss jekk is-sustanza attiva li jkun fih il-prodott bijoċidali tkun approvata jew tkun qed tiġi eżaminata qabel tittieħed deċiżjoni ta' approvazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 jew inkluża fl-Anness I ta' dak ir-Regolament, u fiċ-ċirkostanzi li ġejjin, skont kif ikun xieraq:</p> <p>i. Għal preservattivi użati fil-bottijiet preżenti f'formulazzjonijiet ta' kisi applikati lil partijiet/materjali komponenti ta' għamara ta' ġewwa jew ta' barra.</p> <p>ii. Għal preservattivi b'saff niexef preżenti f'kisi li jiġi applikat lill-għamara ta' barra biss.</p> <p>iii. Għal trattament għall-preservazzjoni tal-injam li għandu jintuża fl-għamara ta' barra iżda biss jekk l-injam oriġinali ma jissodisfax ir-rekwiżiti għal Durabbiltà tal-klassi 1 jew 2 skont l-EN 350.</p> <p>iv. Għal drappijiet tessili jew drappijiet miksi li jintużaw fi prodotti tal-għamara ta' barra.</p> <p>Verifika:</p> <p>L-applikant għandu jiddikjara liema, jekk ikun hemm, sustanzi attivi li fih il-prodott bijoċidali jkunu ġew użati fil-manifattura ta' partijiet/materjali komponenti differenti tal-għamara, appoġġjati b'dikjarazzjonijiet minn fornituri, SDSs rilevanti, numri CAS u r-riżultati minn ittestjar tal-EN 350, kif xieraq.</p>

Tip ta' sustanza/taħlita	Applikabbiltà	Klassifikazzjoni(jiet) derogata(i)	Kundizzjonijiet tad-deroga
(b) Ritardanti tal-fjammi	Tessuti, ġilda, drappijiet miksija f'materjal li jintuża għall-kisat-tapizzerija tal-għamara u anke materjal għall-ikkuttunar	H317, H373, H411, H412, H413	Il-prodott għandu jkun intiż sabiex jintuża f'applikazzjonijiet fejn ikun meħtieġ li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-protezzjoni min-nirien fl-istandards u fir-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku tal-ISO, tal-EN, tal-Istati Membri jew tas-settur pubbliku.
(c) Ritardanti tal-fjammi/Triossidu tal-Antimonju (ATO)		H351	ATO huwa permess biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: <ul style="list-style-type: none"> i. Il-prodott għandu jkun intiż sabiex jintuża f'applikazzjonijiet fejn ikun meħtieġ li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-protezzjoni min-nirien fl-istandards u r-regolamenti dwar l-akkwist pubbliku tal-ISO, tal-EN, tal-Istati Membri jew tas-settur pubbliku. ii. Jintuża bħala sustanza sinerġika ma' tessuti jew ma' drappijiet miksija. iii. L-emissjonijiet fl-arja fil-postijiet tax-xogħol fejn jiġi applikat ir-ritardant tal-fjammi fuq il-prodott tessili għandhom jissodisfaw valur ta' limitu ta' esponiment okkupazzjonali ta' 0,50 mg/m³fuq medda ta' tmien sigħat.
(d) Nikil	Partijiet komponenti tal-metall	H317, H351, H372	Permess biss meta jintuża f'partijiet komponenti tal-azzar inossidabbli jew ibbanjati fin-nikil u meta r-rata ta' rilaxx tan-nikil tkun inqas minn 0,5 µg/cm ² /fil-ġimgħa skont l-EN 1811.
(e) Komposti tal-kromu		H317, H411	Id-deroga tapplika biss għal komposti tal-kromju III li jintużaw f'operazzjonijiet ta' elettrodepożizzjoni (eż., klorur tal-kromju III).
(f) Komposti taż-żingu		H300, H310, H330, H400, H410	Id-deroga tapplika biss għal komposti taż-żingu li jintużaw f'operazzjonijiet ta' elettrodepożizzjoni jew ta' galvanizzar f'banju sħun (bħal, ossidu taż-żingu, klorur taż-żingu u ċjanur taż-żingu).
(g) Koloranti għat-tiż-biġh u għall-istampar mhux bil-pigmenti	Tessuti, ġilda u drappijiet miksijin f'materjal li jintuża għall-kisat-tapizzerija tal-għamara	H301, H311, H317, H331	Meta jintużaw formulazzjonijiet ta' kolorazzjoni mingħajr trab jew dożaġġ u distribuzzjoni awtomatiċi tal-koloranti mill-kumpaniji li jipproduċu ż-żebgħa u mill-istampaturi sabiex jitnaqqas l-esponiment tal-ħaddiema.

Tip ta' sustanza/taħlita	Applikabbiltà	Klassifikazzjoni(jiet) derogata(i)	Kundizzjonijiet tad-deroga
		H411, H412, H413	<p>Il-proċessi tal-għoti taż-żebgħa li jagħmlu użu minn żebgħat reattivi, diretti, żebgħat tal-bittija jew tal-kubrit għandhom jissodisfaw minimu ta' waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:</p> <ol style="list-style-type: none"> L-użu ta' żebgħat b'affinità għolja; Il-kisba ta' rata ta' rifjut ta' inqas minn 3,0 %; L-użu ta' strumentazzjoni li tqabbel il-kuluri; L-implimentazzjoni ta' proċeduri operattivi standard għall-proċess tal-għoti taż-żebgħa; L-użu tat-tneħħija tal-kulur għat-trattament tal-ilma mormi (*). <p>L-użu ta' għoti tal-kulur abbażi ta' soluzzjoni u/jew stampar diġitali huma eżentati minn dawn il-kundizzjonijiet.</p>
(h) Imbjankaturi ottiċi	Tessuti, ġilda u drappijiet miksijin f'materjal li jintuża għall-kisi tat-tapizzerija tal-għamara	H411, H412, H413	<p>Is-sustanzi li jgħolqu luminożità ottika jistgħu jiġu applikati biss fil-każijiet li ġejjin:</p> <ol style="list-style-type: none"> Fl-istampar b'kulur abjad; Bħala addittivi matul il-produzzjoni ta' akriliku, poliammid jew poliester b'kontenut riċiklat.
(i) Repellenti tal-ilma, tal-ħmieġ u tat-tbajja	Użu fi kwalunkwe trattament tal-wiċċ ta' partijiet/materjali komponenti tal-għamara	H413	<p>Ir-repellant u l-prodotti ta' degradazzjoni tiegħu għandhom jew:</p> <ol style="list-style-type: none"> ikunu bijodegradabbli b'mod faċli u/jew b'mod inerenti jew ikollhom potenzjal baxx ta' bjoakkumulazzjoni (Log Kow tal-koeffiċjent ta' partizzjoni ottanol/ilma ta' $\leq 3,2$ jew Fattur ta' Bijokonċentrazzjoni (BCF) ta' < 100) fl-ambjent akkwatiku, inkluż fis-sediment akkwatiku.
(j) Stabilizzaturi u verniċi	Użu fil-produzzjoni ta' drapp miksi	H411, H412, H413	<p>Għandu jintuża dożaġġ awtomatiku u/jew tagħmir personali protettiv sabiex jiġi minimizzat l-esponiment tal-ħaddiema. Mill-inqas 95 % ta' dawn l-addittivi għandhom juru tal-inqas degradazzjoni ta' 80 % tal-karbonju organiku dissolt fi żmien 28 jum bl-użu tal-metodi ta' ttestjar OECD 303 A/B u/jew ISO 11733.</p>
(k) Awżiljarji (li jinkludu trasportaturi, aġenti li jillivellaw, aġenti ta' dispersjoni, aġenti tensjoattivi, aġenti li jħaxxnu u aġenti li jorbtu)	Użu fit-trattament ta' materjal li jintuża għall-kisi tat-tapizzerija tal-għamara (tessuti, ġilda jew drappijiet miksija)	H301, H311, H317, H331, H371, H373, H411, H412, H413, EUH070	<p>Ir-riċetti għandhom jiġu fformulati bl-użu ta' sistemi ta' dożaġġ awtomatiċi u l-proċessi għandhom isegwu l-proċeduri operattivi standard.</p> <p>Sustanzi kklassifikati b'H311 jew b'H331 ma għandhomx ikunu preżenti fuq il-materjal f'konċentrazzjonijiet ikbar minn 1,0 % w/w.</p>

Tip ta' sustanza/taħlita	Applikabbiltà	Klassifikazzjoni(jiet) derogata(i)	Kundizzjonijiet tad-deroga
(l) Żebgħa, verniċi, reżini u adeżivi	Kwalunkwe parti/materjal komponenti tal-għamara	H304, H317, H412, H413, H371, H373	Għandha tiġi pprovduta Skeda tad-Data tas-Sikurezza (SDS) li tiddeskrivi b'mod ċar it-Tagħmir Personali Protettiv korrett u l-proċeduri adegwati għall-ħżin, għall-immaniġġar, għall-użu u għar-rimi ta' dawn it-taħlitiet waqt l-użu u dikjarazzjoni ta' prova ta' konformità ma' dawn il-miżuri.
		H350	Applikabbli biss għar-reżini abbażi ta' formaldeid fejn il-kontenut ta' formaldeid li beru fil-formulazzjoni tar-reżina (reżini, adeżivi u komposti għat-tishiġ) ma jaqbiżx iż-0,2 % (w/w) kif stabbilit mill-ISO 11402 jew mill-metodoloġija ekwivalenti.
(m) Żjut lubrikanti	F'partijiet komponenti ddisinjati biex jiċċaqalqu ripetutament waqt l-użu normali	Il-perikli kollha tal-Grupp 2 ħlief għall-perikli tas-CMR u l-perikli kollha tal-Grupp 3 elenkati fit-Tabella 1	Il-lubrikanti għandhom jitħallew jintużaw biss jekk it-testijiet rilevanti tal-OECD jew tal-ISO jkunu jistgħu juru li huma bijodegradabbli b'mod faċli jew b'mod inerenti fl-ambjent akkwatiku, inkluż fis-sediment akkwatiku.

(*) It-tneħħija tal-kulur fit-trattament tal-ilma mormi għandha titqies li tkun seħħet meta l-effluwenti fil-bini li fi h isseħħ il-kolorazzjoni jissodisfaw il-koeffiċjenti spettrali li ġejjin: (i) 7 m^{-1} fi 436 nm, 5 m^{-1} fi 525 nm u 3 m^{-1} fi 620 nm.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni ta' konformità mal-kriterju 2.2(a) u 2.2(b), appoġġjata, fejn xieraq, b'dikjarazzjonijiet mill-fornituri. Id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu appoġġjati b'listi ta' taħlitiet jew ta' sustanzi rilevanti li jkunu ntużaw flimkien ma' informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni jew in-nuqqas ta' klassifikazzjoni tal-periklu tagħhom.

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi pprovduta biex tappoġġja d-dikjarazzjonijiet tal-klassifikazzjoni jew tan-nuqqas ta' klassifikazzjoni tal-periklu għal kull sustanza jew taħlita:

- (i) In-numru CAS, EC jew tal-lista (fejn ikun disponibbli għat-taħlitiet);
- (ii) Il-forma fiżika u l-istat li fi h tintuża s-sustanza jew it-taħlita;
- (iii) Klassifikazzjonijiet armonizzati tal-periklu tas-CLP għas-sustanzi;
- (iv) Entraturi ta' awtoklassifikazzjoni fil-bażi tad-data tal-ECHA ⁽¹⁾ dwar sustanzi reġistrati ta' REACH (jekk ma jkunx hemm klassifikazzjoni armonizzata disponibbli).
- (v) Klassifikazzjonijiet ta' taħlitiet skont il-kriterji stabbiliti fir-Regolament CLP.

Meta jkunu qegħdin jitqiesu entrati ta' awtoklassifikazzjoni fil-bażi tad-data dwar sustanzi reġistrati ta' REACH, għandha tingħata prijorità lil entrati minn sottomissjonijiet konġunti.

Meta klassifikazzjoni tkun reġistrata bħala "b'data nieqsa" jew "inkonklużiva" skont il-bażi tad-data dwar is-sustanzi reġistrati ta' REACH, jew fejn is-sustanza tkun għadha ma ġietx reġistrata fis-sistema REACH, għandha tiġi pprovduta d-data tossikoloġika li tissodisfa r-rekwiżiti fl-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 b'tali mod li tkun biżżejjed biex tappoġġja l-awtoklassifikazzjonijiet konklużivi skont l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u l-gwida ta' appoġġ tal-ECHA. Fil-każ ta' entrati fil-bażi tad-data "b'data nieqsa" jew "inkonklużiva", l-awtoklassifikazzjonijiet għandhom jiġu verifikati u jiġu aċċettati jekk jekk ikollhom dawn is-sorsi ta' informazzjoni:

- (i) L-istudji tossikoloġiċi u l-valutazzjonijiet tal-periklu mill-aġenziji regolatorji bejn il-pari tal-ECHA ⁽²⁾, mill-korpi regolatorji tal-Istat Membru jew mill-korpi Intergovernattivi;

⁽¹⁾ ECHA, bażi tad-data dwar sustanzi reġistrati ta' REACH: <http://www.echa.europa.eu/information-on-chemicals/registered-substances>.

⁽²⁾ L-ECHA, "Kooperazzjoni ma' aġenziji regolatorji pari", <http://echa.europa.eu/mt/about-us/partners-and-networks/international-cooperation/cooperation-with-peer-regulatory-agencies>

- (ii) Skeda tad-data tas-sikurezza (SDS) mimlija kompletament skont l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;
- (iii) Ġudizzju espert dokumentat mogħti minn tossikoloġista professjonali. Dan għandu jkun ibbażat fuq revizzjoni tad-dokumentazzjoni xjentifika u tad-data eżistenti tal-ittestjar, meta meħtieġ appoġġjat b'riżultati ta' testijiet ġodda li jkunu saru minn laboratorji indipendenti bl-użu ta' metodi approvati mill-ECHA;
- (iv) Attestazzjoni, fejn xieraq, ibbażata fuq ġudizzju espert, maħruġa minn korp akkreditat ta' valutazzjoni tal-konformità li jwettaq valutazzjonijiet tal-periklu skont is-Sistema Globalment Armonizzata (GHS) tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta' sustanzi kimiċi jew ta' sistemi ta' klassifikazzjoni tal-periklu CLP.

Skont l-Anness XI tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi perikolużi tas-sustanzi jew tat-taħlitiet jistgħu jinkisbu b'mezzi differenti mit-testijiet, pereżempju bl-użu ta' metodi alternattivi bħall-metodi in vitro, b'mudelli kwantitattivi ta' struttura-attività jew bl-użu tar-ragruppar jew tar-read-across.

Għas-sustanzi u t-taħlitiet derogati elenkati fit-Tabella 2, l-applikant għandu jipprovdi evidenza li huma ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha tad-deroga.

Il-materjali bbażati fuq it-tessuti li jkunu nġhataw l-Ekotikketta tal-UE skont id-Deċizzjoni 2014/350/UE għandhom jitqiesu konformi mal-kriterju 2.2(a) u 2.2(b), madankollu għandha tiġi pprovduta kopja taċ-ċertifikat tal-Ekotikketta tal-UE.

Kriterju 3 — Injam, sufra, bambù u rattan

It-terminu "injam" ma japplikax biss għal injam solidu iżda anke għal laqxa tal-injam u għal fibri tal-injam. Fejn il-kriterji jirreferu biss għal panewijiet abbażi tal-injam, dan jissemma fit-titolu ta' dawn il-kriterji.

Il-folji tal-plastik manifatturati bil-Monomer tal-Klorur tal-Vinil (VCM) ma għandhomx jintużaw fi kwalunkwe parti tal-prodott tal-għamara.

3.1. Injam, sufra, bambù u rattan sostenibbli

Dan il-kriterju għandu japplika biss meta l-kontenut tal-injam jew tal-panewijiet tal-injam jaqbeż il-5 % w/w tal-piż finali tal-prodott (mingħajr l-ippakkjar).

L-injam, is-sufra, il-bambù u r-rattan kollu għandu jkun kopert minn ċertifikati tal-katina tal-kustodja maħruġa minn skema ta' ċertifikazzjoni ta' parti terza indipendenti bħall-Kunsill Dispensier tal-Foresti (FSC), il-Programm għall-Approvazzjoni taċ-Ċertifikazzjoni Forestali (PEFC) jew ekwivalenti.

L-injam, is-sufra, il-bambù u r-rattan verġni kollu ma għandux joriġina mill-ispeċijiet GMO u għandu jkun kopert b'ċertifikati validi ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti maħruġa minn skema ta' ċertifikazzjoni ta' parti terza indipendenti bħall-FSC, il-PEFC jew ekwivalenti.

Fejn skema ta' ċertifikazzjoni tippermetti t-taħlit ta' materjal mhux iċċertifikat ma' materjal iċċertifikat u/jew riċiklat fi prodott jew flinja ta' produzzjoni, minimu ta' 70 % tal-injam, tas-sufra, tal-bambù jew tal-materjal tar-rattan, kif xieraq għandu jkun materjal iċċertifikat bħala verġni u/jew materjal riċiklat sostenibbli.

Il-materjal mhux ċertifikat għandu jkun kopert minn sistema ta' verifika li tiżgura li jkun inkiseb b'mod legali u jissodisfa kwalunkwe rekwiżit ieħor tal-iskema ta' ċertifikazzjoni fir-rigward tal-materjal mhux iċċertifikat.

Il-korpi ta' ċertifikazzjoni li joħorġu ċertifikati tal-foresta u/jew tal-katina tal-kustodja għandhom ikunu akkreditati jew rikonnoxuti minn dik l-iskema ta' ċertifikazzjoni.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant jew il-fornitur tal-materjal, kif xieraq, għandu jipprovdi dikjarazzjoni tal-konformità appoġġjata b'ċertifikati validi, tal-katina tal-kustodja ċertifikati b'mod indipendenti għall-injam, għas-sufra, għall-bambù jew għall-materjal tar-rattan kollu użat fil-prodott jew fil-linja tal-produzzjoni u turi li tal-inqas 70 % tal-materjal joriġina minn foresti jew minn żoni ġestiti skont il-prinċipji tal-Ġestjoni Sostenibbli tal-Forestrija u/jew minn sorsi riċiklati li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti mill-iskema rilevanti indipendenti tal-katina tal-kustodja. Il-FSC, il-PEFC jew skemi ekwivalenti għandhom jitqiesu bħala ċertifikazzjoni aċċettabbli ta' parti terza indipendenti. Jekk l-iskema ma teħtieġx speċifikament li l-materjal verġni kollu jinkiseb minn speċijiet mhux GMO, għandha tingħata evidenza addizzjonali biex jintwera dan.

Jekk il-prodott jew il-linja tal-produzzjoni tkun tinkludi materjal verġni mhux iċċertifikat, għandha tingħata prova li l-kontenut tal-materjal verġni mhux iċċertifikat ma jaqbiżx it-30 % u jkun kopert minn sistema ta' verifika li tiżgura li jkun inkiseb legalment u jissodisfa kwalunkwe rekwiżit ieħor tal-iskema ta' ċertifikazzjoni fir-rigward ta' materjal mhux iċċertifikat.

3.2. Sustanzi ristretti

Minbarra l-kundizzjonijiet Ġenerali dwar sustanzi perikolużi stabbiliti fil-kriterju 2, il-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw speċifikament għal kwalunkwe parti komponenti tal-għamara li tkun magħmula mill-injam, mis-sufra, mill-bambù jew mir-rattan jew speċifikament sempliċiment għall-panewijiet abbażi tal-injam fejn it-terminu tal-aħħar jissemma fit-titolu tal-kriterju:

3.2(a) Kontaminanti f'injam riċiklat użat f'panewijiet abbażi tal-injam

Kwalunkwe fibra tal-injam jew laqx tal-injam riċiklati użati fil-manifattura ta' panewijiet abbażi tal-injam għandhom jiġu ttestjati skont l-istandard tal-Federazzjoni Ewropea tat-Twavel (EPF) għall-kundizzjonijiet tal-kunsinna ta' injam riċiklat⁽¹⁾ u jkunu konformi mal-limiti għal kontaminanti kif elenkat fit-Tabella 3.

Tabella 3

Limiti għal kontaminanti f'injam riċiklat

Kontaminant	Valuri ta' limitu (mg/kg ta' injam riċiklat)	Kontaminant	Valuri ta' limitu (mg/kg ta' injam riċiklat)
Arseniku (As)	25	Merkurju (Hg)	25
Kadmju (Cd)	50	Fluworu (F)	100
Kromju (Cr)	25	Kloru (Cl)	1 000
Ram (Cu)	40	Pentaklorofenol (PCP)	5
Ċomb (Pb)	90	Krijożat (Benzo(a)piren)	0,5

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi jew:

- (i) Dikjarazzjoni mill-manifattur tal-panew abbażi tal-injam li fil-panew ma jkunu ntużaw l-ebda fibri ta' injam riċiklat, jew
- (ii) Dikjarazzjoni mill-manifattur tal-panew abbażi tal-injam li l-fibri tal-injam riċiklat użati jkunu ġew ittestjati b'mod rappreżentattiv skont l-"Istandard tal-EPF għall-kundizzjonijiet tal-kunsinna ta' injam riċiklat" tal-2002, appoġġjata b'rapporti xierqa ta' testijiet li juru l-konformità tal-kampjuni tal-injam riċiklat mal-limiti speċifikati fit-Tabella 3.
- (iii) Dikjarazzjoni mill-manifattur tal-panew abbażi tal-injam li l-fibri kollha tal-injam riċiklat użati jkunu ġew ittestjati b'mod rappreżentattiv skont standards ekwivalenti oħra li għandhom limiti ugwali jew iktar stretti mill-"Istandard tal-EPF għall-kundizzjonijiet tal-kunsinna ta' injam riċiklat" tal-2002, appoġġjata b'rapporti xierqa ta' testijiet li juru l-konformità tal-kampjuni tal-injam riċiklat mal-limiti speċifikati fit-Tabella 3.

3.2(b) Metalli tqal fiż-żebgħa, fil-primers u fil-verniċi

Żebgħa, primers jew verniċi li jintużaw fuq l-injam jew fuq materjal abbażi ta' injam ma għandhomx ikun fihom sustanzi abbażi tal-kadmju, taċ-ċomb, tal-kromju VI, tal-merkurju, tal-arseniku jew tas-selenju, f'konċentrazzjonijiet li jaqbzù l-0,010 % w/w għal kull metall individwali li jinsab fil-bottijiet tal-formulazzjoni taż-żebgħa, tal-primer jew tal-verniċi.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant jew il-fornitur tal-materjal, kif xieraq, għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju u jipprovdi l-SDS rispettiva mill-fornituri taż-żebgħa, tal-primers u/jew tal-verniċi użati.

(1) "L-Istandard tal-EPF għall-kundizzjonijiet ta' kunsinna ta' injam riċiklat", Ottubru 2002. Disponibbli online fuq: <http://www.europanel.org/upload/EPF-Standard-for-recycled-wood-use.pdf>.

3.2(c) Kontenut ta' KOV fiż-żebgħa, fil-primers u fil-verniċi

Dan il-kriterju ma japplikax għall-uċuħ tal-injam li ma jkunux ittrattati jew għall-uċuħ tal-injam naturali trattati bis-sapun, bix-xama' jew biż-żejt.

Dan il-kriterju għandu japplika biss meta l-kontenut tal-injam jew tal-panewijiet tal-injam miksija (esklużi uċuħ tal-injam li ma jkunux ittrattati jew uċuħ tal-injam naturali trattati bis-sapun, bix-xama' jew biż-żejt) jaqbeż il-5 % w/w fil-prodott finali tal-għamara (mingħajr l-ippakkjar).

Ir-rekwiżiti ta' dan il-kriterju ma għandhomx għalfejn jiġu ssodisfati jekk tkun tista' tintwera konformità mal-kriterju 9.5.

Il-kontenut ta' KOV fi kwalunkwe żebgħa, primer jew verniċ użat għall-kisi ta' kwalunkwe injam jew panewijiet abbażi tal-injam użati fil-prodott tal-għamara ma għandux jaqbeż il-5 % (konċentrazzjoni fil-bott).

Madankollu, jista' jintuża kisi b'KOV ogħla, jekk ikun jista' jintwera li jew:

- Il-kwantità totali ta' KOV fiż-żebgħa, fil-primer jew fil-verniċi użat matul l-operazzjoni ta' kisi tammonta għal inqas minn 30 g/m² tal-erja tal-wiċċ miksi, jew
- Il-kwantità totali ta' KOV fiż-żebgħa, fil-primer jew fil-verniċi użata matul l-operazzjoni ta' kisi hija bejn it-30 u s-60 g/m² tal-erja tal-wiċċ miksi u li l-kwalità tal-finitura tal-wiċċ tissodisfa rekwiżiti kollha stabbiliti fit-Tabella 4.

Tabella 4

Rekwiżiti tal-kwalità tal-finitura tal-wiċċ jekk ir-rata ta' applikazzjoni tal-KOV tkun bejn it-30-60 g/m²

Standard tat-test	Kundizzjoni	Riżultat meħtieġ
EN 12720. Għamara — Valutazzjoni tar-reżistenza tal-wiċċ għal likwidi kesħin	Kuntatt mal-ilma	L-ebda tibdil wara kuntatt ta' 24 siegħa
	Kuntatt mal-griż (grease)	L-ebda tibdil wara kuntatt ta' 24 siegħa
	Kuntatt mal-alkoħol	L-ebda tibdil wara kuntatt ta' 1 siegħa
	Kuntatt mal-kafè	L-ebda tibdil wara kuntatt ta' 1 siegħa
EN 12721. Għamara — Valutazzjoni tar-reżistenza ta' wiċċ għal sħana umda	Kuntatt ma' sors ta' sħana ta' 70 °C	L-ebda tibdil wara l-ittestjar
EN 12722. Għamara — Valutazzjoni tar-reżistenza ta' wiċċ għal sħana xotta	Kuntatt ma' sors ta' sħana ta' 70 °C	L-ebda tibdil wara l-ittestjar
EN 15186. Għamara — Valutazzjoni tar-reżistenza tal-wiċċ għall-grif	Kuntatt ma' ponta tal-grif ta' djamant	Metodu A: l-ebda grif ta' $\geq 0,30$ mm wara l-applikazzjoni ta' tagħbija ta' 5N jew, Metodu B: l-ebda grif viżibbli $f \geq 6$ slots fil-mudell tal-wiri wara l-applikazzjoni ta' tagħbija ta' 5N

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità, li tispeċifika jekk il-konformità tkunx inkisbet għaliex il-prodott tal-għamara huwa eżenti mill-kriterju jew jekk tkunx inkisbet bl-użu kkontrollat ta' KOV fl-operazzjoni ta' kisi.

Fl-aħħar każ, id-dikjarazzjoni mill-applikant għandha tkun appoġġjata b'informazzjoni mill-fornitur taż-żebugħa, tal-primer jew tal-verniċi li tiddikjara l-kontenut u d-densità tal-KOV taż-żebugħa, tal-primer jew tal-verniċi (it-tnejn f'g/L) u kalkolu tal-kontenut effettiv f'perċentwali tal-KOV.

Jekk il-kontenut tal-KOV taż-żebugħa, tal-primer jew tal-verniċi ikun ikbar minn 5 % (konċentrazzjoni fil-bott), allura l-applikant għandu jew:

- (i) Jipprovi kalkoli li juru li l-kwantità effettiva ta' KOV applikati lill-erja tal-wiċċ miksi tal-għamara finali mmuntata hija ta' inqas minn 30 g/m², skont il-gwida pprovduta fl-Appendiċi I.
- (ii) Jipprovi kalkoli li juru li l-kwantità effettiva ta' KOV applikati lill-erja tal-wiċċ miksi tal-għamara finali mmuntata hija ta' inqas minn 60 g/m², skont il-gwida pprovduta fl-Appendiċi I u jipprovi rapporti ta' testijiet li juru konformità tal-finituri tal-wiċċ mar-rekwiżiti tat-Tabella 4.

3.3. Emissjonijiet ta' formaldeid minn panewijiet abbażi tal-injam

Dan il-kriterju għandu japplika biss meta l-kontenut tal-panewijiet tal-injam fil-prodott finali tal-għamara (mingħajr l-ippakkjar) jaqbeż il-5 % w/w.

Emissjonijiet ta' formaldeid mill-panewijiet kollha fornuti abbażi tal-injam, fil-forma li jintużaw fil-prodott tal-għamara (fi kliem ieħor, mingħajr wiċċ, miksiya, koperti, verniciati), u li kienu ġew manifatturati bl-użu ta' reżini abbażi ta' formaldeid għandhom jew:

- Ikunu inqas minn 50 % tal-valur limitu li jippermettilhom li jkunu kklassifikati bħala E1.
- Ikunu inqas minn 65 % tal-valur limitu ta' E1, fil-każ ta' panewijiet tal-Fajberbord ta' Densità Medja (MDF).
- Ikunu inqas mil-limiti stabbiliti fl-istandard CARB tal-Fażi II jew fl-istandard Japanese F-3 star jew F-4 star.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, li tiddikjara li l-applikant ma applika l-ebda modifika jew trattament fuq il-panewijiet li tipperikola l-konformità tagħhom mal-limiti ta' emissjonijiet tal-formaldeid tal-panewijiet fl-istat li jkunu ġew fornuti. Il-valutazzjoni u l-verifika ta' panewijiet b'emissjonijiet baxxi ta' formaldeid għandha tvarja skont l-iskema ta' ċertifikazzjoni li taqa' taħtha. Id-dokumentazzjoni ta' verifika meħtieġa għal kull skema hija deskritta fit-Tabella 5.

Tabella 5

Valutazzjoni u verifika ta' panewijiet b'emissjonijiet baxxi ta' formaldeid

Skema ta' ċertifikazzjoni	Dokumentazzjoni ta' verifika
E1 (kif definit fl-Anness B ta' EN 13986)	Dikjarazzjoni mill-manifattur tal-panew abbażi tal-injam li tgħid li l-panew huwa konformi ma' 50 % tal-limiti tal-emissjonijiet ta' E1 jew, fil-każ ta' panewijiet tal-MDF, ma' 65 % tal-limiti tal-emissjonijiet, appoġġjata b'rapporti ta' testijiet li jkunu saru jew skont EN 717-2, EN 120, EN 717-1 jew b'metodi ekwivalenti.
CARB — California Air Resources Board: Limiti tal-Fażi II	Dikjarazzjoni mill-manifattur tal-panew abbażi tal-injam, appoġġjata b'riżultati ta' testijiet skont l-ASTM E1333 jew l-ASTM D6007, li juru li l-panew huwa konformi mal-limiti tal-emissjonijiet tal-Fażi II ta' formaldeid definiti fir-Regolament 93120 California Composite Wood Products (¹). Il-panew abbażi tal-injam jista' jingħata tikketta skont is-Sezzjoni 93120.3(e), li jkun fiha dettalji dwar l-isem tal-manifattur, in-numru tal-lott tal-prodott, u n-numru CARB assenjat liċ-ċertifikatur terz (din il-parti mhijiex obbligatorja jekk il-prodotti jinbiegħu barra mill-Kalifornja jew jekk dawn kienu magħmula mingħajr ebda formaldeid miżjud jew bl-użu ta' ċerti reżini abbażi ta' formaldeid b'emissjonijiet ultra-baxxi).

Skema ta' ċertifikazzjoni	Dokumentazzjoni ta' verifika
Limiti ta' F-3 jew ta' 4 star	Dikjarazzjoni mill-manifattur tal-panew abbażi tal-injam b'konformità mal-limiti tal-emissjonijiet ta' formaldeid skont JIS A 5905 (għall-fajberbord) jew skont JIS A 5908 (għall-bord tal-partikuli u għall-plywood), appoġġjata b'data minn testijiet skont il-metodu dessikatur JIS A 1460
⁽¹⁾ Regolament 93120 "Airborne toxic control measure to reduce formaldehyde emissions from composite wood products" Kodiċi tar-Regolamenti ta' Kalifornja.	

Kriterju 4 — Plastiks

Il-plastik manifatturat bil-Monomer tal-Klorur tal-Vinil (VCM) ma għandux jintuża fi kwalunkwe parti tal-prodott tal-għamara.

4.1. Immarkar tal-partijiet komponenti tal-plastik

Parts tal-plastik b'massa ta' iktar minn 100 g għandhom jiġu mmarkati skont EN ISO 11469 u EN ISO 1043 (partijiet 1-4). L-għoli tal-ittri użati fl-immarkar għandu tal-inqas ikun 2,5 mm.

Meta b'mod intenzjonali fil-plastik jiġu inkorporati xi fillers, ritardanti tal-fjammi jew plastiċizzanti fi proporzjonijiet ikbar minn 1 % w/w, il-preżenza tagħhom għandha tiġi inkluża wkoll fl-immarkar skont EN ISO 1043 partijiet 2-4.

F'każijiet eċċezzjonali, in-nuqqas ta' mmarkar ta' parts tal-plastik b'piż ikbar minn 100 g huwa permess jekk:

- L-immarkar jista' jħalli impatt fuq il-prestazzjoni jew fuq il-funzjonalità tal-part tal-plastik;
- Meta l-immarkar ma jkun teknikament possibbli minħabba l-metodu tal-produzzjoni;
- Meta l-parts ma jkunux jistgħu jiġu mmarkati minħabba nuqqas ta' spazju xieraq għall-immarkar li jkun biżżejjed biex id-daqs tat-tipa jkun leġibbli biex ikun jista' jiġi identifikat minn operatur tar-riċiklaġġ.

Fil-każijiet ta' hawn fuq, fejn ikun permess nuqqas ta' mmarkar, iktar dettalji dwar it-tip ta' polimeru u dwar kwalunkwe addittiv skont ir-rekwiżiti tal-EN ISO 11469 u tal-EN ISO 1043 (partijiet 1-4) għandhom jiġu inklużi mal-informazzjoni għall-konsumatur imsemmija fil-kriterju 10.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprova dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, li telenka l-partijiet komponenti kollha tal-plastik b'piż ikbar minn 100 g fil-prodott tal-għamara u li tgħid jekk dawn ikunux ġew immarkati skont l-EN ISO 11469 u l-EN ISO 1043 (partijiet 1-4) jew le.

L-immarkar ta' kwalunkwe parti komponenti tal-plastik għandu jkun viżibbli b'mod ċar fuq eżami viżwali tal-parti komponenti tal-plastik. L-immarkar mhux bilfors irid ikun jidher b'mod ċar fil-prodott finali mmuntat tal-għamara.

Jekk ikun hemm xi parts tal-plastik b'piż ikbar minn 100 g li ma jkunux ġew immarkati, l-applikant għandu jipprova ġustifikazzjoni għan-nuqqas ta' immarkar u jindika l-post fejn l-informazzjoni rilevanti tkun ġiet inkluża fl-informazzjoni għall-konsumatur.

F'każijiet ta' dubju dwar in-natura tal-plastik għall-partijiet komponenti b'piż ikbar minn 100 g u fil-każ li l-fornituri ma jagħtux l-informazzjoni meħtieġa, għandha tiġi pprovduta data minn testijiet tal-laboratorju li jkunu użaw spektroskopija infraħamra jew Raman jew xi tekniki analitiċi xierqa oħra biex tiġi identifikata n-natura tal-polimeru tal-plastik u l-kwantità ta' mili jew ta' addittivi oħra, bħala evidenza ta' sostenn tal-immarkar EN ISO 11469 u EN ISO 1043.

4.2. Sustanzi ristretti

Minbarra r-rekwiżiti ġenerali għal sustanzi perikolużi stabbiliti fil-Kriterju 2, il-kundizzjonijiet elenkati hawn taħt għandhom japplikaw għal partijiet komponenti tal-plastik.

4.2(a) Metalli tqal f'addittivi tal-plastik

Il-partijiet komponenti tal-plastik u s-saffi tal-wiċċ ma għandhomx ikunu ġew manifatturati bl-użu ta' addittivi li fihom komposti tal-kadmju (Cd), tal-kromju VI (CrVI), taċ-ċomb (Pb), tal-merkurju (Hg) jew tal-landa (Sn).

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdni dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju.

Fejn jintuża biss plastik verġni, għandha tiġi aċċettata dikjarazzjoni mill-fornitur tal-materjal tal-plastik verġni li tgħid li ma jkun ntużaw l-ebda addittivi li fihom il-kadmju, il-kromju VI, iċ-ċomb, il-merkurju jew il-landa.

Fejn il-plastik verġni jkun ġie kkombinat ma' materjal tal-plastik qabel l-użu mill-konsumatur minn sorsi magħrufa u/jew ma' polietilentereftalat (PET), polisterin (PS), polietilen (PE) jew polipropilen (PP) wara l-użu mill-utenti finali (postkonsumatur) minn skemi ta' ġbir municiċpali, għandha tiġi aċċettata dikjarazzjoni mill-fornitur tal-materjal tal-plastik riċiklat li tgħid li ma jkun ġew intenzjonalment miżjuda l-ebda komposti li fihom il-kadmju, il-kromju VI, iċ-ċomb, il-merkurju jew il-landa.

Jekk il-fornitur ma jipprovdix dikjarazzjonijiet xierqa, jew fejn il-plastik verġni jiġi kkombinat ma' materjal riċiklat qabel l-użu mill-konsumatur minn sorsi mħallta jew mhux magħrufa, l-ittestjar rappreżentattiv tal-partijiet komponenti tal-plastik għandu juri konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Tabella 6.

Tabella 6

Valutazzjoni u verifika ta' impuritajiet ta' metalli tqal fil-plastik

Metall	Metodu	Limitu (mg/kg)	
		Verġni	Riċiklat
Cd	XRF (Fluworessenza bir-Raġġi X) jew diġestjoni bl-aċidi segwita minn spettrofotometrija bil-plażma kkupjata b'mod induttiv jew ta' assorbiment atomiku jew metodi ekwivalenti oħra għall-kejl tal-kontenut totali tal-metall	100	1 000
Pb		100	1 000
Sn		100	1 000
Hg		100	1 000
CrVI	EN 71-3	0,020	0,20

4.3. *Kontenut ta' plastik riċiklat*

Dan il-kriterju għandu japplika biss jekk il-kontenut totali ta' materjal tal-plastik fil-prodott tal-għamara jaqbeż l-20 % tal-piż totali tal-prodott (mingħajr l-ippakkjar).

Il-kontenut medju riċiklat ta' parts tal-plastik (li ma jinkludix l-ippakkjar) għandu jkun mill-inqas 30 % w/w.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdni dikjarazzjoni mill-fornitur(i) tal-plastik li tiddikjara l-kontenut medju riċiklat fil-prodott finali tal-għamara. Fejn partijiet komponenti tal-plastik ikunu ġejjin minn sorsi jew minn fornituri differenti, il-kontenut medju riċiklat għandu jiġi kkalkolat għal kull sors tal-plastik u għandu jiġi ddikjarat il-kontenut globali medju riċiklat tal-plastik fil-prodott finali tal-għamara.

Id-dikjarazzjoni tal-kontenut riċiklat mill-manifattur(i) tal-plastik għandha tkun appoġġjata b'dokumentazzjoni ta' traċċabbiltà għal materjal riċiklat tal-plastik. Opzjoni oħra tkun li tingħata informazzjoni dwar il-kunsinna tal-lott skont il-qafas stabbilit fit-Tabella 1 tal-EN 15343.

Kriterju 5 — Metalli

Minbarra r-rekwiżiti ġenerali għal sustanzi perikolużi stabbiliti fil-Kriterju 2, il-kundizzjonijiet elenkati hawn taħt għandhom japplikaw għal partijiet komponenti tal-metall fil-prodott tal-għamara.

5.1. *Restrizzjonijiet fuq l-elettrodepożizzjoni*

Il-kromju VI jew il-kadmju ma għandhomx jintużaw għal operazzjonijiet ta' elettrodepożizzjoni ta' kwalunkwe parti komponenti tal-metall użata fil-prodott finali tal-għamara

In-nikel għandu jitħalla jintuża biss f'operazzjonijiet ta' elettrodepożizzjoni jekk ir-rata ta' rilaxx tan-nikel mill-parti komponenti ta' elettrodepożizzjoni tkun inqas minn $0,5 \mu\text{g}/\text{cm}^2/\text{fil-ġimgħa}$ skont EN 1811.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni mill-fornitur tal-parti(jiet) komponenti tal-metall li tgħid li ma jkun intuża l-ebda trattament ta' elettrodepożizzjoni li jinvolvi sustanzi tal-kromju VI jew tal-kadmju fuq xi parti komponenti tal-metall.

Jekk in-nikel ikun intuża f'operazzjonijiet ta' elettrodepożizzjoni, l-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni mill-fornitur tal-partijiet komponenti tal-metall, appoġġjata b'rapport tat-test skont EN 1811 fejn ir-riżultati juru rati ta' ta' rilaxx tan-nikel ta' inqas minn $0,5 \mu\text{g}/\text{cm}^2/\text{fil-ġimgħa}$.

5.2. Metalli tqal fiż-żebgħa, fil-primers u fil-verniċi

Żebgħa, primers jew verniċi li jintużaw fuq partijiet komponenti tal-metall ma għandhomx ikun fihom addittivi abbażi tal-kadmju, taċ-ċomb, tal-kromju VI, tal-merkurju, tal-arseniku jew tas-selenju, f'konċentrazzjonijiet li jaqbu 0,010 % w/w għal kull metall individwali li jinsab fil-bottijiet tal-formulazzjoni taż-żebgħa, tal-primer jew tal-verniċi.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju u jipprovi l-SDS rispettiva mill-fornituri taż-żebgħa, tal-primers u/jew tal-verniċi użati.

5.3. Kontenut ta' KOV fiż-żebgħa, fil-primers u fil-verniċi

Dan is-subkriterju għandu japplika biss meta l-kontenut tal-partijiet komponenti miksija tal-metall (mingħajr l-ippakkjar) jaqbeż il-5 % w/w fil-prodott finali tal-għamara.

Ir-rekwiżiti ta' dan is-subkriterju ma għandhomx għalfejn jiġu ssodisfati jekk tkun tista' tintwera konformità mal-kriterju 9.5.

Il-kontenut ta' KOV ta' kwalunkwe żebgħa, primer jew verniċi użat għall-kisi ta' kwalunkwe parti komponenti tal-metall użata fil-prodott tal-għamara ma għandux jaqbeż il-5 % (konċentrazzjoni fil-bott).

Madankollu, jista' jintuża kisi b'KOV ogħla, jekk ikun jista' jintwera li jew:

- Il-kwantità totali ta' KOV fiż-żebgħa, fil-primer jew fil-verniċi użat matul l-operazzjoni ta' kisi tammonta għal inqas minn $30 \text{ g}/\text{m}^2$ tal-erja tal-wiċċ miksi, jew
- Il-kwantità totali ta' KOV fil-volum taż-żebgħa, tal-primer jew tal-verniċi li jintuża matul l-operazzjoni ta' kisi hija bejn 30 u $60 \text{ g}/\text{m}^2$ mill-erja tal-wiċċ miksi u li l-kwalità tal-finitura tal-wiċċ tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fit-Tabella 7.

Tabella 7

Rekwiżiti tal-kwalità tal-finitura tal-wiċċ jekk ir-rata ta' applikazzjoni tal-KOV tkun bejn $30-60 \text{ g}/\text{m}^2$

Standard tat-test	Kundizzjoni	Riżultat meħtieġ
EN 12720. Għamara — Valutazzjoni tar-reżistenza tal-wiċċ għal likwidi kesħin	Kuntatt mal-ilma	L-ebda tibdil wara kuntatt ta' 24 siegħa
	Kuntatt mal-griż (grease)	L-ebda tibdil wara kuntatt ta' 24 siegħa
	Kuntatt mal-alkoħol	L-ebda tibdil wara kuntatt ta' 1 siegħa
	Kuntatt mal-kafe	L-ebda tibdil wara kuntatt ta' 1 siegħa

Standard tat-test	Kundizzjoni	Riżultat meħtieġ
EN 12721. Għamara — Valutazzjoni tar-reżistenza ta' wiċċ għal sħana umda	Kuntatt ma' sors ta' sħana ta' 70 °C	L-ebda tibdil wara l-ittestjar
EN 12722. Għamara — Valutazzjoni tar-reżistenza ta' wiċċ għal sħana xotta	Kuntatt ma' sors ta' sħana ta' 70 °C	L-ebda tibdil wara l-ittestjar
EN 15186. Għamara — Valutazzjoni tar-reżistenza tal-wiċċ għall-grif	Kuntatt ma' ponta tal-grif ta' djamant	Metodu A: l-ebda grif ta' $\geq 0,30$ mm wara l-applikazzjoni ta' tagħbija ta' 5N jew, Metodu B: l-ebda grif viżibbli $f \geq 6$ slots fil-mudell tal-wiri wara l-applikazzjoni ta' tagħbija ta' 5N

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni ta' konformità, li tispjega jekk il-konformità tkunx inkisbet għaliex il-prodott tal-għamara huwa eżenti mill-kriterju jew jekk tkunx inkisbet bl-użu kkontrollat ta' KOV fl-operazzjoni ta' kisi.

Fl-aħħar każ, id-dikjarazzjoni mill-applikant għandha tkun appoġġjata b'informazzjoni mill-fornitur taż-żebgħa, tal-primer jew tal-verniċi li tiddikjara l-kontenut u d-densità tal-KOV taż-żebgħa, tal-primer jew tal-verniċi (it-tnejn fg/L) u kalkolu tal-kontenut effettiv f'perċentwali tal-KOV.

Jekk il-kontenut tal-KOV taż-żebgħa, tal-primer jew tal-verniċi ikun ikbar minn 5 % (konċentrazzjoni fil-bott), allura l-applikant għandu jkun:

- Jipprovi kalkoli li juru li l-kwantità effettiva ta' KOV applikati lill-erja tal-wiċċ miksi tal-għamara finali mmuntata hija ta' inqas minn 30 g/m², skont il-gwida pprovduta fl-Appendiċi I.
- Jipprovi kalkoli li juru li l-kwantità effettiva ta' KOV applikata lill-erja tal-wiċċ miksi tal-prodott tal-għamara finali mmuntata hija ta' inqas minn 60 g/m², skont il-gwida pprovduta fl-Appendiċi I u jipprovi rapporti ta' testijiet li juru l-konformità tal-finituri tal-wiċċ mar-rekwiżiti tat-Tabella 7.

Kriterju 6 — Materjal Li Jintuża għall-Kisi għat-Tapizzerija

Il-materjal ta' kisi għat-tapizzerija manifatturat bil-Monomer tal-Klorur tal-Vinil (VCM) ma għandux jintuża fi kwalunkwe parti tal-prodott tal-għamara.

6.1. Rekwiżiti dwar il-kwalità fiżika

Kwalunkwe ġilda użata bħala materjal ta' kisi għat-tapizzerija għandha tkun konformi mar-rekwiżiti dwar il-kwalitajiet fiżiċi ppreżentati fl-Appendiċi II.

Kwalunkwe tessut li jintuża bħala materjal ta' kisi għat-tapizzerija għandu jkun konformi mar-rekwiżiti dwar il-kwalitajiet fiżiċi ppreżentati fit-Tabella 8.

Kwalunkwe drapp miksi li jintuża bħala materjal għall-kisi tat-tapizzerija għandu jkun konformi mar-rekwiżiti dwar il-kwalitajiet fiżiċi ddikjarati fit-Tabella 9.

Tabella 8

Rekwiżiti fiżiċi għal materjal ta' kisi għal drappijiet tessili f'tapizzerija tal-għamara

Fattur tat-test	Metodu	Kisi li jinqala u li jinħasel	Kisi li jista' jitneħħa u li ma jinħasilx
Bidliet dimensjonali matul il-ħasil u t-tnixxif	<p>Ħasil domestiku: ISO 6330 + EN ISO 5077 (tliet ħasliet f'temperaturi kif indikat fuq il-prodott u tnixxif bit-tumble drier wara kull ċiklu ta' ħasil)</p> <p>Ħasil kummerċjali: ISO 15797 + EN ISO 5077 (f'minimu ta' 75 °C)</p>	<p>drappijiet minsuġa li jintużaw għat-tapizzerija tal-għamara: ± 2,0 %</p> <p>drappijiet minsuġa li jintużaw għall-kisi tal-mili tal-għamara: ± 3,0 %</p> <p>kisi tal-mili mhux minsuġ tal-għamara: ± 5,0 %</p> <p>drappijiet mhux minsuġa li jintużaw għat-tapizzerija tal-għamara: ± 6,0 %</p>	Mhux applikabbli
Iż-żamma tal-kulur fil-ħasil	<p>Ħasil domestiku: ISO 105-C06</p> <p>Ħasil kummerċjali: ISO 15797 + ISO 105-C06 (f'minimu ta' 75 °C)</p>	<p>≥ livell 3-4 għal tibdil fil-kulur</p> <p>≥ livell 3-4 għat-tbajja'</p>	Mhux applikabbli
Iż-żamma tal-kulur fit-tagħrik fl-imxarrab (*)	ISO 105 X12	≥ livell 2-3	≥ livell 2-3
Iż-żamma tal-kulur fit-tagħrik fin-niexef (*)	ISO 105 X12	≥ livell 4	≥ livell 4
Iż-żamma tal-kulur fid-dawl	ISO 105 B02	≥ livell 5 (**)	≥ livell 5 (**)
Ir-reżistenza tad-drappijiet għall-ifformar f'għamla ta' pilloli u għall-brix	<p>Prodotti maħduma bil-labar u mhux minsuġa: ISO 12945-1</p> <p>Drappijiet minsuġa: ISO 12945-2</p>	<p>ISO 12945-1 riżultat > 3</p> <p>ISO 12945-2 riżultat > 3</p>	<p>ISO 12945-1 riżultat > 3</p> <p>ISO 12945-2 riżultat > 3</p>

(*) Ma japplikax għal prodotti bojod jew għal prodotti li la huma kolorati u lanqas stampati.

(**) Madankollu livell ta' 4 huwa permess meta d-drappijiet li jkisu l-għamara jkollhom kemm kulur ċar (qawwa standard < 1/12) kif ukoll ikunu magħmula minn iktar minn 20 % suf jew fibri oħra tal-keratin, jew iktar minn 20 % għażel jew fibri tat-tilju.

Tabella 9

Rekwiżiti fiżiċi għal materjal li jintuża għall-kisi ta' drappijiet miksija f'tapizzerija tal-għamara

Proprietà	Metodu	Rekwiżit
Saħħa tensili	ISO 1421	CH ≥ 35daN u TR ≥ 20daN
Reżistenza għat-tiċrit tad-drappijiet miksija bil-metodu tat-tiċrit tal-qliezet (trouser tear method)	ISO 13937/2	CH ≥ 2,5daN u TR ≥ 2daN

Proprietà	Metodu	Rekwiżit
Iż-żamma tal-kulur wara esponiment għal kundizzjonijiet artifiċjali tat-temp — it-test tal-lampa bl-ark tal-kse-non	EN ISO 105-B02	Użu fuq ġewwa ≥ 6 ; Użu fuq barra ≥ 7
Tessuti — reżistenza għall-brix bil-metodu Martindale	ISO 5470/2	$\geq 75\ 000$
Determinazzjoni tal-adeżjoni tal-kisi	EN 2411	CH $\geq 1,5$ daN u TR $\geq 1,5$ daN

Fejn: daN = deca Newtons, CH = Warp u TR = Weft

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni mill-fornitur tal-ġilda, mill-fornitur tad-drappijiet tessili jew tad-drappijiet miksija, kif xieraq, appoġġjata b'rapporti ta' testijiet rilevanti, li jiddikjaraw li l-materjal ta' kisi għat-tapizzerija jissodisfa r-rekwiżiti fiżiċi għall-ġilda, għad-drappijiet tessili jew għad-drappijiet miksija kif speċifikat fl-Appendiċi II, fit-Tabella 8 jew fit-Tabella 9 rispettivament.

Materjali bbażati fuq it-tessuti li jkunu ngħataw l-Ekotikketta tal-UE skont id-Deċiżjoni 2014/350/UE għandhom jitqiesu bħala konformi ma' dan il-kriterju, madankollu għandha tiġi pprovduta kopja taċ-ċertifikat tal-Ekotikketta tal-UE.

6.2. Rekwiżiti dwar ittestjar kimiku

Dan il-kriterju japplika għall-materjal li jintuża għall-kisi tat-tapizzerija fil-forma finali trattata kif sejjer ikun qiegħed jintuża fil-prodott tal-għamara. Minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali dwar sustanzi perikolużi stabbiliti fil-kriterju 2, ir-restrizzjonijiet li ġejjin elenkati fit-Tabella 10 għandhom japplikaw speċifikament għal materjal li jintuża għall-kisi tat-tapizzerija:

Tabella 10

Rekwiżiti dwar ittestjar kimiku għall-materjal tal-ġilda, tat-tessuti u tad-drapp miks li jintuża għall-kisi

Sustanza kimika	Applikabbiltà	Limiti (mg/kg)		Metodu tal-ittestjar
Ariammini ristretti mit-tifriq ta' komposti ta' koloranti azo (*)	Ġilda	≤ 30 għal kull ammina (*)		EN ISO 17234-1
	Tessuti u drappijiet miksija			EN ISO 14362-1 u EN ISO 14362-3
Kromju VI	Ġilda	< 3 (**)		EN ISO 17075
Formaldeid liberu	Ġilda	≤ 20 (għall-għamara tat-tfal) (***) jew ≤ 75 għal għamara oħra		EN ISO 17226-1
	Tessuti u drappijiet miksija			EN ISO 14184-1
Metalli tqal estrattibli	Ġilda	Arseniku $\leq 1,0$	Antimonju $\leq 30,0$	EN ISO 17072-1
		Kromu $\leq 200,0$	Kadmju $\leq 0,1$	
		Kobalt $\leq 4,0$	Ram $\leq 50,0$	
		Ċomb $\leq 1,0$	Merkurju $\leq 0,02$	
		Nikil $\leq 1,0$		

Sustanza kimika	Applikabbiltà	Limiti (mg/kg)		Metodu tal-ittestjar
	Tessuti u drappijiet miksija	Arseniku ≤ 1,0	Antimonju ≤ 30,0 (****)	ISO 105 E04
		Kromu ≤ 2,0	Kadmju ≤ 0,1	
		Kobalt ≤ 4,0	Ram ≤ 50,0	
		Ċomb ≤ 1,0	Merkurju ≤ 0,02	
		Nikil ≤ 1,0		
Klorofenoli	Ġilda	Pentaklorofenol ≤ 0,1 mg/kg Tetraklorofenol ≤ 0,1 mg/kg		EN ISO 17070
Alkilfenoli	Ġilda, tessuti u drappijiet miksija	<p>Nonilfenol, isomeri mħallta (Nru CAS 25154-52-3); 4-Nonilfenol (Nru CAS 104-40-5) 4-Nonilfenol, bil-friegħi (Nru CAS 84852-15-3) Ottiflenol (Nru CAS 27193-28-8) 4-Ottiflenol (Nru CAS 1806-26-4) 4-tert-Ottiflenol (Nru CAS 140-66-9) Alkilfenoletossilati (APEOs) u d-derivattivi tagħhom: Fenol tal-ottil poliossietilat (Nru CAS 9002-93-1) Fenol tan-nonil poliossietilat (Nru CAS 9016-45-9) Fenon tal-P-nonil poliossietilat (Nru CAS 26027-38-3)</p> <p>Valur limitu tas-somma totali: ≤ 25 mg/kg — tessuti jew drappijiet miksija ≤ 100 mg/kg — ġilda</p>		<p>Għall-ġilda: EN ISO 18218-2 (metodu indirett) Għat-tessuti u għad-drappijiet miksija: EN ISO 18254 għall-alkilfenoletossilati. Għall-prodott finali tal-alkilfenoli, l-ittestjar irid isir bl-estrazzjoni ta' solvent segwita minn LC-MS jew GC-MS</p>
Idrokarburi Aromatiċi Poliċikliċi	Tessuti, drappijiet miksija jew ġilda	<p>PAHs ristretti skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006: Krisen (Nru CAS 218-01-9) Benzo[a]antraċen (Nru CAS 56-55-3) Benzo[k]florantena (Nru CAS 207-08-9) Benzo[a]piren (Nru CAS 50-32-8) Dibenzo[a,h]antraċen (Nru CAS 53-70-3) Benzo[j]fluworanten (Nru CAS 205-82-3) Benzo[b]fluworanten (Nru CAS 205-99-2) Benzo[e]piren (Nru CAS 192-97-2)</p>		AfPS GS 2014:01 PAK

Sustanza kimika	Applikabbiltà	Limiti (mg/kg)	Metodu tal-ittestjar
		Limiti individwali għal 8 PAHs elenkati hawn fuq: $\leq 1 \text{ mg/kg}$ PAHs addizzjonali soġġetti għal restrizzjoni: Naftalina (Nru CAS 91-20-3) Aċenaftenilina (Nru CAS 208-96-8) Aċenfatena (Nru CAS 83-32-9) Fluworen (Nru CAS 86-73-7) Fenantren (Nru CAS 85-1-8) Antraċen (Nru CAS 120-12-7) Fluworanten (Nru CAS 206-44-0) Piren (Nru CAS 129-00-0) Indeno[1,2,3-c,d]piren (Nru CAS 193-39-5) Benzo[g,h,i]perilene (Nru CAS 191-24-2) Limitu tas-somma totali għal 18-il PAH elenkati hawn fuq: $\leq 10 \text{ mg/kg}$	
N,N-Dimetilacetamide (Nru CAS 127-19-5)	Tessuti abbażi ta' elastan jew ta' akriliku	Riżultat $\leq 0,005 \%$ w/w ($\leq 50 \text{ mg/kg}$)	Estrazzjoni ta' solvent segwita minn GCMS jew LCMS
Kloralkani	Ġilda	C10-C13 (SCCP) kloralkani mhux traċċabbli C14-C17 (MCCP) kloralkani $\leq 1\ 000 \text{ mg/kg}$;	EN ISO 18219

(*) Total ta' 22 arilamin elenkati fl-Entrata 43 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 flimkien ma' żewġ komposti oħra (ara t-Tabella 1 fl-Appendiċi III għal lista sħiħa tal-arilamini li jridu jiġu ttestjati). Il-limitu ta' detezzjoni għall-EN ISO 17234-1 huwa ta' 30 mg/kg.

(**) Il-limitu ta' detezzjoni għal EN ISO 17075 huwa ġeneralment preżunt li huwa ta' 3 mg/kg.

(***) Għamara speċifikament iddisinjata għal trabi u tfal taħt it-3 snin.

(****) Jekk it-tessuti ttestjati jkunu ġew trattati b'ATO bħala sustanza sinerġika, skont il-kundizzjonijiet tad-deroga għall-użu ta' ATO fl-entrata (c) tat-Tabella 2, allura dawn għandhom ikunu eżentati minn konformità mal-limitu ta' lixxivjazzjoni għall-antimonju.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni li tgħid il-materjal tal-ġilda, tad-drappijiet tessili jew tad-drapp miġsi li jintuża għall-kisi tat-tapizzerija huwa konformi mal-limiti speċifikati fit-Tabella 10, appoġġjata b'rapporti ta' testijiet.

Materjali bbażati fuq it-tessuti li jkunu ngħataw l-Ekotikketta tal-UE skont id-Deċiżjoni 2014/350/UE għandhom jitqiesu bħala konformi ma' dan il-kriterju, madankollu għandha tiġi pprovduta kopja taċ-ċertifikat tal-Ekotikketta tal-UE.

6.3. Restrizzjonijiet matul il-proċessi ta' produzzjoni

Jekk il-materjal li jintuża għall-kisi tat-tapizzerija jammonta għal iktar minn 1,0 % w/w tal-piż totali tal-prodott tal-għamara (mingħajr l-ippakkjar), il-fornitur tal-materjal għandu jkun konformi mar-restrizzjonijiet speċifikati fit-Tabella 11 dwar l-użu ta' sustanzi perikolużi waqt il-produzzjoni.

Tabella 11

Sustanzi ristretti użati fl-istadji tal-produzzjoni tal-ġilda, tat-tessuti u tad-drapp miksi

1 — Sustanzi perikolużi li jintużaw fi stadji differenti tal-produzzjoni

(a) Aġenti deterġenti, tensjoattivi, rattaba u kumplessanti

<p>Applikabbiltà: Għall-istadji fil-proċess ta' kolorazzjoni u ta' irfinar fil-produzzjoni tat-tessuti, tal-ġilda jew tad-drapp miksi</p>	<p>Kull aġent deterġent u tensjoattiv li mhux joniku jew li hu katjoniku għandu jkun finalment bijodegradabbli f'kundizzjonijiet anaerobiċi.</p> <p><i>Valutazzjoni u verifika:</i> L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni mill-produttur tal-ġilda, tat-tessut jew tad-drapp miksi, appoġġjata b'dikjarazzjoni mill-fornitur(i) tas-sustanza kimika tagħhom u minn SDSs rilevanti u minn riżultati ta' testijiet EN ISO 11734 jew ECE-TOC Nru 28 OECD 311.</p> <p>L-aħħar reviżjoni tal-Bażi tad-Data tal-Ingredjenti tad-Deterġenti għandha tintuża bħala punt ta' referenza għall-bijodegradabbiltà u tista', fid-diskrezzjoni tal-korp kompetenti, tiġi aċċettata bħala alternattiva għall-għoti ta' rapporti ta' testijiet.</p> <p>http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/documents/did_list/didlist_part_a_mt.pdf</p> <hr/> <p>Sulfonati perfluoroalkiliċi ($\geq C6$) u aċidi perfluorokarbossilici ($\geq C8$) b'katina twila ma għandhomx jintużaw fil-proċessi tal-produzzjoni.</p> <p><i>Valutazzjoni u verifika:</i> L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni mill-produttur tal-ġilda, tat-tessut jew tad-drapp miksi, appoġġjata b'dikjarazzjoni mill-fornitur(i) tas-sustanza kimika tagħhom u minn SDSs rilevanti dwar in-nuqqas ta' użu ta' dawn is-sustanzi f'kull stadju tal-produzzjoni.</p>
---	--

(b) Sustanzi awżiljarji (li jintużaw f'taħlitiet, f'formulazzjonijiet u f'adeżivi)

<p>Applikabbiltà: Operazzjonijiet ta' kolorazzjoni u ta' irfinar għall-produzzjoni tal-ġilda, tat-tessut jew tad-drapp miksi</p>	<p>Is-sustanzi li ġejjin ma għandhomx jintużaw fl-ebda taħlita jew formulazzjoni għall-kolorazzjoni u l-irfinar ta' ġilda, tessuti jew drappijiet miksi:</p> <p>bis(alkil tax-xaħam tad-dam idroġenat) klorur tal-ammonju tad-dimetil (DTDMAC)</p> <p>klorur tal-ammonju tad-dimetil tad-distearil (DSDMAC)</p> <p>di(xaħam tad-dam imwebbes) klorur tal-ammonju tad-dimetil (DHTDMAC)</p> <p>etilen diammin tetra aċetat (EDTA),</p> <p>dietilen triammin penta aċetat (DTPA)</p> <p>4-(1,1,3,3-tetrametilbutil)fenol</p> <p>Aċidu nitrilotriacetat (NTA)</p> <p><i>Valutazzjoni u verifika:</i> L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni mill-fornitur tal-ġilda, tat-tessut jew tad-drapp miksi, appoġġjata b' SDSs rilevanti, li tgħid li dawn il-komposti ma jkunu ntużaw fl-ebda operazzjoni ta' kolorazzjoni u ta' irfinar tal-ġilda, tat-tessuti jew tad-drappijiet miksi.</p>
--	--

(c) Solventi

<p>Applikabbiltà: Proċessar ta' materjali tal-ġilda, tat-tessut jew tad-drapp misi</p>	<p>Is-sustanzi li ġejjin ma għandhomx jintużaw fl-ebda taħlita jew formulazzjoni għall-ip-proċessar tal-materjali tal-ġilda, tat-tessut jew tad-drapp miksi:</p> <p>2-Metossietanolu</p> <p>N,N-dimetilformammid</p> <p>1-Metil-2-pirrolidon</p> <p>Bis(2-metossietil) etere</p> <p>4,4'-Dijamminodifenilmetanu</p> <p>1,2,3-trikloropropan</p> <p>1,2-Dikloroetan (diklorur tal-etilen)</p> <p>2-Etossietanol</p>
--	--

	<p>Benżen-1,4-diammin diidroklorur</p> <p>Bis(2-metossietil) etere</p> <p>Formammid</p> <p>N-metil-2-pirrolidon</p> <p>Trikloroetilene</p> <p><i>Valutazzjoni u verifika:</i> L-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni mill-produttur tal-ġilda, tat-tessut jew tad-drapp miksi, appoġġjata b'SDSs rilevanti, li tgħid li dawn is-solventi ma jkunu ntużaw fl-ebda proċess tal-produzzjoni tal-ġilda, tat-tessuti jew tad-drapp miksi.</p>
--	---

2 — Koloranti li jintużaw fi proċessi ta' kolorazzjoni u ta' stampar

i.	<p>Trasportaturi li jintużaw fil-proċess ta' kolorazzjoni</p> <p>Applikabbiltà:</p> <p>Proċessi ta' kolorazzjoni u ta' stampar</p>	<p>Fejn jintużaw koloranti dispersi, ma għandhomx jintużaw aċċelleraturi aloġenati ta' kolorazzjoni (trasportaturi) (Eżempji ta' aċċelleraturi jinkludu: 1,2-diklorobenżen, 1,2,4-triklorobenżen, klorofenossietanol).</p> <p><i>Valutazzjoni u verifika:</i> L-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni, appoġġjata b'dikjarazzjonijiet tal-produtturi tal-ġilda, tat-tessut jew tad-drapp miksi, mill-fornitur(i) tas-sustanzi kimiċi tagħhom u minn kwalunkwe SDSs rilevanti, li jiddikjaraw in-nuqqas ta' użu ta' dawn it-trasportaturi aloġenati matul il-proċess ta' kolorazzjoni ta' kwalunkwe ġilda, tessut jew drapp miksi użat fil-prodott tal-ġhamara.</p>
ii.	<p>Koloranti fissanti tal-kromu</p> <p>Applikabbiltà:</p> <p>Proċessi ta' kolorazzjoni u ta' stampar</p>	<p>Ma għandhomx jintużaw koloranti fissanti tal-kromu.</p> <p><i>Valutazzjoni u verifika:</i> L-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni, appoġġjata b'dikjarazzjonijiet tal-produtturi tal-ġilda, tat-tessut jew tad-drapp miksi, mill-fornitur(i) tas-sustanzi kimiċi tagħhom u minn kwalunkwe SDSs rilevanti, li jiddikjaraw in-nuqqas ta' użu ta' xi kolorant fissanti tal-kromu matul il-proċess ta' kolorazzjoni ta' kwalunkwe ġilda, tessut jew drapp miksi użat fil-prodott tal-ġhamara.</p>
iii.	<p>Pigmenti</p> <p>Applikabbiltà:</p> <p>Proċessi ta' kolorazzjoni u ta' stampar</p>	<p>Ma għandhomx jintużaw pigmenti abbażi ta' kadmju, ċomb, kromju VI, merkurju, arseniku u antimonju.</p> <p><i>Valutazzjoni u verifika:</i> L-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni, appoġġjata b'dikjarazzjonijiet tal-produtturi tal-ġilda, tat-tessut jew tad-drapp miksi, mill-fornitur(i) tas-sustanzi kimiċi tagħhom u minn kwalunkwe SDSs rilevanti, li jiddikjaraw in-nuqqas ta' użu ta' xi pigmenti abbażi tal-metalli tqal imsemmija matul il-proċessi ta' kolorazzjoni u ta' stampar ma' kwalunkwe ġilda, tessut jew drapp miksi użat fil-prodott tal-ġhamara.</p>

3 — Proċessi ta' irfinar

<p>Komposti fluworinati</p> <p>Applikabbiltà:</p> <p>Materjal li jintuża għall-kisi tat-tapizzerija li fih ikollu funzjoni integrata li żżomm l-ilma jew it-tbajja' milli jinġidu l-materjal</p>	<p>Il-finituri ta' materjal għall-kisi ta' tapizzerija tal-ġhamara ma għandhomx jiġu mxappa b'komposti fluworinati sabiex l-ilma, it-tbajja' jew iż-żjut jinżammu milli jinġidu l-materjal. Din ir-restrizzjoni tinkludi sustanzi perfluworinati u polifluworinati. Għandhom ikunu permessi trattamenti mhux fluworinati li jużaw sustanzi bijodegradabbli b'mod faċli jew b'mod inerenti jew li jkollhom potenzjal bijoakkumulattiv baxx fl-ambjent akkwatiku.</p> <p><i>Valutazzjoni u verifika:</i> L-applikant għandu jipprovi dikjarazzjoni ta' konformità, appoġġjata b'dikjarazzjonijiet mill-produtturi tal-ġilda, tat-tessut jew tad-drapp miksi, dikjarazzjonijiet mill-fornitur(i) tas-sustanzi kimiċi u minn kwalunkwe SDSs rilevanti, li jiddikjaraw in-nuqqas ta' użu ta' sustanzi perfluworinati u polifluworinati fl-operazzjonijiet ta' irfinar tal-ġilda, tat-tessut jew tad-drapp miksi.</p> <p>Fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni aċċettabbli, il-korp kompetenti jista' jitlob ittestjar ulterjuri tal-materjal ta' kisi skont il-metodi definiti minn CEN/TS 15968.</p> <p>Għal trattamenti mhux fluworinati, il-karatteristiċi ta' bijodegradabbiltà b'mod faċli jew b'mod inerenti jistgħu jintwerew permezz ta' testijiet imwettqa skont il-metodi li ġejjin: OECD 301 A, ISO 7827, OECD 301 B, ISO 9439, OECD 301 C, OECD 301 D, ISO 10708, OECD 301 E, OECD 301 F, ISO 9408.</p>
--	---

	<p>Potenzjal baxx ta' bjoakkumulazzjoni għandu jintwera permezz ta' testijiet li juru koefċjenti tal-parti ottanol/ilma (Log Kow) ta' < 3,2 jew Fatturi ta' Bijokonċentrazzjoni (BCF) ta' < 100.</p> <p>Fil-każ ta' trattamenti mhux fluworinati, l-aħħar reviżjoni tal-Bażi tad-Data tal-Ingredjenti tad-Deterġenti għandha tintuża bħala punt ta' referenza għall-bijodegradabbiltà u tista', fid-diskrezzjoni tal-korp kompetenti, tiġi aċċettata bħala alternattiva għall-għoti ta' rapporti ta' testijiet.</p> <p>http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/documents/did_list/didlist_part_a_mt.pdf</p>
--	--

4 — Kwalità tal-effluwent tal-konzerija u konsum speċifiku tal-ilma

<p>Applikabbiltà: Proċessi tal-produzzjoni tal-ġilda</p>	<p>(i) Il-valur tas-COD fl-ilma mormi minn siti tal-konzar tal-ġilda, meta jintrema fl-ilma tal-wiċċ wara t-trattament (kemm jekk fuq il-post u mhux), ma għandux jaqbeż il-200 mg/l.</p> <p><i>Valutazzjoni u verifika:</i> l-applikant jew il-fornitur tal-materjal, kif xieraq, għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità appoġġjata b'dokumentazzjoni dettaljata u rapporti ta' testijiet skont ISO 6060 li fihom juri l-konformità ma' dan il-kriterju abbażi ta' medji ta' kull xahar għas-sitt xhur ta' qabel l-applikazzjoni. Id-data għandha turi l-konformità tal-post tal-produzzjoni jew, jekk l-effluwent ma jiġix trattat fuq il-post, tal-operatur tat-trattament tal-ilma mormi.</p> <p>(ii) Il-konċentrazzjoni totali tal-kromu fl-ilma mormi mill-konzerija wara t-trattament ma għandhiex taqbeż il-1,0 mg/l kif speċifikat fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/84/UE ⁽¹⁾.</p> <p><i>Valutazzjoni u verifika:</i> l-applikant jew il-fornitur tal-materjal, kif xieraq, għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità appoġġjata b'rapport tat-test bl-użu tal-metodi ta' ttestjar li ġejjin: ISO 9174 jew EN 1233 jew EN ISO 11885 għall-kromju fejn juri l-konformità ma' dan il-kriterju abbażi ta' medji ta' kull xahar għas-sitt xhur ta' qabel l-applikazzjoni. Kif xieraq, l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mal-BAT 10, u mal-BAT 11 jew 12 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/84/UE għat-tnaqis tal-kontenut tal-kromu fi skariki ta' ilma mormi.</p> <p>(iii) Il-konsum ta' ilma espress bħala volum medju annwali ta' ilma kkonsumat għal kull tunnellata ta' ġlud ħoxnin (hides) u ta' ġlud mhux maħduma ma għandux jaqbeż il-limiti mogħtija hawn taħt:</p>										
	<table border="1" style="width: 100%;"> <tr> <td style="width: 70%;">Ġlud ħoxnin</td> <td style="width: 30%;">28 m³/t</td> </tr> <tr> <td>Ġlud</td> <td>45 m³/t</td> </tr> <tr> <td>Ġilda kkunzata b'mod veġetali</td> <td>35 m³/t</td> </tr> <tr> <td>Ġlud tal-ħnieżer</td> <td>80 m³/t</td> </tr> <tr> <td>Ġlud tan-nagħaġ</td> <td>180 l/ġilda</td> </tr> </table>	Ġlud ħoxnin	28 m ³ /t	Ġlud	45 m ³ /t	Ġilda kkunzata b'mod veġetali	35 m ³ /t	Ġlud tal-ħnieżer	80 m ³ /t	Ġlud tan-nagħaġ	180 l/ġilda
Ġlud ħoxnin	28 m ³ /t										
Ġlud	45 m ³ /t										
Ġilda kkunzata b'mod veġetali	35 m ³ /t										
Ġlud tal-ħnieżer	80 m ³ /t										
Ġlud tan-nagħaġ	180 l/ġilda										
	<p><i>Valutazzjoni u verifika:</i> kif xieraq, l-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità mingħand il-fornitur tal-ġilda jew mill-kumpanija li timmanifattura l-ġilda. Id-dikjarazzjoni għandha tispeċifika l-ammont annwali ta' produzzjoni ta' ġilda u l-konsum relatat ta' ilma abbażi tal-valuri medji ta' kull xahar tal-aħħar tnax-il xahar qabel l-applikazzjoni, imkejjel mill-kwantità ta' ilma mormi skarikat.</p> <p>Jekk il-proċess tal-produzzjoni tal-ġilda jsir fpostijiet ġeografiċi differenti, l-applikant jew il-fornitur tal-ġlud nofshom lesti għandu jipprovdi dokumentazzjoni li tispeċifika li l-kwantità ta' ilma skarikat (m³) għall-kwantità ta' ġlud nofshom lesti pproċessati ftunnel-lati (t) jew l-ġhadd ta' ġlud għall-ġlud tan-nagħaġ, kif xieraq, abbażi tal-valuri medji ta' kull xahar matul it-tnax-il xahar ta' qabel l-applikazzjoni.</p>										

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/84/UE tal-11 ta' Frar 2013 li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT) skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali għall-ikkonzar tal-ġlud (ĠU L 45, 16.2.2013, p. 13).

Valutazzjoni u verifika: L-applikant għandu jikkompila d-dikjarazzjonijiet kollha rilevanti, l-SDSs u r-rapporti ta' testijiet mill-produtturi tal-ġilda, tat-tessuti jew tad-drapp miksi, jew mill-fornituri ta' tagħhom, li huma rilevanti biex tintwera konformità mar-rekwiżiti għan-nuqqas ta' użu tas-sustanzi perikolużi elenkati fit-Tabella 11.

Il-materjal li jintuża gall-kisi tat-tapizzerija li jkun magħmul mit-tessuti u li jkun ingħata l-Ekotikketta tal-UE skont id-Deċiżjoni 2014/350/UE għandu jitqies bħala konformi ma' dan il-kriterju għan-nuqqas ta' użu tas-sustanzi perikolużi elenkati matul il-proċessi ta' produzzjoni, iżda trid tiġi provduta kopja taċ-ċertifikat tal-Ekotikketta tal-UE.

6.4. Fibri tal-qoton u ta' żrieragħ ċellulożi naturali oħrajn

Qoton li iktar minn 70 % tal-piż b'piż tiegħu jkun ġej minn kontenut riċiklat huwa eżentat mir-rekwiżiti tal-kriterju 6.4.

Qoton u fibri ta' żrieragħ ċellulożi naturali oħra (minn hawn 'il quddiem, qoton) li mhumiex fibri riċiklati, għandu jkollhom kontenut minimu jew ta' qoton organiku (ara l-kriterju 6.4(a) jew ta' qoton b'ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara (IPM) (ara l-kriterju 6.4(b)).

It-tessuti li ngħataw l-Ekotikketta tal-UE skont il-kriterji ekoloġiċi stabbiliti fid-Deċiżjoni 2014/350/UE, jitqiesu li jikkonformaw mal-kriterju 6.4.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant jew il-fornitur tal-materjal, kif xieraq, għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità.

Fejn jintużaw tessuti bl-Ekotikketta tal-UE, l-applikant għandu jipprovdi kopja taċ-ċertifikat tal-Ekotikketta tal-UE sabiex juri li kienet ingħatat skont id-Deċiżjoni 2014/350/UE.

Fejn applikabbli, il-kontenut riċiklat għandu jkun jista' jiġi intraċċat lura lejn ir-riproċessar tal-materja prima. Dan għandu jiġi vverifikat permezz ta' ċertifikazzjoni minn parti terza indipendenti tal-katina tal-kustodja jew permezz ta' dokumentazzjoni pprovduta mill-fornituri u mir-riproċessuri tal-materja prima.

6.4(a) Standard tal-produzzjoni organika

Minimu ta' 10 % piż b'piż tal-fibri tal-qoton mhux riċiklat li jintuża f'materjali tat-tapizzerija għandu jtkabbar skont ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007⁽¹⁾, fil-Programm Organiku Nazzjonali (NOS) tal-Istati Uniti jew skont obbligi legali ekwivalenti stabbiliti mis-sħab kummerċjali tal-UE. Il-kontenut tal-qoton organiku jista' jinkludi qoton li jkun tkabbar b'mod organiku u qoton organiku tranżizzjonali.

Jekk il-qoton organiku jrid jiġi mħallat ma' qoton konvenzjonali jew ma' qoton IPM, il-qoton għandu jkun minn varjetajiet mhux ġenetikament modifikati.

Id-dikjarazzjonijiet dwar il-kontenut organiku jstgħu jsiru biss meta l-kontenut organiku jkun tal-anqas 95 %.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant jew il-fornitur tal-materjal, kif xieraq, għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità għall-kontenut organiku appoġġjata mill-evidenza li tkun ġiet ċertifikata minn korp ta' kontroll indipendenti, li kien ġie prodott f'konformità mar-rekwiżiti tal-produzzjoni u ta' spezzjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007, fil-Programm Organiku Nazzjonali (NOS) tal-Istati Uniti jew daww stabbiliti minn sħab kummerċjali oħra. Il-verifika għandha tiġi pprovduta għal kull pajjiż ta' oriġini.

L-applikant jew il-fornitur tal-materjal, kif xieraq, għandu juri l-konformità mar-rekwiżit ta' kontenut minimu ta' qoton organiku bbażat fuq il-volum annwali ta' qoton mixtri għall-manifattura tal-prodott finali u skont kull linja ta' prodott. Għandhom jiġu pprovduti r-rekords tat-tranżizzjonijiet u/jew il-fatturi li jiddokumentaw il-kwantità ta' qoton ċertifikat mixtri.

Għall-qoton konvenzjonali jew IPM li jintuża f'taħlitiet mal-qoton organiku, it-test ta' skrinjng għall-modifikazzjonijiet ġenetiċi komuni għandu jiġi aċċettat bħala prova ta' konformità tal-varjeta' tal-qoton.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 (ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1).

6.4(b) Produzzjoni tal-qoton skont il-Prinċipji ta' Ġestjoni Integrata tal-Organiżmi ta' Ħsara (IPM) u r-restrizzjoni fuq il-pestiċidi

Minimu ta' 20 % piż b'piż tal-fibra qoton mhux riċiklata li jintuża f'materjali tat-tapizzerija għandu jtkabbar skont il-prinċipji tal-IPM kif definiti fil-programm tal-IPM tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) jew skont is-sistemi ta' Ġestjoni Integrata tal-Uċuh tar-Raba' (ICM) li jikorporaw il-prinċipji tal-IPM.

Qoton IPM li jkun destinat biex jintuża fil-prodott finali għandu jkun tkabbar mingħajr l-użu ta' ebda waħda mis-sustanzi segwenti: aldikarb, aldrin, kamfeklor (toksafen), kaptafol, klordan, 2,4,5-T, klordimeform, ċipermetrina, DDT, dieldrin, dinoseb u l-imluħa tiegħu, endosulfan, endrin, heptaklor, eżaklorobenżen, eżakloroċiklożan (isomeri totali), metamidofos, metilparatjon, monokrotofos, neonikotinojdi (klotjanidin, imidakloprid, tijametoksam), paratjon, pentaklorofenol.

Valutazzjoni u verifika: L-applikant jew il-fornitur tal-materjal, kif xieraq, għandu jipprovi dikjarazzjoni ta' konformità mal-kriterju 6.4(b), appoġġjata b'evidenza li tikkonferma li tal-inqas 20 % piż b'piż tal-qoton mhux riċiklat li jinsab fil-prodott ikun tkabbar minn bdiewa li jkunu pparteċipaw fi programmi ta' taħriġ formali tal-FAO tan-NU jew fi programmi IPM u ICM tal-Gvern u/jew li jkunu ġew awditjati bħala parti minn skemi tal-IPM ċertifikati minn parti terza. Il-verifika għandha tiġi pprovduta jew fuq bażi annwali għal kull pajjiż ta' oriġini jew inkella fuq il-baży ta' ċertifikazzjonijiet għall-qoton IPM kollu mixtri għall-manifattura tal-prodott.

L-applikant tal-fornitur tal-materjal, kif xieraq, għandu jiddikjara wkoll li l-qoton IPM ma tkabbarx bl-użu ta' xi sustanza elenkata fil-kriterju 6.4(b). Skemi ta' ċertifikazzjoni tal-IPM li jeskludu l-użu tas-sustanzi elenkati għandhom jiġu aċċettati bħala prova ta' konformità.

